A.L. 178 ta' l-2005

Regolamenti ta' l-2005 dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur ta' l-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali

TITOLU I

Disposizzjonijiet ġenerali applikabbli għal kuntratti u kompetizzjonijiet dwar id-disinn

Kapitolu I	Termini bażiċi
1	Titolu, bidu fis-seħħ u tifsiriet
Kapitolu II	Tifsira ta' l-attivitajiet u l-entitajiet koperti
Sezzjoni 1	Entitajiet
2	Entitajiet kontraenti
Sezzjoni 2	Attivitajiet
3	Gass, sħana u elettriku
4	Ilma
5	Servizzi ta' trasport
6	Servizzi postali
7	Esplorazzjoni għal, jew estrazzjoni ta', żejt, gass, faħam jew karburanti solidi oħra, u provdiment ta' portijiet u ajruporti
8	Listi ta' entitajiet kontraenti
9	Kuntratti li jkopru għadd ta' attivitajiet
Kapitolu III	Prinċipji ġenerali
10	Prinċipji ta' għoti ta' kuntratti

TITOLU II

Regoli applikabbli għal kuntratti

Kapitolu I	Disposizzjonijiet ġenerali

11	Operaturi ekonomiċi
12	Kondizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' pattijiet magħmulin fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ
13	Kunfidenzjalità
14	Ftehim qafas
15	Sistemi dinamiċi ta' xiri
Kapitolu II	Limiti stabbiliti u disposizzjonijiet ta' esklużjoni
Sezzjoni 1	Limiti stabbiliti
16	Limiti stabbiliti għall-kuntratti
17	Metodi ta' kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratti, ftehim qafas u sistemi dinamiċi ta' xiri
Sezzjoni 2	Kuntratti u konċessjonijiet u kuntratti soġġetti għal arranġamenti speċjali
Sottosezzjoni 1	Konċessjonijiet ta' xogħlijiet u servizzi
18	Konċessjonijiet ta' xogħlijiet u servizzi
Sottosezzjoni 2	Eżklużjonijiet applikabbli għall-entitajiet kontraenti kollha u għat-tipi kollha ta' kuntratti
19	Kuntratti mogħtija għall-għanijiet ta' bejgħ mill-ġdid jew kiri b'self lil terzi
20	Kuntratti mogħtija għal għanijiet oħra minbarra t-twettiq ta' attività koperta jew għat-twettiq ta' dik l-attività f'pajjiż terz
21	Kuntratti li huma sigrieti jew jeħtieġu miżuri speċjali ta' sigurtà
22	Kuntratti mogħtija skond regoli internazzjonali
23	Kuntratti mogħtija lil intrapriża affiljata, lil *joint venture* jew lil entità kontraenti li tifforma parti minn *joint venture*
Sottosezzjoni 3	Esklużjonijiet applikabbli għall-entitajiet kontraenti kollha, izda għal kuntratti ta' servizzi biss
24	Kuntratti li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti servizzi eskluži

	mill-iskop ta' dawn ir-regolamenti
25	Kuntratti ta' servizzi mogħtija fuq il-bażi ta' dritt esklużiv
Sottosezzjoni 4	Esklużjonijiet applikabbli għal ċerti entitajiet kontraenti biss
26	Kuntratti mogħtija minn ċerti entitajiet kontraenti għax-xiri ta' ilma u għall-provvista ta' enerġija jew ta' karburanti għall-produzzjoni ta' l-enerġija
Sottosezzjoni 5	Kuntratti soġġetti għal arranġamenti speċjali u l-proċedura ġenerali fil-każ ta' esposizzjoni diretta għall-kompetizzjoni
27	Kuntratti riservati
28	Avviż dwar kompetizzjoni
29	Kuntratti u ftehim qafas mogħtija minn korpijiet ċentrali ta' xiri
30	Proċedura biex tiġi stabbilita jekk attività partikolari hijiex esposta direttament għall-kompetizzjoni
Kapitolu III	Regoli applikabbli għal kuntratti ta' servizzi
31	Kuntratti ta' servizzi elenkati fi Skeda XVIII
32	Kuntratti ta' servizzi elenkati fi Skeda XIX
33	Kuntratti ta' servizzi mħallta inklużi servizzi elenkati fi Skeda XVIII u servizzi elenkati fi Skeda XIX
Kapitolu IV	Regoli speċifiċi li jirregolaw l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumenti tal-kuntratt
34	Speċifikazzjonijiet tekniċi
35	Komunikazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi
36	Elementi li jvarjaw
37	Appalt
38	Kondizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratti
39	Obbligi li għandhom x'jaqsmu ma' taxxi, protezzjoni ta' l-ambjent, disposizzjonijiet ta' protezzjoni ta' impjieg u

	kondizzjonijiet ta' xogħol
Kapitolu V	Proċeduri
40	Użu ta' proċeduri miftuħa, ristretti u negozjati
Kapitolu VI	Regoli dwar il-pubblikazzjoni u t-trasparenza
Sezzjoni 1	Pubblikazzjoni ta' avviżi
41	Avviżi indikattivi perjodiċi u avviżi dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika
42	Avviżi wżati bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni
43	Avviżi dwar l-għoti ta' kuntratti
44	Forma u mod ta' pubblikazzjoni ta' avviżi
Sezzjoni 2	Limiti ta' żmien
45	Limiti ta' żmien biex jiġu riċevuti talbiet għall-parteċipazzjoni u biex jiġu riċevuti offerti
46	Proċeduri miftuħa: speċifikazzjonijiet, dokumenti u tagħrif addizzjonali
47	Stediniet għas-sottomissjoni ta' offerta jew għan-negozjar
Sezzjoni 3	Komunikazzjoni u tagħrif
48	Regoli applikabbli għall-komunikazzjoni
49	Tagħrif għal applikanti għall-kwalifika, kandidati u offerenti
50	Tagħrif li għandu jiġi reġistrat rigward għotjiet
Kapitolu VII	Kif titmexxa l-proċedura
51	Disposizzjonijiet ġenerali
Sezzjoni 1	Kwalifika u għażla kwalitattiva
52	Għarfien reċiproku rigward kondizzjonijiet amministrattivi, tekniċi jew finanzjarji, u ċertifikati, testijiet u provi
53	Sistemi ta' kwalifika

54	Kriterji għal għażla kwalitattiva
Sezzjoni 2	Għoti tal-kuntratt
55	Kriterji għall-għoti tal-kuntratti
56	Użu ta' bejgħ bl-irkant elettroniku
57	Offerti baxxi b'mod anormali
Sezzjoni 3	Offerti li jikkomprendu prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi u relazzjonijiet ma' dawk il-pajjiżi
58	Offerti li jikkomprendu prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi
59	Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi rigward kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi

TITOLU III

Regoli li jirregolaw kompetizzjonijiet dwar disinn

60	Disposizzjoni ġenerali
61	Limiti stabbiliti
62	Kompetizzjonijiet dwar disinn eskluży
63	Regoli dwar pubblikità u trasparenza
64	Mezzi ta' komunikazzjoni
65	Regoli dwar l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet dwar disinn, l-għażla ta' parteċipanti u *panel*
66	Deċiżjonijiet tal-*panel*

TITOLU IV

Obbligi ta' statistika

67	Obbligi ta' statistika

TITOLU V

Applikazzjoni tar-Regolamenti dwar Kuntratti Pubbliċi

68	Applikazzjoni tar-Regolamenti ta' l-2005 dwar Kuntratti Pubbliċi

SKEDI

Skeda I	Entitajiet kontraenti fis-setturi tat-trasport jew ta' distribuzzjoni tal-gass jew tas-sħana
Skeda II	Entitajiet kontraenti fis-setturi tal-produzzjoni, tat-trasport jew tad-distribuzzjoni ta' l-elettriku
Skeda III	Entitajiet kontraenti fis-setturi tal-produzzjoni, tat-trasport jew tad-distribuzzjoni ta' l-ilma tax-xorb
Skeda IV	Entitajiet kontraenti fil-qasam ta' servizzi tal-ferrovija
Skeda V	Entitajiet kontraenti fil-qasam ta' servizzi urbani tal-ferrovija, tat-trammijiet, tat-*trolleybus* jew tal-karozzi tal-linja
Skeda VI	Entitajiet kontraenti fis-settur tas-servizzi postali
Skeda VII	Entitajiet kontraenti fis-setturi ta' esplorazzjoni għal estrazzjoni ta' żejt jew gass
Skeda VIII	Entitajiet kontraenti fis-setturi ta' esplorazzjoni għal u estrazzjoni tal-faħam u karburanti solidi oħra
Skeda IX	Entitajiet kontraenti fil-qasam ta' port marittimu jew intern jew faċilitajiet ta' *terminals* oħra
Skeda X	Entitajiet kontraenti fil-qasam ta' stallazzjonijiet ta' ajruporti
Skeda XI	Lista ta' leġislazzjoni Komunitarja imsemmija fir-regolament 30(3)
Skeda XII	Lista ta' attivitajiet kif imsemmija fit-tifsira ta' "Kuntratti ta' xogħlijiet" fir-regolament 1
Skeda XIII	Tagħrif li għandu jiġi inkluż fl-avviżi dwar kuntratti:
	A. Proċeduri miftuħa
	B. Proċeduri ristretti
	C. Proċeduri negozjati
	D. Avviż simplifikat ta' kuntratt għall-użu f'sistema dinamika ta' xiri

Skeda XIV	Tagħrif li għandu jiġi inkluż fl-avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika
Skeda XV	Tagħrif li għandu jiġi inkluż fl-avviż perjodiku indikattiv
Skeda XVI	Tagħrif li għandu jiġi inkluż fl-avviż ta' pubblikazzjoni ta' avviż perjodiku indikattiv dwar profil tax-xerrej mhux użat bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni
Skeda XVII	Tagħrif li għandu jiġi inkluż fl-avviż ta' l-għoti tal-kuntratt
Skeda XVIII	Servizzi skond it-tifsira tar-regolament 31
Skeda XIX	Servizzi skond it-tifsira tar-regolament 32
Skeda XX	Tagħrif li għandu jiġi inkluż fl-avviż dwar kompetizzjoni dwar disinn
Skeda XXI	Tagħrif li għandu jiġi inkluż fir-riżultati ta' l-avviżi dwar kompetizzjoni dwar disinn
Skeda XXII	Karatteristiċi rigward il-pubblikazzjoni
Skeda XXIII	Tifsira ta' ċerti speċifikazzjonijiet tekniċi
Skeda XXIV	Tabella sommarja tal-limiti ta' żmien preskritti fir-regolament 45
Skeda XXV	Disposizzjonijiet tad-dritt internazzjonali dwar ix-xogħol skond it-tifsira tar-regolament 59(3)
Skeda XXVI	Ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu ma' tagħmir biex jiġu riċevuti b'mod elettroniku offerti, talbiet għall-parteċipazzjoni, applikazzjonijiet għall-kwalifika kif ukoll għal pjanijiet u proġetti f'kompetizzjonijiet

A.L. 178 ta' l-2005

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA

(KAP. 174)

Regolamenti ta' l-2005 dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur ta' l-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

TITOLU I

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI APPLIKABBLI GĦAL KUNTRATTI U KOMPETIZZJONIJIET DWAR ID-DISINN

Kapitolu I

Termini bażiċi

Titolu, bidu fis-seħħ u tifsiriet.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti ta' l-2005 dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur ta' l-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fit-3 ta' Ġunju, 2005.

(3) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, għandhom jgħoddu t-tifsiriet li ġejjin -

"bejgħ bl-irkant elettroniku" tfisser proċess repetittiv li jinvolvi tagħmir elettroniku għall-preżentazzjoni ta' prezzijiet ġodda, riveduti 'l isfel, u, jew valuri ġodda li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti elementi ta' l-offerti, li jseħħu wara valutazzjoni inizjali sħiħa ta' l-offerti, biex tgħin sabiex jitqiegħdu fuq lista ta' skala bl-użu tal-metodi awtomatiċi ta' valutazzjoni. Għalhekk, ċerti kuntratti tas-servizzi u ċerti kuntratti tax-xogħlijiet li huma msejsa fuq prestazzjonijiet intelletwali, bħal ma hu d-disinn tax-xogħlijiet, ma jistgħux ikunu l-oġġett ta' bejgħ bl-irkant elettroniku;

"ftehim qafas" tfisser ftehim bejn xi waħda jew aktar mill-entitajiet kontraenti msemmija fir-regolament 2(2) u xi wieħed jew aktar mill-operaturi ekonomiċi, li jkollu l-għan li jistabbilixxi l-

pattijiet li jirregolaw il-kuntratti li għandhom jingħataw matul xi żmien partikolari, b'mod partikolari rigward il-prezz u, fejn ikun xieraq, il-kwantitajiet maħsuba;

"kandidat" tfisser operatur ekonomiku li fittex stedina biex jipparteċipa fi proċedura ristretta jew negozjata;

"kompetizzjonijiet dwar id-disinn" huma dawk il-proċeduri li bihom l-awtorità kontraenti tista' takkwista, prinċipalment fl-oqsma ta' l-ippjanar ta' ibliet u l-kampanja, l-arkitettura, l-inġinerija ċivili jew ta' l-ipproċessar ta' l-informazzjoni, xi pjan jew disinn li jintgħażel minn korp aġġudikanti wara li ssir kompetizzjoni dwaru li tista' jew ma tistax tkun marbuta ma' l-għoti ta' premjijiet;

"konċessjoni ta' servizzi" hija kuntratt ta' l-istess tip bħal kuntratt ta' servizzi ħlief għall-fatt li l-korrispettiv għall-għoti tas-servizzi jkun jikkonsisti jew unikament fil-jedd li jiġi sfruttat is-servizz jew f'dan id-dritt flimkien mal-ħlas;

"konċessjoni ta' xogħlijiet" hija kuntratt ta' l-istess tip bħal kuntratt ta' xogħlijiet, ħlief għall-fatt li l-korrispettiv għax-xogħlijiet li jkunu ser isiru jkun jikkonsisti jew unikament fil-jedd li tiġi sfruttata l-kostruzzjoni jew f'dan id-dritt flimkien mal-ħlas;

"kuntratti ta' provvista" huma kuntratti li ma jkunux dawk imsemmija fit-tifsira ta' "kuntratt ta' xogħlijiet" li jkollhom bħala l-għan tagħhom ix-xiri, is-self, il-kiri jew *hire-purchase*, sew jekk bl-għażla li jsir ix-xiri jew mingħajrha, ta' prodotti:

Iżda kuntratt li jkollu bħala l-għan tiegħu l-provvista ta' prodotti u li jkopri wkoll, bħala materja inċidentali, s-sejbien ta' sit u l-istallazzjoni, jitqies bħala "kuntratt ta' provvista";

"kuntratti ta' provvista, xogħlijiet u servizzi" huma kuntratti b'interess pekunjarju li jsiru bil-miktub bejn entità kontraenti waħda jew aktar imsemmija fir-regolament 2(2), u kuntrattur, fornitur, jew provditur ta' servizzi wieħed jew aktar;

"kuntratti ta' servizzi" huma kuntratti barra minn kuntratti ta' xogħlijiet jew kuntratti ta' provvisti li għandhom bħala l-għan tagħhom l-għoti tas-servizzi msemmija fl-Iskedi XVIII jew XIX:

Iżda kuntratt li għandu bħala l-għan tiegħu sew il-prodotti kif ukoll is-servizzi fl-ambitu ta' l-Iskedi XVIII jew XIX jitqies bħala "kuntratt ta' servizzi" jekk il-valur tas-servizzi in kwistjoni jaqbeż dak tal-prodotti koperti bil-kuntratt:

Iżda wkoll kuntratt li għandu bħala l-għan tiegħu servizzi

skond it-tifsira ta' l-Iskedi XVIII jew XIX u li jinkludi attivitajiet skond it-tifsira ta' l-Iskeda XII li huma biss inċidentali għall-għan prinċipali tal-kuntratt jitqies bħala kuntratt ta' servizzi;

"kuntratti ta' xogħlijiet" huma kuntratti li l-għan tagħhom huwa jew l-eżekuzzjoni, jew kemm l-eżekuzzjoni u d-disinn, ta' xogħlijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' xi waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Iskeda XII; jew xi xogħol, jew ir-realizzazzjoni b'kull mezz li jkun, ta' xi xogħol li jkun jikkorrispondi mal-ħtiġiet speċifikati mill-entità kontraenti; "xogħol" tfisser l-eżitu finali ta' xi xogħlijiet ta' bini jew inġinerija ċivili meħuda fl-intier tagħhom li hu biżżejjed fih innifsu biex iwettaq funzjoni ekonomika u teknika;

"kuntrattur", "fornitur" jew "provditur ta' servizzi" ifissru persuna naturali jew ġuridika jew entità kontraenti skond it-tifsira tar-regolament 2(2)(a) jew (b), jew grupp ta' dawk il-persuni u, jew entitajiet li joffru fis-suq, rispettivament, l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet u, jew xi xogħol, prodotti jew servizzi;

"mezzi elettroniċi" tfisser l-użu ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluż kompressar diġitali) u l-ħażna ta' informazzjoni li hija trasmessa, mwassla u riċevuta bil-fili, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi oħra elettromanjetiċi;

"miktub" jew "bil-miktub" tfisser kull espressjoni li tikkonsisti fi kliem jew figuri u li tista' tinqara', tiġi riprodotta u sussegwentement komunikata. Jista' ikun fiha informazzjoni li tiġi trasmessa u tinħażen b'mezzi elettroniċi.

"operatur ekonomiku" tkopri ugwalment il-kunċetti ta' kuntrattur, ta' fornitur u ta' provditur ta' servizzi. Tintuża biss fl-interessi ta' simplifikazzjoni; "offerent" huwa operatur ekonomiku li jagħmel offerta;

"proċeduri miftuħa, ristretti u negozjati" huma dawk il-proċeduri dwar akkwisti pubbliċi applikati minn entitajiet kontraenti, li bihom:

(a) fil-każ ta' proċeduri miftuħa, kull operatur ekonomiku interessat jista' jagħmel offerta;

(b) fil-każ ta' proċeduri ristretti, kull operatur ekonomiku jista' jitlob li jipparteċipa u li fihom dawk il-kandidati biss li jkunu ġew mistiedna mill-entità kontraenti jistgħu jagħmel offerta;

(ċ) fil-każ ta' proċeduri negozjati, l-entità kontraenti tikkonsulta ma' l-operaturi ekonomiċi li tkun għażlet u tinnegozja ma' wieħed jew aktar minnhom il-pattijiet tal-kuntratt;

"sistema dinamika ta' xiri" hija proċess kompletament elettroniku biex isir xiri komuni, li l-karatteristika tiegħu, hekk kif ikun ġeneralment disponibbli fis-suq, tosserva l-kondizzjonijiet meħtieġa ta' l-awtorità kontraenti, li huwa limitat fiż-żmien u miftuħ matul il-validità tiegħu għal kull operator ekonomiku li jissodisfa l-kriterji ta' l-għazla u li jkun tefa' offerta indikattiva li tikkonforma ma' l-ispeċifikazzjoni;

"il-Vokabolarju Komuni dwar l-Akkwisti Pubbliċi (CPV)" tfisser in-nomenklatura ta' referenza applikabbli għal kuntratti pubbliċi kif adottata bir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-5 ta' Novembru 2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Vokabolarju Komuni dwar l-Akkwisti Pubbliċi (CPV) filwaqt li tiġi żgurata ekwivalenza ma' nomenklaturi oħra eżistenti:

Iżda fl-eventwalità ta' interpretazzjonijiet diversi fl-iskop ta' dawn ir-regolamenti minħabba fid-differenzi possibbli bejn il-CPV u n-nomenklaturi ta' l-NACE elenkati fl-Iskeda XII jew bejn in-nomenklaturi tal-CPV u l-CPC (versjoni provviżorja) elenkati fl-Iskedi XVIII jew XIX, in-nomenklatura tal-NACE jew tal-CPC jieħdu preċedenza rispettivament.

Kapitolu II

Tifsira ta' l-attivitajiet u l-entitajiet koperti

SEZZJONI 1

Entitajiet

Entitajiet kontraenti.

2. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti -

"awtoritajiet kontraenti" huma l-awtoritajiet Statali, reġjonali jew lokali, korpi regolati bid-dritt pubbliku, assoċjazzjonijiet li ġew iffurmati b'waħda jew ħafna minn dawn l-awtoritajiet jew wieħed jew aktar minn dawn il-korpi regolati bid-dritt pubbliku;

"intrapriża pubblika" tfisser kull intrapriża li fuqha l-awtoritajiet kontraenti jistgħu direttament jew indirettament jeżerċitaw influwenza dominanti għaliex ikunu proprjetarji tagħha, permezz tal-parteċipazzjoni finanzjarja tagħhom fiha, jew minħabba fir-regoli li jirregolawha. Jitqies li jkun hemm influwenza dominanti minn naħa ta' l-awtoritajiet kontraenti meta dawn l-awtoritajiet, direttament jew

indirettament, għar-rigward ta' intrapriża -

- ikollhom f'idejhom l-parti l-kbira tal-kapital sottoskritt ta' l-intrapriża, jew

- ikunu jikkontrollaw l-parti l-kbira tal-voti konnessi ma' ishma maħruġa mill-intrapriża, jew

- jistgħu jaħtru iżjed minn nofs il-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' l-intrapriża;

"korp regolat bid-dritt pubbliku" tfisser kull korp:

- stabbilit għall-għan speċifiku li jilħaq l-esiġenzi li jinqalgħu fl-interess ġenerali, mingħajr ma jkollu ebda xeħta industrijali jew kummerċjali,

- li jkollu personalità ġuridika; u

- iffinanzjat, mill-biċċa l-kbira, mill-Istat, jew awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew korpi oħra regolati bid-dritt pubbliku; jew soġġett għas-superviżzjoni manigerjali minn dawk il-korpi; jew li jkollu bord amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, li aktar minn nofs il-membri tiegħu jkunu maħtura mill-Istat, awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew minn korpi oħra regolati bid-dritt pubbliku.

(2) Dan ir-regolament jgħodd għal entitajiet kontraenti:

(a) li huma awtoritajiet kontraenti jew intrapriżi pubbliċi u li jwettqu xi waħda mill-attivitajiet msemmija fir-regolamenti 3 sa 7;

(b) li, meta m'humiex awtoritajiet kontraenti jew intrapriżi pubbliċi, jkollhom bħala waħda mill-attivitajiet tagħhom xi waħda mill-attivitajiet imsemmija fir-regolamenti 3 sa 7, jew xi taħlita tagħhom u jkunu joperaw abbażi ta' drittijiet speċjali jew esklużivi mogħtija minn awtorità kompetenti ta' Malta.

(3) "Drittijiet speċjali jew esklużivi" jfissru drittijiet mogħtija permezz ta' xi disposizzjoni leġislattiva, regolatorja jew amministrattiva li l-effett tagħha jkun li jiġi limitat l-eżerċizzju ta' attivitajiet kif imfissra fir-regolamenti 3 sa 7 jew entità waħda jew aktar, u li sostanzjalment tolqot l-kapaċità ta' l-entitajiet l-oħra li jwettqu dik l-attività.

SEZZJONI 2

Attivitajiet

Gass, sħana u elettriku.

3. (1) Safejn jirrigwarda l-gass u s-sħana, dawn ir-regolamenti jgħoddu għall-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-provdiment jew l-operazzjoni ta' rettikolati fissati maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku li jirrigwarda l-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni ta' gass jew sħana; jew

(b) il-provvista ta' gass jew sħana lejn dawn ir-rettikolati.

(2) Il-provvista ta' gass jew sħana lil rettikolati li jipprovdu servizz lill-pubbliku minn entità kontraenti oħra li ma tkunx awtorità kontraenti ma għandhiex titqies bħala attività rilevanti fit-tifsira tas-subregolament (1) meta:

(a) il-produzzjoni ta' gass jew sħana mill-entità konċernata hija l-konsegwenza inevitabbli ta' twettieq ta' attività oħra barra minn dawk imsemmija fis-subregolament (1) jew (3) ta' dan ir-regolament jew fir-regolamenti 4 sa 7; u

(b) il-provvista lir-rettikolat pubbliku hija immirata biss lejn l-isfruttament ekonomiku ta' din il-produzzjoni u tammonta għal mhux aktar minn għoxrin fil-mija tat-*turnover* ta' l-entità wara li tiġi kunsidrata l-medja għat-tliet snin preċedenti, inkluża s-sena kurrenti.

(3) Safejn jirrigwarda l-elettriku, dawn ir-regolamenti jgħoddu għall-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-provdiment jew l-operazzjoni ta' rettikolati fissi maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku li jirrigwarda l-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni ta' l-elettriku; jew

(b) il-provvista ta' l-elettriku lejn dawn ir-rettikolati.

(4) Il-provvista ta' elettriku lil rettikolati li jipprovdu servizz lill-pubbliku minn entità kontraenti oħra li ma tkunx awtorità kontraenti ma għandhiex titqies bħala attività rilevanti fit-tifsira tas-subregolament (3) meta:

(a) il-produzzjoni ta' l-elettriku mill-entità konċernata sseħħ minħabba f'li l-konsum tiegħu huwa meħtieġ għat-twettiq ta' attività oħra minbarra dawk imsemmija fis-subregolamenti (1) u (3) ta' dan ir-regolament jew fir-regolamenti 4 sa 7; u

(b) il-provvista lir-rettikolat pubbliku tiddependi biss fuq il-konsum ta' l-entità stess u ma tkunx qabżet it-tletin fil-mija tal-produzzjoni totali ta' l-entità, wara li tiġi kunsidrata l-medja għat-tliet snin preċedenti, inkluża s-sena kurrenti.

Ilma.

4. (1) Dawn ir-regolamenti jgħoddu għall-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-provdiment jew l-operazzjoni ta' rettikolati fissati maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku li jirrigwarda l-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni ta' l-ilma tax-xorb; jew

(b) il-provvista ta' l-ilma tax-xorb lejn dawn ir-rettikolati.

(2) Dawn ir-regolamenti jgħoddu wkoll għal kuntratti jew kompetizzjonijiet ta' disinn mogħtija jew organizzati minn entitajiet li jwettqu xi attività msemmija fis-subregolament (1) u li:

(a) huma konnessi ma' proġetti ta' inġinerija idrawlika, irrigazzjoni jew drenaġġ ta' l-art, sakemm il-volum ta' ilma li għandu jintuża għall-provvista ta' l-ilma tax-xorb jirrappreżenta aktar minn għoxrin fil-mija tal-volum totali ta' l-ilma magħmul disponibbli minn dawn il-proġetti jew stallazzjonijiet ta' irrigazzjoni jew ta' drenaġġ, jew

(b) huma konnessi mar-rimi jew it-trattament tal-ħmieġ tad-drenaġġ.

(3) Il-provvista ta' l-ilma tax-xorb lil rettikolati li jipprovdu servizz lill-pubbliku minn entità kontraenti li ma tkunx awtorità kontraenti ma għandhiex titqies bħala attività rilevanti fit-tifsira tas-subregolament (1) meta:

(a) il-produzzjoni ta' l-ilma tax-xorb mill-entità konċernata sseħħ minħabba f'li l-konsum tagħha huwa meħtieġ għat-twettiq ta' attività oħra minbarra dawk imsemmija fir-regolamenti 3 sa 7; u

(b) il-provvista lir-rettikolat pubbliku tiddependi biss fuq il-konsum ta' l-entità stess u ma tkunx qabżet it-tletin fil-mija tal-produzzjoni totali ta' l-ilma tax-xorb mill-entità, wara li tiġi kunsidrata l-medja għat-tliet snin preċedenti, inkluża s-sena kurrenti.

Servizzi ta' trasport.

5. (1) (a) Dawn ir-regolamenti jgħoddu għal attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-provdiment jew l-operazzjoni ta' rettikolati li

jipprovdu servizz lil pubbliku fil-qasam tat-trasport bil-ferrovija, sistemi awtomati, bit-trammijiet, *trolley bus*, karozza tal-linja jew *cable*.

(b) Rigward servizzi ta' trasport, għandu jitqies li jeżisti rettikolat meta s-servizz provdut ikun skond kondizzjonijiet operattivi preskritti minn awtorità kompetenti ta' Malta, bħal ma huma kondizzjonijiet fir-rotot li għandu jsir servizz fuqhom, il-kapaċità li dawn ikunu disponibbli jew il-frekwenza tas-servizz.

(2) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx jgħoddu għal entitajiet li jipprovdu servizzi tat-trasport lill-pubbliku bil-karozzi tal-linja li kienu eskluż mill-iskop tad-Direttiva 93/38/KEE skond l-Artikolu 2(4) tagħha.

Servizzi postali.

6. (1) Dawn ir-regolamenti jgħoddu għal attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-provdiment ta' servizzi postali jew, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fis-subregolament (2)(ċ), servizzi oħra barra minn servizzi postali.

(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 97/67/KE:

(a) "oġġett postali": tfisser oġġett indirizzat fil-forma finali li fiha jrid jingħarr, irrispettivament mit-toqol. B'żieda ma' oġġetti ta' korrispondenza, dawn l-oġġetti jinkludu wkoll per eżempju, kotba, katalogi, gazzetti, perjodiċi u pakketti postali li jkun fihom merkanzija b'valur kummerċjali jew mingħajru, irrispettivament mit-toqol;

(b) "servizzi postali": tfisser servizzi li jikkonsistu mir-rilaxx, l-għażla, l-għoti ta' direzzjoni u l-kunsinna ta' oġġetti postali. Dawn is-servizzi jinkludu:

- "servizzi postali riservati": servizzi postali li huma jew jistgħu ikunu riservati abbażi ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/67/KE,

- "servizzi postali oħra": servizzi postali li ma jistgħux jiġu riservati abbażi ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/67/KE; u

(ċ) "servizzi oħra barra minn servizzi postali": ifissru servizzi provduti fl-oqsma li ġejjin:

- servizzi ta' tmexxija ta' servizz tal-posta (servizzi kemm preċedenti u sussegwenti għad-dispaċċ, bħal ma huma "servizzi ta' tmexxija tal-kamra ta' l-ittri"),

- servizzi ta' valur miżjud magħquda ma' u provduti kollha kemm huma permezz ta' mezzi elettroniċi (inkluża t-trasmissjoni sigura ta' dokumenti kodifikati permezz ta' mezzi elettroniċi, servizzi ta' tmexxija ta' indirizzar u trasmissjoni ta' posta elettronika reġistrata),

- servizzi rigward oġġetti postali mhux inklużi fil-paragrafu (a), bħal ma huma posta diretta mingħajr indirizz,

- servizzi finanzjarji, kif imfissra fil-kategorija 6 ta' Skeda XVIII u fir-regolament 24(ċ) u inkluż b'mod partikolari *money orders* postali u trasferimenti *giro* postali,

- servizzi filateliċi, u

- servizzi loġistiċi (servizzi li jikkombinaw twassil fiżiku u, jew magazzinaġġ ma' funzjonijiet oħra mhux postali),

bil-kondizzjoni li dawn is-servizzi huma provduti minn entità li tipprovdi wkoll servizzi postali fit-tifsira tal-paragrafu (b), l-ewwel jew it-tieni inċiż, u sakemm il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 30(1) ma humiex sodisfatti rigward is-servizzi li msemmija f'dawk l-inċiżi.

Esplorazzjoni għal, jew estrazzjoni ta', żejt, gass, faħam jew karburanti solidi oħra, u provdiment ta' portijiet u ajruporti.

7. Dawn ir-regolamenti jgħoddu għal attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-isfruttament ta' żona ġeografika għall-finijiet ta':

(a) l-esplorazzjoni għal jew l-estrazzjoni ta' żejt, gass, faħam jew karburanti solidi oħra, jew

(b) il-provdiment ta' ajruporti u portijiet marittimi jew interni jew faċilitajiet ta' *terminals* oħra lil trasportaturi bl-ajru, bil-baħar jew bil-kanali interni.

Listi ta' entitajiet kontraenti.

8. Il-listi mhux mitmuma ta' entitajiet kontraenti fit-tifsira ta' dawn ir-regolamenti jinstabu fl-Iskedi I sa X. Kull bidla f'dawn il-listi għandha tiġi notifikata lill-Kummissjoni.

Kuntratti li jkopru għadd ta' attivitajiet.

9. (1) Kuntratt li huwa maħsub li jkorpi għadd ta' attivitajiet għandu jkun soġġett għar-regoli applikabbli għall-attività li għaliha kien maħsub prinċipalment:

Iżda l-għażla bejn l-għoti ta' kuntratt wieħed u l-għoti ta' għadd ta' kuntratti separati ma tistax issir bil-għan li jiġi eskluż mill-iskop ta' dan ir-regolament.

(2) Jekk waħda mill-attivitajiet li għaliha l-kuntratt huwa maħsub hija soġġetta għal dan ir-regolament u jekk huwa oġġettivament impossibbli li jiġi stabbilit għal liema attività l-kuntratt huwa prinċipalment maħsub, il-kuntratt għandu jingħata skond dan ir-regolament mingħajr riferenza għal dawn ir-regolamenti.

(3) Jekk waħda mill-attivitajiet li għaliha il-kuntratt huwa maħsub hija soġġetta għal dawn ir-regolamenti u l-oħra ma hijiex soġġetta jew għal dan ir-regolament, u jekk huwa oġġettivament impossibbli li jiġi stabbilit għal liema attività l-kuntratt huwa prinċipalment maħsub, il-kuntratt għandu jingħata skond dawn ir-regolamenti.

Kapitolu III

Prinċipji ġenerali

Prinċipji ta' għoti ta' kuntratti.

10. Entitajiet kontraenti għandhom jittrattaw lill-operaturi ekonomiċi b'mod ugwali u mhux b'mod diskriminatorju u għandhom jaġixxu b'mod trasparenti.

TITOLU II

REGOLI APPLIKABBLI GĦAL KUNTRATTI

Kapitolu I

Disposizzjonijiet ġenerali

Operaturi ekonomiċi.

11. (1) Kandidati jew offerenti li, skond il-liġi ta' l-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti, huma intitolati li jipprovdu s-servizz rilevanti, ma għandhomx jiġu rifjutati biss abbażi li, skond il-liġi ta' Malta, ikunu meħtieġa li jkunu persuni naturali jew ġuridiċi:

Iżda fil-każ ta' kuntratti ta' servizzi u ta' xogħlijiet kif ukoll kuntratti ta' provvista li jkopru wkoll servizzi u, jew s-sejbien ta' sit u stallazzjoni, persuni ġuridiċi jistgħu jinħtieġu li jindikaw, fl-offerta jew fit-talba għal parteċipazzjoni, l-ismijiet u kwalifiki professjonali rilevanti tal-persunal li ser ikun responsabbli għat-twettiq tal-kuntratt imsemmi.

(2) Gruppi ta' operaturi ekonomiċi jistgħu jagħmlu offerti jew jippreżentaw ruħhom bħala kandidati. Sabiex issir offerta jew talba għal parteċipazzjoni, dawn il-gruppi ma jistgħux jinħtieġu mill-entitajiet kontraenti li jassumu forma legali speċifika; madankollu, il-grupp magħżul jista' jinħtieġ li jagħmel dan meta jkun ingħata l-kuntratt, safejn din il-bidla hija meħtieġa għat-twettiq sodisfaċenti tal-kuntratt.

Kondizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' pattijiet magħmulin fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

12. Għall-finijiet ta' l-għoti ta' kuntratti minn entitajiet kontraenti, il-kondizzjonijiet għandhom ikunu l-istess favorevoli bħal dawk li jagħtu lil operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi fl-implimentazzjoni ta' ftehim konkluż fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Kunfidenzjalità.

13. (1) Fil-kuntest ta' l-għoti ta' speċifikazzjonijiet tekniċi lil operaturi ekonomiċi interessati, ta' kwalifika u ta' għażla ta' operaturi ekonomiċi u ta' l-għoti ta' kuntratti, l-entitajiet kontraenti jistgħu jimponu ħtiġiet bil-ħsieb li jipproteġu n-natura kunfidenzjali ta' tagħrif li huma jagħmlu disponibbli.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw l-obbligi li għandhom x'jaqsmu mal-pubbliċità ta' kuntratti mogħtija u mat-tagħrif lill-kandidati u offerenti msemmija fir-regolamenti 43 u 49, u konformement mal-liġi ta' Malta, l-awtorità kontraenti ma għandhiex tiżvela tagħrif, mibgħut lilha minn operaturi ekonomiċi, li jkun ġie deskritt bħala kunfidenzjali; dan it-tagħrif jinkludi, partikolarment, sigrieti tekniċi jew kummerċjali u l-aspetti konfidenzjali ta' offerti.

Ftehim qafas.

14. (1) Entitajiet kontraenti jistgħu iqisu ftehim qafas bħala kuntratt skond it-tifsira tar-regolament 1(3) u jagħtuh skond dawn ir-regolamenti.

(2) Fejn entitajiet kontraenti ikunu taw ftehim qafas skond dawn ir-regolamenti, ikunu jistgħu japplikaw r-regolament 40(3)(i) meta jagħtu kuntratti li jkunu bażati fuq dak il-ftehim qafas.

(3) Fejn ftehim qafas ma jkunx ingħata skond dawn ir-regolamenti, l-entitajiet kontraenti ma jistgħux japplikaw ir-regolament 40(3)(i).

(4) Entitajiet kontraenti ma jistgħux jagħmlu użu ħażin minn ftehim qafas sabiex ifixklu, jillimitaw jew jgħawwġu l-kompetizzjoni.

Sistemi dinamiċi ta' xiri.

15. (1) Entitajiet kontraenti jistgħu jużaw sistemi dinamiċi ta' xiri.

(2) Sabiex titwaqqaf sistema dinamika ta' xiri, entitajiet kontraenti għandhom isegwu r-regoli ta' proċedura miftuħa fil-fażijiet kollha sa l-għoti tal-kuntratti li għandhom isiru skond din is-sistema. L-offerenti kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' l-għażla u jkunu għamlu offerta indikattiva li tkun konformi ma' l-ispeċifikazzjoni, u kull dokument addizzjonali possibbli, għandhom jiddaħħlu fis-sistema; offerti indikattivi jistgħu jiġu mtejba f'kull waqt sakemm ikomplu jkunu konformi ma' l-ispeċifikazzjoni. Bil-ħsieb li titwaqqaf is-sistema

u ta' l-għoti ta' kuntratti skond dik is-sistema, entitajiet kontraenti għandhom jużaw biss mezzi elettroniċi skond ir-regolament 48(2) sa (5).

(3) Sabiex titwaqqaf sistema dinamika ta' xiri, l-entitajiet kontraenti għandhom:

(a) jippubblikaw avviż dwar kuntratt li jagħmilha ċara li hija involuta sistema dinamika ta' xiri;

(b) jindikaw fl-ispeċifikazzjoni, fost materji oħra, in-natura tax-xiri previst skond dik is-sistema, kif ukoll it-tagħrif kollu meħtieġ rigward is-sistema ta' xiri, it-tagħmir elettroniku wżat u l-arranġamenti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' konnessjoni;

(ċ) joffru permezz ta' mezzi elettroniċi, mal-pubblikazzjoni ta' l-avviż u sakemm tiskadi s-sistema, aċċess mhux ristrett, dirett u sħiħ għall-ispeċifikazzjoni u għal kull dokument addizzjonali u għandhom jindikaw fl-avviż l-indirizz ta' l-internet li fih dawk id-dokumenti jistgħu jiġu konsultati.

(4) (a) Entitajiet kontraenti għandhom jagħtu lil kull operatur ekonomiku, matul il-perjodu kollu tas-sistema dinamika ta' xiri, il-possibbiltà li ssir offerta indikattiva u li jiġi mdaħħal fis-sistema skond il-kondizzjonijiet imsemmija fis-subregolament (2). Għandhom itemmu l-valutazzjoni fi żmien massimu ta' ħmistax-il ġurnata mid-data minn meta ssir l-offerta indikattiva. Madankollu, jistgħu jestendu l-perjodu ta' valutazzjoni sakemm sadattant ma tinħareġ l-ebda stedina għall-offerti.

(b) Entitajiet kontraenti għandhom jgħarrfu lill-offerent imsemmi fil-paragrafu (a) ma' l-ewwel opportunità possibbli dwar l-ammissjoni tiegħu fis-sistema dinamika ta' xiri jew dwar ir-rifjut ta' l-offerta indikattiva tiegħu.

(5) Kull kuntratt speċifiku għandu jkun is-suġġett ta' stedina għall-offerti. Qabel ma tinħareġ stedina għall-offerti, l-entitajiet kontraenti għandhom jippubblikaw avviż simplifikat dwar kuntratt li jistieden lill-operaturi ekonomiċi kollha interessati li jagħmlu offerta indikattiva, skond is-subregolament (4), f'limitu ta' żmien li ma jistax ikun inqas minn ħmistax-il ġurnata mid-data li fiha jkun intbagħat l-avviż simplifikat. Entitajiet kontraenti ma jistgħux jipproċedu bi stediniet ta' offerti sakemm ma jkunux lestew il-valutazzjoni ta' l-offerti indikattivi kollha riċevuti f'dak il-limitu ta' żmien.

(6) (a) Entitajiet kontraenti għandhom jistiednu lill-offerenti

kollha li jiġu ammessi fis-sistema biex jagħmlu offerta għal kull kuntratt speċifiku li għandu jingħata skond is-sistema. Għal dak il-għan, għandhom jistabbilixxu limitu ta' żmien biex isiru l-offerti.

(b) Għandhom jagħtu l-kuntratt lill-offerent li jkun għamel l-aħjar offerta abbażi tal-kriterji ta' l-għoti dikjarati fl-avviż dwar kuntratt sabiex tiġi stabbilita s-sistema dinamika ta' xiri. Dawk il-kriterji jistgħu, jekk ikun xieraq, jiġu formulati aktar preċiżament fl-istedina msemmija fil-paragrafu (a).

(7) Sistema dinamika ta' xiri ma għandhiex iddum aktar minn erba' snin, minbarra f'każijiet eċċezzjonali debitament ġustifikati. Entitajiet kontraenti ma jistgħux jużaw din is-sistema sabiex jipprevjenu, jirrestrinġu jew jgħawwġu l-kompetizzjoni. L-ebda ħlasijiet ma jistgħu jitħallsu mill-operaturi ekonomiċi interessati jew minn partijiet fis-sistema.

Kapitolu II

Limiti stabbiliti u disposizzjonijiet ta' esklużjoni

SEZZJONI 1

Limiti stabbiliti

Limiti stabbiliti għall-kuntratti.

16. Minbarra fejn ikunu mwarrba bl-esklużjonijiet fir-regolamenti 19 sa 26 jew skond ir-regolament 30, rigward it-twettieq ta' l-attività msemmija, din is-sezzjoni għandha tapplika għal kuntratti li għandhom valur mingħajr it-taxxa tal-valur miżjud (VAT) stmat li mhuwiex inqas mill-livelli stabbiliti li ġejjin:

(a) Lm195,000 fil-każ ta' kuntratti ta' provvista u ta' servizzi;

(b) Lm2,448,0000 fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet.

Metodi ta' kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratti, ftehim qafas u sistemi dinamiċi ta' xiri.

17. (1) Il-kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratt għandu jiġi bażat fuq l-ammont totali pagabbli, mingħajr VAT, kif stmat mill-entità kontraenti. Dan il-kalkolu għandu jqis l-ammont totali stmat, inkluża kull forma ta' għażla u kull tiġdid tal-kuntratt. Meta l-entità kontraenti tipprovdi għal premjijiet jew ħlasijiet lil kandidati jew offerenti dawn għandhom jitiqiesu meta jiġi kalkolat il-valur stmat tal-kuntratt.

(2) Entitajiet kontraenti ma jistgħux iduru ma' dawn ir-regolamenti billi jifirdu proġetti ta' xogħlijiet jew xiri propost ta' ċerta kwantità ta' provvisti u, jew servizzi jew billi jużaw metodi speċjali għall-kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratti.

(3) Rigward ftehim qafas u sistemi dinamiċi ta' xiri, il-valur stmat li għandu jitqies għandu jkun il-valur massimu stmat mingħajr VAT tal-kuntratti kollha prevvisti għat-terminu kollu tal-ftehim jew tas-sistema.

(4) Għall-finijiet tar-regolament 16, entitajiet kontraenti għandhom jinkludu fil-valur stmat ta' kuntratt ta' xogħlijiet kemm l-ispiża tax-xogħlijiet kemm il-valur ta' xi provvisti jew servizzi meħtieġa għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, li huma jagħmlu disponibbli għall-kuntrattur.

(5) Il-valur ta' provvisti jew servizzi li mhumiex meħtieġa għat-twettiq ta' kuntratt tax-xogħol partikolari ma għandux jiżdied mal-valur tal-kuntratt ta' xogħlijiet meta dan ikun jirriżulta fit-tneħħija ta' l-akkwist ta' dawk il-provvisti jew servizzi mill-iskop ta' dawn ir-regolamenti.

(6) (a) Meta xogħol propost jew xiri propost ta' servizzi jista' jirriżulta fl-għoti ta' kuntratti fl-istess ħin fil-forma ta' lottijiet separati, għandu jitqies il-valur totali stmat ta' dawn il-lottijiet.

Fejn il-valur aggregat tal-lottijiet huwa ugwali għal jew jaqbeż il-livell stabbilit stipulat fir-regolament 16, dawn ir-regolamenti għandhom jgħoddu għall-għoti ta' kull lott.

Madankollu, l-entitajiet kontraenti jistgħu jirrinunzjaw għal din l-applikazzjoni rigward il-lottijiet li l-valur stmat tagħhom, mingħajr VAT, huwa ta' inqas minn Lm32,000 għal servizzi jew Lm400,000 għal xogħlijiet, sakemm il-valur aggregat ta' dawk il-lottijiet ma jaqbiżx l-għoxrin fil-mija tal-valur aggregat tal-lottijiet kollha.

(b) Meta proposta għall-akkwist ta' provvisti simili tista' tirriżulta fl-għoti ta' kuntratti fl-istess ħin fil-forma ta' lottijiet separati, għandu jitqies il-valur totali stmat ta' dawn il-lottijiet meta jiġi applikat ir-regolament 16.

Fejn il-valur aggregat tal-lottijiet huwa ugwali għal jew jaqbeż il-limitu stabbilit fir-regolament 16, dawn ir-regolamenti għandhom jgħoddu għall-għoti ta' kull lott.

Madankollu, l-entitajiet kontraenti jistgħu jirrinunzjaw għal din l-applikazzjoni rigward il-lottijiet, li l-valur stmat tagħhom, mingħajr VAT, huwa ta' inqas minn Lm32,000, sakemm l-ispiża aggregata ta' dawk il-lottijiet ma taqbiżx l-għoxrin fil-mija tal-valur aggregat tal-lottijiet kollha.

(7) Fil-każ ta' kuntratti ta' provvista jew ta' servizz li huma ta'

natura regolari jew li jkun hemm il-ħsieb li jiġġeddu f'perjodu stabbilit, il-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt għandu jiġi bażat fuq dan li ġej:

(a) jew il-valur totali attwali tal-kuntratti suċċessivi ta' l-istess tip mogħtija matul it-tnax-il xahar preċedenti jew is-sena finanzjarja aġġustata, jekk ikun possibbli, biex jitqiesu t-tibdiliet fi kwantità jew valur li jistgħu jseħħu fil-kors tat-tnax-il xahar wara l-kuntratt inizjali;

(b) jew il-valur totali stmat tal-kuntratti suċċessivi mogħtija matul it-tnax-il xahar wara l-ewwel kunsinna, jew matul is-sena finanzjarja jekk din tkun itwal minn tnax-il xahar.

(8) Il-bażi għall-kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratt li jinkludi kemm il-provvisti kif ukoll is-servizzi għandha tkun il-valur totali tal-provvisti u s-servizzi, mingħajr ma jingħata każ ta' l-ishma rispettivi tagħhom. Il-kalkolu għandu jinkludi l-valur tas-sejbien ta' sit u l-istallazzjoni.

(9) Rigward kuntratti ta' provvista li għandhom x'jaqsmu ma' kiri b'self, kiri, ħlas għal kiri jew *hire purchase* ta' prodotti, il-valur li għandu jittieħed bħala bażi għall-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt għandu jkun kif ġej:

(a) fil-każ ta' kuntratti b'terminu fiss, jekk dak it-terminu huwa inqas jew ugwali għal tnax-il xahar, il-valur totali stmat għat-terminu tal-kuntratt jew, jekk it-terminu tal-kuntratt huwa aktar minn tnax-il xahar, il-valur totali inkluż il-valur residwu stmat;

(b) fil-każ ta' kuntratti mingħajr terminu fiss jew li t-terminu tagħhom ma jistax jiġi definit, il-valur ta' kull xahar moltiplikat b'48.

(10) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt ta' kuntratti ta' servizzi, għandhom jitqiesu, fejn xieraq, l-ammonti li ġejjin:

(a) il-*premium* pagabbli, u forom oħra ta' rimunerazzjoni, fil-każ ta' servizzi ta' assigurazzjoni;

(b) id-drittijiet, il-kummissjonijiet, l-imgħax u metodi oħra ta' rimunerazzjoni, fil-każ ta' servizzi bankarji u finanzjarji oħra;

(ċ) id-drittijiet, il-kummissjonijiet pagabbli u forom oħra ta' rimunerazzjoni, fil-każ ta' kuntratti li jinvolvu xogħlijiet ta' disinn.

(11) Fil-każ ta' kuntratti ta' servizzi li ma jindikawx prezz totali, il-valur li għandu jintuża bħala l-bażi għall-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt għandu jkun:

(a) fil-każ ta' kuntratti ta' terminu fiss, jekk dak it-terminu huwa inqas minn jew ugwali għal tmienja u erbgħin xahar: il-valur totali għat-terminu sħiħ tagħhom;

(b) fil-każ ta' kuntratti mingħajr terminu fiss jew b'terminu ta' aktar minn tmienja u erbgħin xahar: il-valur ta' kull xahar moltiplikat b'48.

SEZZJONI 2

Kuntratti u konċessjonijiet u kuntratti soġġetti għal arranġamenti speċjali

SOTTOSEZZJONI 1

Konċessjonijiet ta' xogħlijiet u servizzi.

18. Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal konċessjonijiet ta' xogħlijiet u servizzi mogħtijin minn entitajiet kontraenti li jwettqu waħda jew aktar mill-attivitajiet imsemmija fir-regolamenti 3 sa 7, fejn dawk il-konċessjonijiet huma mogħtijin għat-twettiq ta' dawk l-attivitajiet.

SOTTOSEZZJONI 2

Eżklużjonijiet applikabbli għall-entitajiet kontraenti kollha u għat-tipi kollha ta' kuntratti

Kuntratti mogħtija għall-għanijiet ta' bejgħ mill-ġdid jew kiri b'self lil terzi.

19. (1) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal kuntratti mogħtijin għall-għanijiet ta' bejgħ mill-ġdid jew kiri b'self lil terzi, sakemm l-entità kontraenti ma tgawdi l-ebda dritt speċjali jew esklużiv għall-bejgħ jew il-kiri b'self ta' dawn il-kuntratti, u entitajiet oħra huma ħielsa li jbigħuh jew jikruh b'self bl-istess kondizzjonijiet ta' l-entità kontraenti.

(2) L-entitajiet kontraenti għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, wara li din hekk titlob, u lid-Direttur bil-kategoriji kollha ta' prodotti jew attivitajiet li huma jqisu bħala eskluži skond is-subregolament (1).

(3) Il-Kummissjoni tista' perjodikament tippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, u d-Direttur jista' jippubblika fil-Gazzetta, għal għanijiet ta' tagħrif, listi tal-kategoriji ta' prodotti u attivitajiet li l-Kummissjoni tqis li huma koperti minn din l-esklużjoni. B'hekk, il-Kummissjoni u d-Direttur għandhom jirrispettaw kull aspett kummerċjali sensittiv li l-entitajiet kontraenti jistgħu jsemmu meta jkunu qed jibagħtu t-tagħrif.

Kuntratti mogħtija għal għanijiet oħra minbarra t-twettieq ta' attività koperta jew għat-twettieq ta' dik l-attività f'pajjiż terz.

20. (1) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx jgħoddu għal kuntratti li l-entitajiet kontraenti jagħtu għal għanijiet oħra minbarra t-twettiq ta' l-attivitajiet tagħhom kif imfissra fir-regolamenti 3 sa 7 jew għat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet f'pajjiż terz, f'kondizzjonijiet li ma jinvolvux l-użu fiżiku ta' rettikolat jew żona ġeografika fil-Komunità.

(2) L-entitajiet kontraenti għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, wara li din hekk titlob, u lid-Direttur bl-attivitajiet kollha li huma jqisu bħala esklużi skond is-subregolament (1). Il-Kummissjoni tista' perjodikament tippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u d-Direttur jista' jippubblika fil-Gazzetta, għal għanijiet ta' tagħrif, listi tal-kategoriji ta' attivitajiet li l-Kummissjoni tqis li huma koperti minn din l-esklużjoni. Waqt li jagħmlu dan, il-Kummissjoni u d-Direttur għandhom jirrispettaw kull aspett kummerċjali sensittiv li l-entitajiet kontraenti jistgħu jsemmu meta jkunu qed jibagħtu t-tagħrif.

Kuntratti li huma sigrieti jew jeħtieġu miżuri speċjali ta' sigurtà.

21. Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal kuntratti meta dawn huma dikjarati bħala sigrieti minn awtorità kompetenti f'Malta, meta t-twettiq tagħhom għandu jiġi akkompanjat minn miżuri speċjali ta' sigurtà skond il-liġijiet ta' Malta, jew meta dan ikun meħtieġ minħabba fil-protezzjoni ta' l-interessi bażiċi tas-sigurtà ta' Malta.

Kuntratti mogħtija skond regoli internazzjonali.

22. Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal kuntratti regolati b'regoli proċedurali differenti u mogħtijin:

(a) skond ftehim internazzjonali magħmul skond it-Trattat UE bejn Malta u xi wieħed jew aktar mill-pajjiżi terzi u li jkopri provvisti, xogħlijiet, servizzi jew kompetizzjonijiet dwar disinn maħsuba għall-implimentazzjoni konġunta jew l-isfruttament ta' proġett mill-Istati firmatarji. Kull ftehim għandu jiġi komunikati lill-Kummissjoni;

(b) skond ftehim internazzjonali li jsir u li għandu x'jaqsam ma' l-istazzjonar ta' truppi u rigward r-rabtiet ta' Malta jew pajjiż terz;

(ċ) skond il-proċedura partikolari ta' organizzazzjoni internazzjonali.

Kuntratti mogħtija lil intrapriża affiljata, lil *joint venture* jew lil entità kontraenti li tifforma parti minn *joint venture.*

23. (1) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, "intrapriża affiljata" tfisser kull intrapriża li l-kontijiet annwali tagħha huma konsolidati ma' dawk ta' l-entità kontraenti skond il-ħtiġijiet tas-Seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju bażata fuq l-Artikolu 44(2)(g) tat-Trattat dwar kontijiet konsolidati, jew, fil-każ ta' entitajiet mhux soġġetti għal dik id-Direttiva, kull impriża li fuqha l-entità kontraenti tista' teżerċita, direttament jew indirettament, influwenza dominanti skond it-tifsira tar-regolament 2(1)(b) jew li tista' teżerċita

influwenza dominanti fuq l-entità kontraenti jew li, bħall-entità kontraenti, tkun soġġetta għall-influwenza dominanti ta' intrapriża oħra minħabba fil-pussess, il-parteċipazzjoni finanzjarja, jew ir-regoli li jirregolawha.

(2) Sakemm jintlaħqu l-kondizzjonijiet fis-subregolament (3), dawn ir-regolamenti ma għandhomx jgħoddu għal kuntratti mogħtija:

(a) minn entità kontraenti lil intrapriża affiljata, jew

(b) minn *joint venture*, iffurmata esklużivament minn għadd ta' entitajiet kontraenti biex jitwettqu l-attivitajiet skond it-tifsira tar-regolamenti 3 sa 7, lil intrapriża li hija affiljata ma' xi waħda minn dawn l-entitajiet kontraenti.

(3) Is-subregolament (2) japplika għal:

(a) kuntratti ta' servizzi sakemm mill-inqas tmenin fil-mija tat-*turnover* medju ta' l-intrapriża affiljata rigward is-servizzi għat-tliet snin preċedenti joħroġ mill-għoti ta' dawn is-servizzi lil intrapriżi li tkun affiljata magħhom;

(b) kuntratti ta' provvista sakemm mill-inqas tmenin fil-mija tat-*turnover* medju ta' l-intrapriża affiljata rigward il-provvisti għat-tliet snin preċedenti joħroġ mill-għoti ta' dawn il-provvisti lil intrapriżi li tkun affiljata magħhom;

(ċ) għal kuntratti ta' xogħlijiet sakemm mill-inqas tmenin fil-mija tat-*turnover* medju ta' l-intrapriża affiljata rigward ix-xogħlijiet għat-tliet snin preċedenti joħroġ mill-għoti ta' dawn ix-xogħlijiet lil intrapriżi li tkun affiljata magħhom.

Meta, minħabba fid-data li fiha intrapriża affiljata tkun ġiet maħluqa jew bdiet l-attivitajiet, it-*turnover* mhuwiex disponibbli għat-tliet snin preċedenti, ikun suffiċjenti għal dik l-intrapriża li jintwera li t-*turnover* imsemmi fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) ikun wieħed kredibbli, partikolarment permezz ta' proġettazzjonijiet ta' negozju.

Meta aktar minn intrapriża waħda affiljata ma' l-entità kontraenti tipprovdi l-istess servizzi, provvisti jew xogħlijiet jew servizzi, provvisti jew xogħlijiet simili, il-perċentwali hawn qabel imsemmija għandhom jiġu kalkolati waqt li jitqies it-*turnover* totali li jinħoloq rispettivament mill-għoti ta' servizzi, provvisti jew xogħlijiet minn dawk l-intrapriżi affiljati.

(4) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal kuntratti mogħtijin:

(a) minn *joint venture*, iffurmata esklużivament minn għadd ta' entitajiet kontraenti għat-twettiq ta' attivitajiet skond it-tifsira tar-regolamenti 3 sa 7, lil waħda minn dawn l-entitajiet kontraenti, jew

(b) minn entità kontraenti lil *joint venture* bħal din li minnha tifforma parti, sakemm il-*joint venture* ġiet kostitwita sabiex twettaq l-attività konċernata fuq perjodu ta' mill-inqas tliet snin u li l-istrument tat-twaqqif tal-*joint venture* jistipula li l-entitajiet kontraenti, li jiffurmawha, ser ikunu parti minnha għal mill-inqas l-istess perjodu.

(5) Entitajiet kontraenti għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, u lid-Direttur, fuq talba tiegħu, dwar dan it-tagħrif li ġej rigward l-applikazzjoni tas-subregolamenti (2), (3) u (4):

(a) l-ismijiet ta' l-intrapriżi jew il-*joint ventures* konċernati,

(b) in-natura u l-valur tal-kuntratti involuti,

(ċ) dik il-prova li tista' titqies meħtieġa mill-Kummissjoni jew mid-Direttur li r-relazzjoni bejn l-intrapriża jew il-*joint venture* li lilhom jingħataw il-kuntratti u l-entità kontraenti tkun konformi mal-ħtiġiet ta' dan ir-regolament.

SOTTOSEZZJONI 3

Esklużjonijiet applikabbli għall-entitajiet kontraenti kollha, izda għal kuntratti ta' servizzi biss

Kuntratti li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti servizzi eskluži mill-iskop ta' dawn ir-regolamenti.

24. Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal kuntratti ta' servizzi għal:

(a) l-akkwist jew il-kiri, permezz ta' mezzi finanzjarji jkunu x'ikunu, ta' art, bini eżistenti, jew proprjetà immobbli oħra jew dwar drittijiet fuqhom; madankollu, kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi fl-istess ħin bħal, jew qabel jew wara l-kuntratt ta' akkwist jew kiri, tkun xi tkun l-għamla tagħhom, huma soġġetti għal dawn ir-regolamenti;

(b) servizzi ta' arbitraġġ u ta' konċiljazzjoni;

(ċ) servizzi finanzjarji f'konnessjoni mal-ħruġ, il-bejgħ, ix-xiri jew it-trasferiment ta' sigurtajiet jew strumenti finanzjarji oħra, partikolarment operazzjonijiet mill-entitajiet kontraenti biex jinġabru flus jew kapital;

(d) kuntratti ta' l-impjieg;

(e) servizzi oħra ta' riċerka u ta' żvilupp minbarra dawk fejn il-benefiċċji jmorru esklużivament għand l-entità kontraenti biex jintużaw fit-twettiq ta' l-affarijiet tagħha, bil-kondizzjoni li s-servizz provdut jiġi għalkollox imħallas mill-entità kontraenti.

Kuntratti ta' servizzi mogħtija fuq il-bażi ta' dritt esklużiv.

25. Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal kuntratti ta' servizzi mogħtija lil entità li hija fiha nnifisha awtorità kontraenti skond it-tifsira tar-regolament 2(1)(a) jew lil assoċjazzjoni ta' awtoritajiet kontraenti abbażi ta' dritt esklużiv li huma jgawdu skond liġi, regolament jew disposizzjoni amministrattiva pubblikati u li huma kompatibbli mat-Trattat.

SOTTOSEZZJONI 4

Esklużjonijiet applikabbli għal ċerti entitajiet kontraenti biss

Kuntratti mogħtija minn ċerti entitajiet kontraenti għax-xiri ta' ilma u għall-provvista ta' enerġija jew ta' karburanti għall-produzzjoni ta' l-enerġija.

26. Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw:

(a) għal kuntratti għax-xiri ta' l-ilma jekk jingħataw minn entitajiet kontraenti mqabbda f'attività waħda jew fiż-żewġ attivitajiet imsemmija fir-regolament 4(1);

(b) għal kuntratti għall-provvista ta' l-enerġija jew ta' karburanti għall-produzzjoni ta' l-enerġija, jekk jingħataw minn entitajiet kontraenti mqabbda f'attività msemmija fir-regolament 3(1) jew (3) jew fir-regolament 7(a).

SOTTOSEZZJONI 5

Kuntratti soġġetti għal arranġamenti speċjali u l-proċedura ġenerali fil-każ ta' esposizzjoni diretta għall-kompetizzjoni

Kuntratti riservati.

27. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jirriservaw id-dritt li jipparteċipaw fi proċeduri ta' għoti ta' kuntratti lil postijiet tax-xogħol protetti jew jipprovdu li dawn il-kuntratti jitwettqu fil-kuntest ta' programmi ta' impjieg protetti fejn il-biċċa 'l kbira ta' l-impjegati konċernati huma persuni b'diżabilità li, minħabba fin-natura jew il-gravità tad-diżabilitajiet tagħhom, ma jistgħux iwettqu xogħol taħt kondizzjonijiet normali.

Avviż dwar kompetizzjoni

28. L-avviż użat biex issir sejħa għal kompetizzjoni għandu jagħmel riferenza għad-disposizzjonijiet tar-regolament 27.

Kuntratti u ftehim qafas mogħtija minn korpijiet ċentrali ta' xiri.

29. (1) L-entitajiet kontraenti jistgħu jixtru xogħlijiet, provvisti u, jew servizzi minn jew permezz ta' korp ċentrali ta' xiri.

(2) Entitajiet kontraenti li jixtru xogħlijiet, provvisti u, jew

servizzi minn jew permezz ta' korp ċentrali ta' xiri fil-każijiet imsemmija fir-regolament 1, fit-tifsira ta' "proċeduri miftuħa, ristretti u negozjati" għandhom jitqiesu li jkunu osservaw dawn ir-regolamenti sakemm il-korp ċentrali ta' xiri jkun osserva dik it-tifsira jew, fejn ikun xieraq, ikun osserva l-partijiet l-oħra ta' dan ir-regolament.

Proċedura biex tiġi stabbilita jekk attività partikolari hijiex esposta direttament għall-kompetizzjoni.

30. (1) Kuntratti maħsubin biex jgħinu biex attività msemmija fir-regolamenti 3 sa 7 titwettaq ma għandhomx ikunu soġġetti għal dawn ir-regolamenti jekk l-attività hija esposta direttament għal kompetizzjoni fuq swieq li għalihom l-aċċess ma jkunx ristrett.

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1), il-kwistjoni dwar jekk attività hijiex esposta direttament għal kompetizzjoni għandha tiġi deċiża abbażi ta' kriterji li huma konformi mad-disposizzjonijiet tat-Trattat dwar il-kompetizzjoni, bħalma huma l-karatteristiċi tal-merkanzija jew is-servizzi konċernati, l-eżistenza ta' merkanzija jew servizzi alternattivi, il-prezzijiet u l-presenza attwali jew potenzjali ta' aktar minn fornitur wieħed tal-merkanzija jew servizzi msemmija.

(3) (a) Għall-finijiet tas-subregolament (1), aċċess għal suq għandu jitqies li m'huwiex ristrett jekk Malta tkun implimentat u applikat id-disposizzjonijiet tad-dritt Komunitarju msemmija fl-Iskeda XI.

(b) Jekk aċċess ħieles għal suq partikolari ma jistax jiġi preżunt fuq il-bażi tal-paragrafu (a), għandu jiġi muri li aċċess għax-suq imsemmi huwa ħieles *de facto* u *de jure*.

(4) (a) Meta fl-osservanza tas-subregolamenti (2) u (3), is-subregolament (1) huwa applikabbli għal attività partikolari, l-entità kontraenti għandha tavża lill-Kummissjoni u tgħarrafha bil-fatti rilevanti kollha, u partikolarment b'kull liġi, regolament, disposizzjoni amministrattiva jew ftehim li jirrigwardaw konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fis-subregolament (1), fejn xieraq flimkien mal-pożizzjoni adottata minn awtorità nazzjonali indipendenti li hija kompetenti fir-rigward ta' l-attività konċernata.

(b) Kuntratti maħsuba biex jgħinu biex titwettaq l-attività konċernata ma għandhomx ikunu soġġetti aktar għal dawn ir-regolamenti jekk il-Kummissjoni:

- tkun adottat Deċiżjoni li tistabbilixxi l-applikabilità tas-subregolament (1), skond is-subregolament (6) u f'perjodu ta' żmien stabbilit minnha, jew

- ma tkunx adottat Deċiżjoni rigward din l-applikabilità f'dak il-perjodu.

(ċ) Madankollu, fejn aċċess ħieles għal suq imsemmi huwa preżunt fuq il-bażi tas-subregolament (3)(a), u meta awtorità nazzjonali indipendenti li hija kompetenti fl-attività konċernata tkun stabbiliet l-applikabilità tas-subregolament (1), kuntratti maħsuba biex jgħinu biex titwettaq l-attività konċernata ma għandhomx jibqgħu suġġetti aktar għal dawn ir-regolamenti jekk il-Kummissjoni ma tkunx stabbiliet in-nuqqas ta' applikabilità tas-subregolament (1) b'Deċiżjoni adottata skond is-subregolament (6) u fil-perjodu taż-żmien li tistabbilixxi.

(5) (a) L-entitajiet kontraenti jistgħu jistaqsu lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-applikabilità tas-subregolament (1) għal attività partikolari b'Deċiżjoni skond is-subregolament (6). F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tgħarraf immedjatament lill-Malta li għandha, waqt li tqis is-subregolamenti (2) u (3), tgħarraf lill-Kummissjoni bil-fatti rilevanti kollha, u partikolarment b'kull liġi, regolament, disposizzjoni amministrattiva jew ftehim rigward l-osservanza tal-kondizzjonijiet msemmija fis-subregolament (1), fejn xieraq flimkien mal-pożizzjoni adottata minn awtorità nazzjonali indipendenti li hija kompetenti fl-attività konċernata.

(b) Il-Kummissjoni tista' tibda wkoll il-proċedura għall-adozzjoni ta' Deċiżjoni li tistabbilixxi l-applikabilità tas-subregolament (1) għal attività partikolari fuq l-inizjattiva tagħha stess. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tgħarraf immedjatament l-Istat Membru konċernat.

(ċ) Jekk, fl-aħħar tal-perjodu ta' żmien stabbilit fis-subregolament (6), il-Kummissjoni ma tkunx adottat Deċiżjoni rigward l-applikabilità tas-subregolament (1) għal attività partikolari, is-subregolament (1) għandu jitqies li huwa applikabbli.

(6) Għall-adozzjoni ta' Deċiżjoni skond dan ir-regolament, il-Kummissjoni jkollha perjodu ta' żmien ta' tliet xhur li jibda fl-ewwel ġurnata tax-xogħol li tiġi wara d-data li fiha terċievi n-notifika jew it-talba. Madankollu, dan il-perjodu jista' jiġi estiż darba b'massimu ta' tliet xhur f'każijiet debitament ġustifikati, partikolarment jekk it-tagħrif li jinstab fin-notifika jew fit-talba jew fid-dokumenti annessi magħhom m'huwiex komplet jew m'huwiex eżatt jew jekk il-fatti kif rapportati jgħaddu minn tibdiliet sostantivi. Din l-estensjoni għandha tiġi limitata għal xahar meta awtorità nazzjonali indipendenti li hija kompetenti fl-attività konċernata tkun stabbiliet l-applikabilità tas-subregolament (1) fil-każijiet previsti fis-subregolament (4)(ċ).

Meta attività fi Stat Membru partikolari hija diġà s-suġġett ta' proċedura skond dan ir-regolament, aktar talbiet rigward l-istess attività fl-istess Stat Membru qabel l-iskadenza tal-perjodu miftuħ rigward l-

ewwel talba m'għandhomx jitqiesu bħala proċeduri ġodda u għandhom jiġu trattati fil-kuntest ta' l-ewwel talba.

Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati biex jiġu applikati s-subregolamenti (4), (5) u (6).

Dawn ir-regoli għandhom jinkludu mill-inqas:

(a) il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, għal tagħrif, tad-data li fiha jibda l-perjodu ta' tliet xhur imsemmi fl-ewwel paragrafu ta' dan is-subregolament, u, f'każ li dan il-perjodu jiġi mtawwal, id-data sa meta jiġi mtawwal u l-perjodu li bih jiġi mtawwal;

(b) il-pubblikazzjoni ta' l-applikabilità possibbli tas-subregolament (1) skond is-subregolament (4)(b) jew (ċ) jew skond is-subregolament (5); u

(ċ) l-arranġamenti għal *forwarding positions* adottati minn awtorità indipendenti li hija kompetenti fl-attività konċernata, rigward kwistjonijiet li huma rilevanti għas-subregolamenti (1) u (2).

Kapitolu III

Regoli applikabbli għal kuntratti ta' servizzi

Kuntratti ta' servizzi elenkati fi Skeda XVIII.

31. Kuntratti li għandhom bħala l-għan tagħhom servizzi elenkati fi Skeda XVIII għandhom jingħataw skond ir-regolamenti 34 sa 59.

Kuntratti ta' servizzi elenkati fi Skeda XIX.

32. Kuntratti li għandhom bħala l-għan tagħhom servizzi elenkati fi Skeda XIX għandhom jiġu regolati biss bir-regolamenti 34 u 43.

Kuntratti ta' servizzi mħallta inklużi servizzi elenkati fi Skeda XVIII u servizzi elenkati fi Skeda XIX.

33. Kuntratti li għandhom bħala s-suġġett prinċipali tagħhom is-servizzi elenkati kemm fi Skeda XVIII kif ukoll fi Skeda XIX għandhom jingħataw skond ir-regolamenti 34 sa 59 fejn il-valur tas-servizzi elenkati fi Skeda XVIII huwa aktar mill-valur tas-servizzi elenkati fi Skeda XIX. F'każijiet oħra, il-kuntratti għandhom jingħataw skond ir-regolamenti 34 u 43.

Kapitolu IV

Regoli speċifiċi li jirregolaw l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumenti tal-kuntratt

Speċifikazzjonijiet tekniċi.

34. (1) Speċifikazzjonijiet tekniċi kif imfissra fil-punt 1 ta'

Skeda XXIII għandhom jiġu dikjarati fid-dokumentazzjoni tal-kuntratt, bħal avviżi dwar kuntratt, dokumenti tal-kuntratt jew dokumenti addizzjonali. Kull meta jkun possibbli dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu mfissra sabiex jitqiesu il-kriterji ta' aċċessibilità għal persuni b'diżabilitajiet jew disinn għall-utenti kollha.

(2) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom joffru aċċess ugwali għall-offerenti u m'għandux ikollhom l-effett li joħolqu ostakoli mhux ġustifikati għall-ftuħ ta' l-akkwisti pubbliċi għall-kompetizzjoni.

(3) Mingħajr preġudizzju għal regoli tekniċi nazzjonali legalment vinkolanti, safejn huma kompatibbli mad-dritt Komunitarju, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu formulati:

(a) permezz ta' riferenza għal speċifikazzjonijiet tekniċi mfissra fi Skeda XXIII u, f'ordni skond il-preferenza, *standards* nazzjonali li jittrasponu *standards* Ewropej, approvazzjonijiet tekniċi Ewropej, speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, *standards* internazzjonali, sistemi oħra tekniċi ta' riferenza stabbiliti mill-korpijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej jew - fejn dawn ma jeżistux - *standards* nazzjonali, approvazzjonijiet tekniċi nazzjonali jew speċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali li għandhom x'jaqsmu mad-disinn, il-kalkolu u l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet u l-użu tal-prodotti. Kull riferenza għandu jkollha magħha l-kliem "jew ekwivalenti"; jew

(b) f'termini ta' twettiq jew ħtiġiet funzjonali; dawn ta' l-aħħar jistgħu jinkludu karatteristiċi ambjentali. Madankollu, dawn il-parametri għandhom ikunu preċiżi biżżejjed biex jippermettu lill-offerenti li jistabbilixxu s-suġġett prinċipali tal-kuntratt u jippermettu lill-entitajiet kontraenti li jagħtu l-kuntratt; jew

(ċ) f'termini ta' twettiq jew ħtiġiet funzjonali kif imsemmi fil-paragrafu (b), b'riferenza għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (a) bħala mezz li bih titqies konformità ma' dan it-twettieq jew ħtiġiet funzjonali; jew

(d) billi jirreferu għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (a) għal ċerti karatteristiċi, u billi jirreferu għat-twettiq jew il-ħtiġiet funzjonali msemmija fil-paragrafu (b) għal karatteristiċi oħra.

(4) Meta entità kontraenti tagħżel li tirreferi għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fis-subregolament (3)(a), ma tistax tirrifjuta offerta fuq il-bażi li l-prodotti u s-servizzi offruti mhumiex konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet li għalihom tkun irreferiet, ladarba

l-offerent jagħti prova fl-offerta tiegħu għas-sodisfazzjoni ta' l-entità kontraenti, b'kull mezz xieraq, li s-soluzzjonijiet li hu jipproponi jissodisfaw f'mod ekwivalenti l-ħtiġiet imfissra mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Mezz xieraq jista' jkun kostitwit minn *dossier* tekniku mill-fabbrikant jew rapport ta' test minn korp rikonoxxut.

(5) Meta entità kontraenti tagħmel l-għażla prevista fis-subregolament (3) li tippreskrivi l-ħtiġiet ta' twettiq jew funzjonali, ma tistax tirrifjuta offerta għal prodotti, servizzi jew xogħlijiet li jkunu konformi ma' *standard* nazzjonali li jittrasponi *standard* Ewropew, ma' approvazzjoni teknika Ewropea, speċifikazzjoni teknika komuni, *standard* internazzjonali, jew sistema teknika ta' riferenza stabbilita minn korp ta' standardizzazzjoni Ewropew, jekk dawk l-ispeċifikazzjonijiet jindirizzaw il-ħtiġiet ta' twettieq jew funzjonali li tkun ippreskriviet.

Fl-offerta tiegħu, l-offerent għandu jagħti prova għas-sodisfazzjon ta' l-entità kontraenti u permezz ta' kull mezz adatt li l-prodott, is-servizz jew ix-xogħol li huma konformi ma' l-*istandard* josservaw il-ħtiġiet ta' twettieq jew funzjonali ta' l-entità kontraenti.

Mezz xieraq jista' jkun kostitwit minn *dossier* tekniku mill-fabbrikant jew rapport ta' test minn korp rikonoxxut.

(6) Meta entitajiet kontraenti jippreskrivu karatteristiċi ambjentali f'termini ta' twettieq jew ħtiġiet funzjonali kif imsemmi fis-subregolament (3)(b) jistgħu jużaw l-ispeċifikazzjonijet dettaljati, jew, jekk ikun meħtieġ, partijiet minnhom, kif imfisser bl-ekotikketti Ewropej jew (multi-) nazzjonali, jew b'kull ekotikketta oħra, sakemm:

- dawk l-ispeċifikazzjonijiet huma xierqa biex jiddefinixxu l-karatteristiċi tal-provvisti jew is-servizzi li huma l-għan tal-kuntratt,

- il-ħtiġiet għat-tikketta huma mfassla fuq il-bażi ta' tagħrif xjentifiku,

- l-ekotikketti huma adottati permezz ta' proċedura li fiha l-persuni kolla interessati, bħal ma huma korpijiet tal-gvern, konsumaturi, fabbrikanti, distributuri u organizzazzjonijiet ambjentali jistgħu jipparteċipaw, u

- huma aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha.

Entitajiet kontraenti jistgħu jindikaw li l-prodotti u s-servizzi li jġorru l-ekotikketta huma meqjusa li josservaw l-ispeċifikazzjonijiet

tekniċi preskritti fid-dokumenti tal-kuntratt; għandhom jaċċettaw kull mezz ieħor xieraq ta' prova, bħal *dossier* tekniku mill-fabbrikant jew rapport ta' test minn korp rikonoxxut.

(7) "Korpijiet rikonoxxuti", fit-tifsira ta' dan ir-regolament, huma laboratorji ta' test u kalibrazzjoni, u korpijiet ta' ċertifikazzjoni u spezzjoni li josservaw *standards* applikabbli Ewropej. Entitajiet kontraenti għandhom jaċċettaw ċertifikati minn korpijiet rikonoxxuti stabbiliti fi Stati Membri oħra.

(8) Sakemm mhux ġustifikat mis-suġġett prinċipali tal-kuntratt, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ma għandhomx jirreferu għal għamla jew sors speċifiku, jew proċess partikolari, jew għal *trade marks*, privattivi, tipi jew oriġini jew produzzjoni speċifika bl-effett li jiġu favoriti jew eliminati ċerti intrapriżi jew ċerti prodotti. Din ir-riferenza għandha tiġi permessa, fuq bażi eċċezzjonali, meta ma tkunx possibbli deskrizzjoni preċiża u li tinftiehem biżżejjed tal-kontentut tas-suġġett prinċipali tal-kuntratt skond is-subregolamenti (3) u (4); din ir-riferenza għandu jkollha magħha l-kliem "jew ekwivalenti".

Komunikazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi.

35. (1) Entitajiet kontraenti għandhom, meta ssirilhom talba, jagħmlu disponibbli għal operaturi ekonomiċi interessati li jiksbu kuntratt l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi regolarment imsemmija fil-kuntratti tagħhom ta' provvista, xogħlijiet jew servizz, jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li huma għandhom il-ħsieb li japplikaw għal kuntratti koperti minn avviżi perjodiċi indikattivi skond it-tifsira tar-regolament 41(1).

(2) Meta l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma bażati fuq dokumenti disponibbli lil operaturi ekonomiċi interessati, l-inklużjoni ta' riferenza għal dawk id-dokumenti għandha tkun suffiċjenti.

Elementi li jvarjaw.

36. (1) Meta l-kriterju għall-għoti tal-kuntratt ikun wieħed ta' l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament, entitajiet kontraenti jistgħu jqisu elementi li jvarjaw li jsiru minn offerent u li jilħqu l-ħtiġiet minimi speċifikati mill-entitajiet kontraenti. Entitajiet kontraenti għandhom jindikaw fl-ispeċifikazzjonijiet jekk jawtorizzawx elementi li jvarjaw jew le, u jekk iva, il-ħtiġiet minimi li għandhom jintlaħqu mill-elementi li jvarjaw u kull ħtieġa speċifika għall-preżentazzjoni tagħhom.

(2) Fi proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista jew servizzi, entitajiet kontraenti li jkunu awtorizzaw elementi li jvarjaw skond is-subregolament (1) ma jistgħux jirrifjutaw element li jvarja fuq il-bażi waħdanija li jista', jekk ikollu suċċess, iwassal jew għal kuntratt ta' servizzi aktar milli kuntratt ta' provvista jew għal kuntratt ta' provvista aktar milli kuntratt ta' servizzi.

Appalt.

37. Fid-dokumenti tal-kuntratt, l-entità kontraenti tista' tistaqsi lill-offerent biex jindika fl-offerta tiegħu kull sehem tal-kuntratt li għandu l-ħsieb li jghaddi b'appalt lil terzi u kull appaltatur propost. Din l-indikazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni dwar ir-responsabbiltà prinċipali ta' l-operatur ekonomiku.

Kondizzjonijiet għat-twettieq ta' kuntratti.

38. Entitajiet kontraenti jistgħu jistabbilixxu kondizzjonijiet speċjali li għandhom x'jaqsmu mat-twettieq ta' kuntratt, sakemm dawn huma kompatibbli mad-dritt Komunitarju u huma indikati fl-avviż użat bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni jew fl-ispeċifikazzjonijiet. Il-kondizzjonijiet li jirregolaw it-twettieq ta' kuntratt jistgħu, partikolarment, jirrigwardaw konsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali.

Obbligi li għandhom x'jaqsmu ma' taxxi, protezzjoni ta' l-ambjent, disposizzjonijiet ta' protezzjoni ta' impjieg u kondizzjonijiet ta' xogħol.

39. (1) Entità kontraenti tista' tiddikjara fid-dokumenti tal-kuntratt il-korp jew korpijiet li minnhom kandidat jew offerent jistgħu jiksbu t-tagħrif xieraq dwar l-obbligi li għandhom x'jaqsmu ma' taxxi, protezzjoni ta' l-ambjent, ma' disposizzjonijiet ta' protezzjoni u ma' kondizzjonijiet ta' xogħol li huma fis-seħħ f'Malta, u li għandhom ikunu applikabbli għax-xogħlijiet imwettqa fuq il-post jew għas-servizzi provduti matul it-twettieq tal-kuntratt.

(2) Entità kontraenti li tipprovdi t-tagħrif imsemmi fis-subregolament (1) għandha titlob lill-offerenti jew lill-kandidati fil-proċedura ta' l-għoti tal-kuntratt biex jindikaw li jkunu qiesu, waqt it-tfassil ta' l-offerta tagħhom, l-obbligi li għandhom x'jaqsmu ma' disposizzjonijiet ta' protezzjoni ta' impjieg u l-kondizzjonijiet ta' xogħol li huma fis-seħħ. Id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regolament 57.

Kapitolu V

Proċeduri

Użu ta' proċeduri miftuħa, ristretti u negozjati.

40. (1) Meta jingħataw kuntratti ta' provvista, ta' xogħlijiet jew ta' servizzi, entitajiet kontraenti għandhom japplikaw il-proċeduri aġġustati għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Entitajiet kontraenti jistgħu jagħżlu xi waħda mill-proċeduri msemmija fir-regolament 1, fit tifsira ta' "proċeduri miftuħa, ristretti u negozjati", sakemm, bla ħsara għas-subregolament (3), tkun saret sejħa għal kompetizzjoni skond ir-regolament 42.

(3) Entitajiet kontraenti jistgħu jużaw proċedura mingħajr sejħa minn qabel għal kompetizzjoni fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn l-ebda offerta jew l-ebda offerta xierqa jew l-ebda applikazzjoni ma tkun ġiet sottomessa b'risposta għal proċedura b'sejħa minn qabel għall-kompetizzjoni, sakemm il-

kondizzjonijiet inizjali tal-kuntratt m'humiex mibdula sostanzjalment;

(b) meta kuntratt huwa purament għall-għan ta' riċerka, esperiment, studju jew żvilupp, u mhux għall-għan li jiżgura profitt jew jirkupra spejjeż ta' riċerka u ta' żvilupp, u sakemm l-għoti ta' kuntratt bħal dak ma jistax jippreġudika l-għotja kompetittiva ta' kuntratti sossegwenti li jfittxu, partikolarment, dawk l-għanijiet;

(ċ) meta, għal għanijiet tekniċi jew artistiċi, jew għal raġunijiet konnessi mal-protezzjoni ta' drittijiet esklużivi, il-kuntratt jista' jitwettaq biss minn operatur ekonomiku partikolari;

(d) sakemm huwa strettament meħtieġ meta, għal raġunijiet ta' urġenza estrema li sseħħ minħabba fi ġrajjiet mhux previsti mill-entitajiet jiet kontraenti, l-limiti ta' żmien preskritti għal proċeduri miftuħa, proċeduri ristretti u proċeduri negozjati b'sejħa minn qabel għal kompetizzjoni ma jistgħux jiġu segwiti;

(e) fil-każ ta' kuntratti ta' provvista għal kunsinni addizzjonali mill-fornitur oriġinali li huma maħsuba jew bħala bdil parzjali ta' provvisti jew stallazzjonijiet normali jew bħala l-estensjoni ta' provvisti jew stallazzjonijiet eżistenti, fejn bidla fil-fornitur tobbliga lill-entità kontraenti li takkwista materjal li għandu karatteristiċi tekniċi differenti li jkun jirriżulta f'inkompatibilità jew diffikultajiet tekniċi sproporzjonati fl-operat u l-manutenzjoni;

(f) għal xogħlijiet jew servizzi addizzjonali li ma kienux inklużi fil-proġett mogħti inizjalment jew fl-ewwel kuntratt konkluż imma, permezz ta' ċirkostanzi mhux prevvisti, saru meħtieġa għat-twettieq tal-kuntratt, bil-kondizzjoni li l-għoti jsir lill-kuntrattur jew lill-provditur ta' servizzi li qed iwettaq il-kuntratt oriġinali:

- meta dawn ix-xogħlijiet jew servizzi addizzjonali ma jistgħux jiġu separati teknikament jew ekonomikament mill-kuntratt ewlieni mingħajr inkonvenjenza kbira għall-entitajiet kontraenti, jew

- meta dawn ix-xogħlijiet jew servizzi addizzjonali, għalkemm separabbli mit-twettiq tal-kuntratt oriġinali, huma strettament meħtieġa għall-istadji aktar tard tiegħu;

(g) fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet, għal xogħlijiet

ġodda li jikkonsistu fir-ripetizzjoni ta' xogħlijiet simili assenjati lill-kuntrattur li lilu l-istess entitajiet kontraenti taw kuntratt aktar kmieni, sakemm dawn ix-xogħlijiet huma konformi ma' proġett bażiku li dwaru l-ewwel kuntratt ingħata wara sejħa għal kompetizzjoni; malli l-ewwel proġett jinħareġ għal offerta, għandu jingħata avviż li din il-proċedura tista' tiġi adottata u l-ispiża totali stmata ta' xogħlijiet sussegwenti għandha titqies mill-entitajiet kontraenti meta japplikaw id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 16 u 17;

(h) għal provvisti kwotati u mixtrija f'suq ta' l-oġġetti għall-użu fid-dar;

(i) għal kuntratti li għandhom jingħataw abbażi ta' ftehim qafas, sakemm tiġi osservata l-kondizzjoni msemmija fir-regolament 14(2);

(j) għal xiri bi prezz irħis ħafna, fejn huwa possibbli li jinġabru provvisti billi jittieħed vantaġġ minn opportunità partikolarment vantaġġuża disponibbli għal żmien qasir ħafna bi prezz konsiderevolment aktar baxx minn prezzijiet normali tas-suq;

(k) għal xiri ta' provvisti b'kondizzjonijiet partikolarment vantaġġużi jew minn fornitur li definittivament qed ixolji l-attivitajiet tiegħu ta' kummerċ jew mir-riċevituri jew mil-likwidaturi ta' falliment, arranġament ma' krediturі jew proċedura simili skond il-liġijiet ta' Malta;

(l) fejn il-kuntratt ta' servizzi konċernat huwa parti minn azzjoni sussegwenti għal kompetizzjoni dwar disinn organizzat skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u ser jingħata, skond ir-regoli rilevanti, lir-rebbieħ jew lil wieħed mir-rebbieħa ta' dik il-kompetizzjoni; fil-każ imsemmi l-aħħar, ir-rebbieħa kollha għandhom jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fin-negozjati.

Kapitolu VI

Regoli dwar il-pubblikazzjoni u t-trasparenza

SEZZJONI 1

Pubblikazzjoni ta' avviżi

Avviżi indikattivi perjodiċi u avviżi dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika.

41. (1) Entitajiet kontraenti għandhom jgħarrfu, mill-inqas darba fis-sena, permezz ta' avviż perjodiku indikattiv kif imsemmi fl-Iskeda XV, pubblikat mill-Kummissjoni jew minnhom infushom jew mid-Dipartiment tal-Kuntratti fuq il-"profil tax-xerrej", tagħhom kif deskritt fil-punt 2(b) ta' l-Iskeda XXII:

(a) fejn jirrigwarda provvisti, l-valur totali stmat tal-kuntratti jew ftehim qafas skond iż-żona tal-prodott li għandhom il-ħsieb li jagħtu matul it-tnax-il xahar li jkun imiss, fejn il-valur totali stmat, meta jitqiesu d-disposizzjonijiet tar-regolamenti 16 u 17, huwa ugwali għal jew aktar minn Lm300,000. Iż-żona tal-prodott għandha tiġi stabbilita mill-entitajiet kontraenti b'riferenza għan-nomenklatura CPV;

(b) fejn jirrigwarda servizzi, l-valur totali stmat tal-kuntratti jew il-ftehim qafas f'kull kategorija ta' servizzi elenkata fi Skeda XVIII li għandhom il-ħsieb li jagħtu matul it-tnax-il xahar li jkun imiss, fejn dan il-valur totali stmat, meta jitqiesu d-disposizzjonijiet tar-regolamenti 16 u 17, huwa ugwali għal jew aktar minn Lm300,000;

(ċ) fejn jirrigwarda xogħlijiet, il-karatteristiċi essenzjali tal-kuntratti tax-xogħlijiet jew il-ftehim qafas li għandhom il-ħsieb li jagħtu matul it-tnax-il xahar li jkun imiss, li l-valur stmat tagħhom huwa ugwali għal jew aktar mill-livell stabbilit speċifikat fir-regolament 16, waqt li jitqiesu d-disposizzjonijiet tar-regolament 17.

L-avviżi msemmija fil-paragrafi (a) u (b) għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni u lid-Direttur jew jiġu pubblikati fil-profil tax-xerrej kemm jista' jkun malajr wara l-bidu tas-sena ta' l-estimi.

L-avviż imsemmi fil-paragrafu (ċ) għandu jintbagħat lill-Kummissjoni u lid-Direttur jew jiġi pubblikat fil-profil tax-xerrej kemm jista' jkun malajr wara d-deċiżjoni li tapprova l-ippjanar tal-kuntratti tax-xogħlijiet jew il-ftehim qafas li l-entitajiet kontraenti għandhom il-ħsieb li jagħtu.

Entitajiet kontraenti li jippubblikaw avviż perjodiku indikattiv dwar il-profili tax-xerrej tagħhom għandhom jittrasmettu lill-

Kummissjoni u lid-Direttur, elettronikament, avviż tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż perjodiku indikattiv dwar il-profil tax-xerrej, skond il-format u l-proċeduri għat-trasmissjoni elettronika ta' avviżi indikati fil-punt 3 ta' Skeda XXII.

Il-pubblikazzjoni ta' l-avviżi msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) għandha tkun obbligatorja fil-każ biss meta l-entitàjiet kontraenti jagħżlu li jnaqqsu l-limiti taż-żmien biex jirċievu l-offerti kif stabbilit fir-regolament 45(4).

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal proċeduri mingħajr sejħa minn qabel għal kompetizzjoni.

(2) Entitàjiet kontraenti jistgħu, b'mod partikolari, jippubblikaw jew jirranġaw biex il-Kummissjoni u d-Direttur jippubblikaw avviżi perjodiċi indikattivi li għandhom x'jaqsmu ma' proġetti kbar mingħajr ma jirrepetu tagħrif inkluż minn qabel f'avviż perjodiku indikattiv, sakemm jiġi muri b'mod ċar li dawn l-avviżi huma addizzjonali.

(3) Meta entitajiet kontraenti jagħżlu li jwaqqfu sistema ta' kwalifika skond ir-regolament 53, is-sistema għandha tkun is-suġġett ta' avviż kif imsemmi fi Skeda XIV, li jindika l-għan tas-sistema ta' kwalifika u kif jista' jsir aċċess għar-regoli li jirrigwardaw l-operat tiegħu. Meta s-sistema hija ta' tul ta' żmien ta' aktar minn tliet snin, l-avviż għandu jiġi pubblikat kull sena. Meta s-sistema hija ta' tul ta' żmien iqsar, ikun biżżejjed avviż inizjali.

Avviżi wżati bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni.

42. (1) Fil-każ ta' kuntratti ta' provvista, xogħlijiet jew servizzi, is-sejħa għall-kompetizzjoni tista' ssir:

(a) permezz ta' avviż perjodiku indikattiv kif imsemmi fi Skeda XV; jew

(b) permezz ta' avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika kif imsemmi fi Skeda XIV; jew

(ċ) permezz ta' avviż dwar kuntratt kif imsemmi fi Skeda XIII, Sezzjonijiet A, B jew Ċ.

(2) Fil-każ ta' sistemi dinamiċi ta' xiri, is-sejħa għal kompetizzjoni tas-sistema għandha tkun permezz ta' avviż dwar kuntratt kif imsemmi fis-subregolament (1)(ċ), waqt li sejħiet ta' kompetizzjoni għal kuntratti bażati fuq dawn is-sistemi għandhom isiru permezz ta' avviż dwar kuntratt simplifikat kif imsemmi fi Skeda XIII, Sezzjoni D.

(3) Meta sejħa għal kompetizzjoni ssir permezz ta' avviż perjodiku indikattiv, l-avviż għandu:

(a) jirreferi speċifikament għall-provvisti, xogħlijiet jew servizzi li ser ikunu s-suġġett tal-kuntratt li ser jingħata;

(b) jindika li l-kuntratt ser jingħata permezz ta' proċedura ristretta jew negozjata mingħajr aktar pubblikazzjoni ta' avviż ta' sejħa għal kompetizzjoni u jistieden lil operaturi ekonomiċi interessati li jesprimu l-interess tagħhom bil-miktub; u

(ċ) jkun ġie pubblikat skond Skeda XXII mhux aktar minn tnax-il xahar qabel id-data li fiha tintbagħat l-istedina msemmija fir-regolament 47(5). Barra minn dan, l-entità kontraenti għandha tosserva l-limiti ta' żmien preskritti fir-regolament 45.

Avviżi dwar l-għoti ta' kuntratti.

43. (1) Entitajiet kontraenti li jkunu taw kuntratt jew ftehim qafas għandhom, fi żmien xahrejn mill-għoti tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas, jibgħatu avviż ta' għoti ta' kuntratt kif imsemmi fi Skeda XVII.

Fil-każ ta' kuntratti mogħtija taħt ftehim qafas skond it-tifsira tar-regolament 14(2), l-entitàjiet kontraenti ma jkunux marbuta li jibagħtu avviż tar-riżultati tal-proċedura ta' l-għoti għal kull kuntratt ibbażat fuq dak il-ftehim.

Entitajiet kontraenti għandhom jibgħatu avviż ta' għoti ta' kuntratt ibbażat fuq sistema dinamika ta' xiri fi żmien xahrejn wara l-għoti ta' kull kuntratt. Jistgħu, madankollu, jirraggruppaw dawn l-avviżi fuq bażi ta' kull tliet xhur. F'dak il-każ, għandhom jibagħtu l-avviżi raggruppati fi żmien xahrejn wara tmiem kull tliet xhur.

(2) It-tagħrif mogħti skond Skeda XVII u maħsub għal pubblikazzjoni għandu jiġi ppubblikat skond Skeda XXII. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni u d-Direttur għandhom jirrispettaw kull aspett kummerċjali sensittiv li l-entitajiet kontraenti jistgħu juru meta jibagħtu dan it-tagħrif, dwar l-għadd ta' offerti riċevuti, l-identità ta' operaturi ekonomiċi, jew prezzijiet.

(3) Meta entitajiet kontraenti jagħtu kuntratt ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp ("kuntratt R & D") permezz ta' proċedura mingħajr sejħa għal kompetizzjoni skond ir-regolament 40(3)(b), jistgħu jillimitaw għar-riferenza "servizzi ta' riċerka u żvilupp" it-tagħrif li għandu jingħata skond Skeda XVII dwar in-natura u l-kwantità tas-servizzi mogħtija.

Meta entitajiet kontraenti jagħtu kuntratt R & D li ma jistax jingħata permezz ta' proċedura mingħajr sejħa għal kompetizzjoni skond ir-regolament 40(3)(b), huma jistgħu, għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità kummerċjali, jillimitaw it-tagħrif li għandu jingħata skond Skeda XVII dwar in-natura u l-kwantità tas-servizzi mogħtija.

F'dawn il-każijiet, entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw li kull tagħrif pubblikat skond dan il-paragrafu m'huwiex inqas dettaljat minn dak li jinsab fl-avviż tas-sejħa għal kompetizzjoni pubblikat skond ir-regolament 42(1).

Jekk jużaw sistema ta' kwalifika, entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw f'dawn il-każijiet li dan it-tagħrif m'huwiex inqas dettaljat mill-kategorija msemmija fil-lista ta' provdituri kwalifikati ta' servizzi mfassla skond ir-regolament 53(7).

(4) Fil-każ ta' kuntratti mogħtija għal servizzi elenkati fi Skeda XIX, l-entitajiet kontraenti għandhom jindikaw fl-avviż jekk jaqblux mal-pubblikazzjoni.

(5) Tagħrif mogħti skond Skeda XVII u mmarkat bħala li mhux maħsub għall-pubblikazzjoni għandu jiġi pubblikat biss fil-forma simplifikata u skond Skeda XXII għal għanijiet statistiċi.

Forma u mod ta' pubblikazzjoni ta' avviżi.

44. (1) L-avviżi għandhom jinkludu t-tagħrif imsemmi fi Skedi XIII, XIV, XV, XVI u XVII u, fejn ikun adatt, kull tagħrif ieħor li jitqies ta' użu mill-entità kontraenti fil-format ta' formoli *standard* adottati mill-Kummissjoni.

(2) L-avviżi mibgħuta minn entitajiet kontraenti lill-Kummissjoni u lid-Direttur għandhom jintbagħtu jew permezz ta' mezzi elettroniċi skond il-format u l-proċeduri għat-trasmissjoni indikati fil-punt 3 ta' Skeda XXII, jew permezz ta' mezzi oħra.

L-avviżi msemmija fir-regolamenti 41, 42 u 43 għandhom jiġu ppubblikati skond il-karatteristiċi tekniċi għall-pubblikazzjoni stabbiliti fil-punt 1(a) u (b) ta' Skeda XXII.

(3) Avviżi mfassla u trasmessi permezz ta' mezzi elettroniċi skond il-format u l-proċeduri għat-trasmissjoni indikati fil-punt 3 ta' l-Iskeda XXII, għandhom jiġu pubblikati mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara li jkunu ntbagħtu.

Avviżi li m'humiex trasmessi permezz ta' mezzi elettroniċi skond il-format u l-proċeduri għat-trasmissjoni indikati fil-punt 3 ta' Skeda XXII għandhom jiġu pubblikati mhux aktar tard minn tnax-il jum wara li jkunu ntbagħtu. Madankollu, f'każijiet eċċezzjonali, l-avviżi dwar kuntratt imsemmija fir-regolament 42(1)(ċ) għandhom jiġu ppubblikati fi żmien ħamest ijiem bħala risposta għal talba mill-entità kontraenti, sakemm l-avviż ikun intbagħat permezz ta' *fax*.

(4) Avviżi dwar kuntratt għandhom jiġu pubblikati fl-intier tagħhom f'lingwa uffiċjali tal-Komunità magħżula mill-entità kontraenti, b'din il-versjoni oriġinali tal-lingwa tikkostitwixxi t-test

awtentiku waħdieni. Sommarju ta' l-elementi importanti ta' kull avviż għandu jiġi pubblikat fil-lingwi uffiċjali l-oħra. L-ispejjeż tal-pubblikazzjoni ta' l-avviżi mill-Kummissjoni għandhom jitħallsu mill-Komunità.

(5) L-avviżi u l-kontenut tagħhom ma jistgħux jiġu pubblikati fuq livell nazzjonali qabel id-data li fiha jintbagħtu lill-Kummissjoni. L-avviżi pubblikati fuq livell nazzjonali m'għandux ikun fihom tagħrif ieħor ħlief dak li jinsab fl-avviżi mibgħuta lill-Kummissjoni jew pubblikati fuq profil tax-xerrej skond l-ewwel subparagrafu tar-regolament 41(1), iżda għandhom isemmu d-data ta' meta jintbagħat l-avviż lill-Kummissjoni jew tal-pubblikazzjoni tiegħu fuq il-profil tax-xerrej. Avviżi perjodiċi indikattivi ma jistgħux jiġu pubblikati fuq profil tax-xerrej qabel ma jintbagħat lill-Kummissjoni l-avviż tal-pubblikazzjoni tagħhom f'dik il-forma; għandhom isemmu d-data ta' meta jintbagħtu.

(6) Entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw li huma kapaċi li jipprovdu prova tad-dati li fihom jintbagħtu l-avviżi.

(7) Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-entità kontraenti konferma tal-pubblikazzjoni tat-tagħrif mibgħut, waqt li jsemmu d-data ta' dik il-pubblikazzjoni. Dik il-konferma għandha tikkostitwixxi prova ta' pubblikazzjoni.

(8) Entitajiet kontraenti jistgħu jippubblikaw, skond is-subregolamenmt (1) sa (7), avviżi dwar kuntratt li m'humiex soġġetti għall-ħtiġiet ta' pubblikazzjoni preskritti b'dawn ir-regolamenti.

SEZZJONI 2

Limiti ta' żmien

Limiti ta' żmien biex jiġu riċevuti talbiet għall-parteċipazzjoni u biex jiġu riċevuti offerti.

45. (1) Meta jiffissaw il-limiti ta' żmien għal talbiet għal parteċipazzjoni u biex jirċievu offerti, entitajiet kontraenti għandhom iqisu b'mod partikolari l-kumplessità tal-kuntratt u ż-żmien meħtieġ biex jitfasslu l-offerti, mingħajr preġudizzju għall-limiti ta' żmien minimi stabbiliti f'dan ir-regolament.

(2) Fil-każ ta' proċeduri miftuħa, l-limitu ta' żmien minimu biex jiġu riċevuti l-offerti għandu jkun ta' tnejn u ħamsin ġurnata mid-data li fiha ntbagħat l-avviż dwar kuntratt.

(3) Fi proċeduri ristretti u proċeduri negozjati b'sejħa minn qabel għal kompetizzjoni, għandhom japplikaw l-arranġamenti li ġejjin:

(a) il-limitu ta' żmien biex jiġu riċevuti talbiet għal

parteċipazzjoni, bħala risposta għal avviż pubblikat skond ir-regolament 42(1)(ċ), jew bħala risposta għal stedina mill-entitajiet kontattanti skond ir-regolament 47(5), għandu, bħala regola ġenerali, jiġi stabbilit mhux inqas minn sebgħa u tletin ġurnata mid-data li fiha l-avviż jew l-istedina tkun intbagħtet u ma jistax fl-ebda każ ikun inqas minn tnejn u għoxrin ġurnata jekk l-avviż jintbagħat għal pubblikazzjoni b'mezzi oħra ħlief mezzi elettroniċi jew *fax*, u mhux inqas minn ħmistax-il ġurnata jekk l-avviż huwa trasmess b'dawn il-mezzi;

(b) il-limitu ta' żmien biex jiġu riċevuti offerti jista' jiġi stabbilit permezz ta' qbil reċiproku bejn l-entità kontraenti u l-kandidati magħżula, sakemm il-kandidati l-oħra jkollhom l-istess żmien biex iħejju u jagħmlu l-offerti tagħhom;

(ċ) fejn m'huwiex possibbli li jintlaħaq ftehim dwar il-limitu ta' żmien biex jiġu riċevuti offerti, l-entità kontraenti għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien li għandu, bħala regola ġenerali, jkun mill-inqas erbgħa u għoxrin ġurnata u ma għandux fl-ebda każ ikun inqas minn ghaxart ijiem mid-data ta' l-istedina għall-offerti.

(4) Jekk l-entitajiet kontraenti jkunu ppubblikaw avviż perjodiku indikattiv kif imsemmi fir-regolament 41(1) skond l-Iskeda XXII, il-limitu ta' żmien minimu biex jiġu riċevuti offerti fi proċeduri miftuħa għandu, bħala regola ġenerali, ma jkunx inqas minn sitta u tletin ġurnata, iżda ma għandux fl-ebda każ ikun inqas minn tnejn u għoxrin ġurnata mid-data li fiha ntbagħat l-avviż. Dawn il-limiti ta' żmien imnaqqsa huma permessi, sakemm l-avviż perjodiku indikattiv ikun fih, b'żieda mat-tagħrif meħtieġ bi Skeda XV, Taqsima I, it-tagħrif kollu meħtieġ bi Skeda XV, Taqsima II, safejn it-tagħrif imsemmi l-aħħar huwa disponibbli fil-ħin li l-avviż huwa pubblikat, u li l-avviż ikun intbagħat għal pubblikazzjoni bejn tnejn u ħamsin ġurnata u tnax-il xahar qabel id-data li fiha jintbagħat l-avviż dwar kuntratt imsemmi fir-regolament 42(1)(ċ).

(5) Meta l-avviżi huma mfassla u trasmessi permezz ta' mezzi elettroniċi skona il-format u l-proċeduri għat-trasmissjoni indikati fil-punt 3 ta' Skeda XXII il-limiti ta' żmien biex jiġu riċevuti talbiet għal parteċipazzjoni fi proċeduri ristretti u negozjati, u biex jiġu riċevuti offerti fi proċeduri miftuħa, jistgħu jitnaqqsu b'sebat ijiem.

(6) Ħlief fil-każ ta' limitu ta' żmien stabbilit bi qbil reċiproku skond is-subregolament (3)(b), il-limiti ta' żmien biex jiġu riċevuti offerti fi proċeduri miftuħa, ristretti u negozjati jistgħu jitnaqqsu b'ħamest ijiem oħra meta l-entità kontraenti toffri aċċess mhux ristrett u dirett sħiħ għad-dokumenti tal-kuntratt u kull dokument

supplimentari permezz ta' mezzi elettroniċi mid-data li fiha l-avviż użat bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni huwa pubblikat, skond Skeda XXII. L-avviż għandu jispeċifika l-indirizz ta' l-internet li minnu din id-dokumentazzjoni hija aċċessibbli.

(7) Fi proċeduri miftuħa, l-effett kumulattiv tat-tnaqqis preskritt fis-subregolamenti (4), (5) u (6) ma jistax fl-ebda każ jirrizulta f'limitu ta' żmien biex jiġu riċevuti offerti ta' inqas minn ħmistax-il ġurnata mid-data li fiha jintbagħat l-avviż dwar kuntratt:

Iżda, jekk l-avviż dwar kuntratt m'huwiex trasmess permezz tal-*fax* jew mezzi elettroniċi, l-effett kumulattiv tat-tnaqqis preskritt fis-subregolamenti (4), (5) u (6) ma jistax fl-ebda każ jirrizulta f'limitu ta' żmiem biex jiġu riċevuti offerti fi proċedura miftuħa ta' inqas minn tnejn u għoxrin ġurnata mid-data li fiha ġie trasmess l-avviż dwar kuntratt.

(8) (a) L-effett kumulattiv tat-tnaqqis preskritt fis-subregolamenti (4), (5) u (6) ma jistax fl-ebda każ jirrizulta f'limitu ta' żmien biex jiġu riċevuti talbiet għal parteċipazzjoni, bħala risposta għal avviż pubblikat skond ir-regolament 42(1)(ċ), jew bħala risposta għal stedina mill-entitajiet kontraenti skond ir-regolament 47(5), ta' inqas minn ħmistax-il ġurnata mid-data li fiha jintbagħat l-avviż dwar kuntratt jew l-istedina.

(b) Fi proċeduri ristretti u negozjati, l-effett kumulattiv tat-tnaqqis preskritt fis-subregolamenti (4), (5) u (6) ma jistax, fl-ebda każ, ħlief dak ta' limitu ta' żmien stabbilit bi qbil reċiproku skond is-subregolament (3)(b), jirrizulta f'limitu ta' żmien biex jiġu riċevuti offerti ta' inqas minn ghaxart ijiem mid-data li fiha tintbagħat l-istedina għall-offerti.

(9) Jekk, għal xi raġuni tkun xi tkun, id-dokumenti tal-kuntratt u d-dokumenti ta' appoġġ jew tagħrif addizzjonali, għalkemm mitluba f'waqthom, ikunu għadhom ma ingħatawx fil-limiti ta' żmien stabbiliti fir-regolamenti 46 u 47, jew fejn ikunu jistgħu jsiru offerti biss wara vista fil-post jew wara spezzjoni fuq il-post tad-dokumenti li jsostnu d-dokumenti tal-kuntratt, il-limiti ta' żmien biex jiġu riċevuti offerti għandhom jiġu debitament estiżi, ħlief fil-każ ta' limitu ta' żmien stabbilit bi qbil reċiproku skond is-subregolament (3)(b), sabiex l-operaturi ekonomiċi kollha konċernati jistgħu jkunu jafu bit-tagħrif kollu meħtieġ għat-tħejjija ta' offerta.

(10) Tabella sommarja tal-limiti ta' żmien preskritti f'dan ir-regolament tinsab fi Skeda XXIV.

Proċeduri miftuħa: speċifikazzjonijiet, dokumenti u tagħrif addizzjonali.

46. Fi proċeduri miftuħa, fejn entitajiet kontraenti ma joffrux aċċess mhux ristrett u dirett sħiħ permezz ta' mezzi elettroniċi skond ir-regolament 45(6) għall-ispeċifikazzjonijiet u kull dokument ta' sostenn, l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumenti ta' sostenn għandhom jintbagħtu lill-operaturi ekonomiċi fi żmien sitt ijiem minn meta tkun ġiet riċevuta t-talba, sakemm it-talba tkun saret f'waqtha qabel il-limitu ta' żmien biex isiru l-offerti:

Sakemm ikun ġie mitlub f'waqtu, tagħrif addizzjonali li għandu x'jaqsam ma' l-ispeċifikazzjonijiet għandu jingħata mill-entitajiet kontraenti jew dipartimenti kompetenti mhux aktar tard minn sitt ijiem qabel il-limitu ta' żmien stabbilit biex jiġu riċevuti l-offerti.

Stediniet għas-sottomissjoni ta' offerta jew għan-negozjar.

47. (1) Fi proċeduri ristretti u proċeduri negozjati, entitajiet kontraenti għandhom fl-istess ħin u bil-miktub jistiednu lill-kandidati magħżula biex jagħmlu l-offerti tagħhom jew biex jinnegozjaw. L-istedina lill-kandidati għandha tinkludi jew:

- kopja ta' l-ispeċifikazzjonijiet u kull dokument ta' sostenn, jew

- riferenza għall-aċċess ta' l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumenti ta' sostenn indikati fl-ewwel inċiż, meta jsiru direttament disponibbli permezz ta' mezzi elettroniċi skond ir-regolament 45(6).

(2) Meta l-ispeċifikazzjonijiet u, jew kull dokument ta' sostenn jinżammu minn entità oħra li ma tkunx l-entità kontraenti responsabbli għall-proċedura ta' l-għoti, l-istedina għandha tiddikjara l-indirizz minn fejn dawk l-ispeċifikazzjonijiet u dokumenti jistgħu jintalbu u, jekk ikun adatt, id-data ta' għeluq għat-talba ta' dawn id-dokumenti, is-somma pagabbli biex dawn jinkisbu u kull proċedura ta' ħlas. Id-dipartiment kompetenti għandu jibgħat dik id-dokumentazzjoni lill-operatur ekonomiku minnufih malli jirċievi t-talba.

(3) It-tagħrif addizzjonali dwar l-ispeċifikazzjonijiet jew id-dokumenti ta' sostenn għandhom jintbagħtu lill-entità kontraenti jew id-dipartiment kompetenti mhux inqas minn sitt ijiem qabel id-data finali stabbilita biex jiġu riċevuti l-offerti, sakemm dawn jintalbu f'waqthom.

(4) B'żieda ma' dan, l-istedina għandu jkun fiha mill-inqas dan li ġej:

(a) fejn xieraq, il-limitu ta' żmien biex jintalbu dokumenti addizzjonali, kif ukoll l-ammont u t-termini ta' ħlas ta' kull somma li għandha titħallas għal dawn id-dokumenti;

(b) id-data finali biex jiġu riċevuti l-offerti, l-indirizz fejn iridu jintbagħtu, u l-lingwa jew lingwi li fihom għandhom jitħejjew;

(ċ) riferenza għal kull avviż ta' kuntratt pubblikat;

(d) indikazzjoni ta' kull dokument li għandu jiġi mehmuż;

(e) il-kriterji għall-għoti tal-kuntratt, fejn m'humiex indikati fl-avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika wżata bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni;

(f) l-importanza relattiva tal-kriterji ta' l-għoti tal-kuntratt jew, fejn ikun xieraq, l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji, jekk dan it-tagħrif ma jingħatax fl-avviż dwar kuntratt, l-avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika jew l-ispeċifikazzjonijiet.

(5) Meta sejħa għal kompetizzjoni ssir permezz ta' avviż perjodiku indikattiv, l-entitajiet kontraenti għandhom sussegwentement jistiednu lill-kandidati kollha biex jikkonfermaw l-interess tagħhom fuq il-bażi ta' tagħrif dettaljat dwar il-kuntratt konċernat qabel il-bidu tal-għażla ta' offerenti jew parteċipanti f'negozjati. Din l-istedina għandu jkun fiha mill-inqas it-tagħrif li ġej:

(a) in-natura u l-kwantità, inklużi l-għażliet kollha rigward kuntratti kumplimentari u, jekk ikun possibbli, il-ħin stmat disponibbli biex jiġu eżerċitati dawn l-għażliet għal kuntratti li jiġġeddu, n-natura u l-kwantità u, jekk ikun possibbli, d-dati ta' pubblikazzjoni stmati ta' avviżi fil-futur ta' kompetizzjoni għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi li ser jitqiegħdu għal offerti;

(b) it-tip ta' proċedura: ristretta jew negozjata;

(ċ) fejn ikun xieraq, id-data li fiha l-kunsinna ta' provvisti jew l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet jew servizzi tibda jew tispiċċa;

(d) l-indirizz u d-data ta' għeluq għas-sottomissjoni ta' talbiet għal dokumenti ta' offerti u l-lingwa jew lingwi li fihom għandhom jitfasslu;

(e) l-indirizz ta' l-entità li ser tagħti l-kuntratt u t-tagħrif meħtieġ għall-ksib ta' l-ispeċifikazzjonijiet u dokumenti oħra;

(f) kondizzjonijiet ekonomiċi u tekniċi, garanziji

finanzjarji u tagħrif meħtieġ minn operaturi ekonomiċi;

(g) l-ammont u l-proċeduri ta' ħlas għal kull somma pagabbli għall-ksib ta' dokumenti ta' l-offerti;

(h) il-forma tal-kuntratt li huwa s-suġġett ta' l-istediniet għall-offerti: xiri, kiri b'self, kiri jew *hire purchase*, jew xi taħlita ta' dawn; u

(i) il-kriterji ta' l-għoti tal-kuntratt u l-importanza tagħhom jew, fejn ikun xieraq, l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji, jekk dan it-tagħrif ma jingħatax fl-avviż indikattiv jew fl-ispeċifikazzjonijiet jew fl-istedina għall-offerti jew għan-negozjar.

SEZZJONI 3

Komunikazzjoni u tagħrif

Regoli applikabbli għall-komunikazzjoni.

48. (1) L-iskambju kollu ta' komunikazzjoni u tagħrif msemmi f'dan it-Titolu jista' jitwettaq bil-posta, bil-*fax* jew b'mezzi elettroniċi skond is-subregolamenti (4) u (5), bit-telefon fil-każijiet u ċ-ċirkostanzi msemmija fis-subregolament (6), jew b'taħlita ta' dawn il-mezzi, skond l-għażla ta' l-entità kontraenti.

(2) Il-mezzi ta' komunikazzjoni magħżula għandhom ikunu ġeneralment disponibbli u b'hekk ma jirristrinġux l-aċċess ta' l-operaturi ekonomiċi għall-proċedura ta' l-għoti ta' l-offerti.

(3) Il-komunikazzjoni u l-iskambju u r-reġistrazzjoni ta' tagħrif għandhom jitwettqu b'dak il-mod li jiżgura li jiġu preżervati l-integrità ta' l-informazzjoni u l-kunfidenzjalità ta' offerti u talbiet għall-parteċipazzjoni, u li l-entitajiet kontraenti jeżaminaw il-kontenut ta' offerti u talbiet għall-parteċipazzjoni biss wara li jiskadi l-limitu taż-żmien stabbilit biex dawn isiru.

(4) L-għodda li għandha tintuża għall-komunikazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi, kif ukoll il-karatteristiċi tekniċi tagħhom, għandhom ikunu mhux diskriminatorji, ġeneralment disponibbli u interoperabbli mal-prodotti tat-tagħrif u tat-teknoloġija ta' komunikazzjoni fl-użu ġenerali.

(5) Ir-regoli li ġejjin huma applikabbli għal tagħmir għat-trasmissjoni elettronika u biex jiġu riċevuti offerti u għal tagħmir biex jiġi riċevuti elettronikament talbiet għall-parteċipazzjoni:

(a) tagħrif rigward l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għas-sottomissjoni elettronika ta' offerti u talbiet għall-parteċipazzjoni,

inkluż il-qlib ta' *data* f'kodiċi, għandu jkun disponibbli lill-partijiet interessati. Barra minn dan, it-tagħmir biex jiġu riċevuti elettronikament offerti u talbiet għall-parteċipazzjoni għandu jkun konformi mal-ħtiġiet ta' Skeda XXVI;

(b) l-entitajiet kontraenti jistgħu, skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 1999/93/KE, jeħtieġu li l-offerti elettroniċi jkollhom magħhom firma elettronika avanzata skond il-paragrafu 1 tiegħu;

(ċ) l-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu skemi volontarji ta' akkreditazzjoni li jimmiraw għal livelli mtejba ta' għoti ta' servizzi ta' ċertifikazzjoni għal dak it-tagħmir;

(d) offerenti jew kandidati għandhom jintrabtu li jagħmlu disponibbli, qabel l-iskadenza tal-limitu taż-żmien preskritt biex isiru offerti jew talbiet għall-parteċipazzjoni, d-dokumenti, iċ-ċertifikati u d-dikjarazzjonijiet imsemmija fir-regolamenti 52(2), 52(3), 53 u 54 jekk dawn ma jeżistux fil-format elettroniku.

(6) Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għat-trasmissjoni ta' talbiet għall-parteċipazzjoni:

(a) talbiet għal parteċipazzjoni fi proċeduri għall-għoti ta' kuntratti jistgħu jsiru bil-miktub jew bit-telefon;

(b) meta talbiet għal parteċipazzjoni jsiru bit-telefon, konferma bil-miktub għandha tintbagħat qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien stabbilit biex dawn jiġu riċevuti;

(ċ) entitajiet kontraenti jistgħu jeħtieġu li talbiet għal parteċipazzjoni li jsiru bil-*fax* għandhom jiġu konfermati bil-posta jew b'mezzi elettroniċi, meta dan ikun meħtieġ għall-finijiet ta' prova legali. Kull ħtieġa bħal din, flimkien mal-limitu ta' żmien biex tintbagħat konferma bil-posta jew b'mezzi elettroniċi, għandha tiġi dikjarata mill-entità kontraenti fl-avviż użat bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni jew fl-istedina msemmija fir-regolament 47(5).

Tagħrif għal applikanti għall-kwalifika, kandidati u offerenti.

49. (1) Entitajiet kontraenti għandhom kemm jista' jkun malajr jgħarrfu lill-operaturi ekonomiċi involuti dwar id-deċiżjonijiet li jintlaħqu rigward il-konklużjoni ta' ftehim qafas, l-għoti tal-kuntratt, jew id-dħul f'sistema dinamika ta' xiri, inklużi r-raġunijiet għal kull deċiżjoni biex ma jsirx ftehim qafas jew ma jingħatax kuntratt li għalih kien hemm sejħa għal kompetizzjoni jew biex terġa' tibda l-proċedura, jew biex ma tiġix implimentata sistema dinamika ta' xiri; dan it-tagħrif għandu jingħata bil-miktub jekk l-entitajiet kontraenti jiġu hekk mitluba.

(2) Fuq talba mill-parti konċernata, entitajiet kontraenti għandhom, kemm jista' jkun malajr, jgħarrfu:

- lil kull kandidat li ma jingħatax il-kuntratt bir-raġunijiet għar-rifjut ta' l-applikazzjoni tiegħu,

- lil kull offerent bir-raġunijiet għar-rifjut ta' l-offerta tiegħu, inklużi, għall-każijiet imsemmija fir-regolament 34(4) u (5), ir-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħhom ta' nuqqas ta' ekwivalenza jew id-deċiżjonijiet tagħhom li x-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi ma jilħqux il-ħtiġiet ta' twettieq jew funzjonali,

- lil kull offerent li jagħmel offerta aċċettabbli dwar il-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi ta' l-offerta magħżula, kif ukoll bl-isem ta' l-offerent li jingħata l-kuntratt jew il-partijiet fil-ftehim qafas.

Iż-żmien meħud biex isir dan ma jistax taħt l-ebda ċirkostanzi jaqbeż il-ħmistax-il ġurnata minn meta tiġi riċevuta talba bil-miktub.

Madankollu, entitajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li ċertu tagħrif dwar l-għoti tal-kuntratt jew l-għemil tal-ftehim qafas jew id-dħul f'sistema dinamika ta' xiri, imsemmija fis-subregolament (1), għandu jinżamm meta r-rilaxx ta' dan it-tagħrif jimpedixxi l-infurzar tal-liġi jew inkella jkun kuntrarju għall-interess pubbliku jew ikun jippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' operatur ekonomiku partikolari, pubbliku jew privat, inklużi l-interessi ta' l-operatur ekonomiku li jkun ingħata l-kuntratt, jew jistgħu jippreġudikaw kompetizzjoni ġusta bejn operaturi ekonomiċi.

(3) Entitajiet kontraenti li jistabbilixxu u joperaw sistema ta' kwalifika għandhom jgħarrfu l-applikanti bid-deċiżjoni tagħhom dwar kwalifika f'perjodu ta' żmien ta' sitt xhur. Jekk id-deċiżjoni ddum aktar minn erba' xhur mill-prezentazzjoni ta' l-applikazzjoni, l-entità kontraenti għandha tgħarraf lill-applikant, fi żmien xahrejn mill-applikazzjoni, bir-raġunijiet li jiġġustifikaw il-perjodu itwal u bid-data sa meta l-applikazzjoni tiegħu tkun aċċettata jew rifjutata.

(4) Applikanti li l-kwalifika tagħhom hija rifjutata għandhom jiġu mgħarrfa b'din id-deċiżjoni u r-raġunijiet għar-rifjut kemm jista' jkun malajr u taħt ebda ċirkostanza aktar minn ħmistax-il ġurnata aktar tard mid-data tad-deċiżjoni. Ir-raġunijiet għandhom ikunu msejsa fuq il-kriterji għal kwalifika msemmija fir-regolament 53(2).

(5) Entitajiet kontraenti li jistabbilixxu u joperaw sistema ta'

kwalifika jistgħu jtemmu l-kwalifika ta' operatur ekonomiku biss għal raġunijiet bażati fuq il-kriterji għall-kwalifika msemmija fir-regolament 53(2). Kull intenzjoni biex tintemm kwalifika għandha tiġi mgħarrfa bil-miktub lill-operatur ekonomiku minn qabel, mill-inqas ħmistax-il ġurnata qabel id-data li fiha l-kwalifika hija mistennija li tintemm, flimkien mar-raġuni jew ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-azzjoni proposta.

Tagħrif li għandu jiġi reġistrat rigward għotjiet.

50. (1) Entitajiet kontraenti għandhom iżommu tagħrif xieraq dwar kull kuntratt li għandu jkun biżżejjed biex jippermettilhom f'data aktar tard li jiġġustifikaw deċiżjonijiet meħuda dwar:

(a) il-kwalifika u l-għażla ta' operaturi ekonomiċi u l-għoti ta' kuntratti;

(b) l-użu ta' proċeduri mingħajr sejħa minn qabel għal kompetizzjoni bis-saħħa tar-regolament 40(3);

(ċ) in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' Kapitoli III sa VI ta' dan it-Titolu minħabba fid-derogi previsti fil-Kapitolu II tat-Titolu I u fil-Kapitolu II ta' dan it-Titolu.

Entitajiet kontraenti għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jiddokumentaw il-progess ta' proċeduri ta' għoti mwettqa b'mezzi elettroniċi.

(2) It-tagħrif għandu jinżamm għal mill-inqas erba' snin mid-data tal-għoti tal-kuntratt sabiex l-entità kontraenti tkun tista', matul dak il-perjodu, tipprovdi t-tagħrif meħtieġ lill-Kummissjoni u lid-Direttur jekk issir talba għal dan it-tagħrif.

Kapitolu VII

Kif titmexxa l-proċedura

Dispożizzjonijiet ġenerali.

51. (1) Għall-għan ta' l-għażla ta' parteċipanti fil-proċeduri ta' l-għoti tagħhom:

(a) entitajiet kontraenti li jkunu għamlu regoli u kriterji għall-esklużjoni ta' offerenti jew kandidati skond ir-regolament 54(1), (2) jew (4) għandhom jeskludu operaturi ekonomiċi li jikkonformaw ma' dawn ir-regoli u jilħqu dawk il-kriterji;

(b) għandhom jagħżlu offerenti u kandidati skond ir-regoli u l-kriterji oġġettivi stabbiliti skond ir-regolament 54;

(ċ) fi proċeduri ristretti u proċeduri negozjati b'sejħa għal kompetizzjoni, għandhom fejn ikun adatt skond ir-regolament 54

inaqqsu l-għadd ta' kandidati magħżulin skond il-paragrafi (a) u (b).

(2) Meta ssir sejħa għal kompetizzjoni permezz ta' avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika u biex jintgħażlu parteċipanti fi proċeduri ta' l-għoti għall-kuntratti speċifiċi li huma s-suġġett tas-sejħa għall-kompetizzjoni, l-entitajiet kontraenti għandhom:

(a) jikkwalifikaw l-operaturi ekonomiċi skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 53;

(b) japplikaw għal dawn l-operaturi ekonomiċi kwalifikati dawk id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) li huma rilevanti għal proċeduri ristretti jew negozjati.

(3) Entitajiet kontraenti għandhom jivverifikaw li l-offerti li jsiru mill-offerenti magħżula huma konformi mar-regoli u l-ħtiġiet applikabbli għal offerti u jagħtu l-kuntratt abbażi tal-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 55 u 57.

SEZZJONI 1

Kwalifika u għażla kwalitattiva

Għarfien reċiproku rigward kondizzjonijiet amministrattivi, tekniċi jew finanzjarji, u ċertifikati, testijiet u provi.

52. (1) Meta jintagħżlu parteċipanti għal proċedura ristretta jew negozjata, biex jilħqu d-deċiżjoni tagħhom rigward kwalifika jew meta l-kriterji u r-regoli qed jiġu aġġornati, entitajiet kontraenti ma għandhomx:

(a) jimponu kondizzjonijiet amministrattivi, tekniċi jew finanzjarji fuq ċerti operaturi ekonomiċi li ma jkunux imposti fuq oħrajn;

(b) jeħtieġu testijiet jew provi li jidduplikaw il-prova oġġettiva diġà disponibbli.

(2) Meta jitolbu l-produzzjoni ta' ċertifikati mħejjija minn korpi indipendenti li jiċċertifikaw il-konformità ta' l-operatur ekonomiku ma' ċerti *standards* ta' assikurazzjoni ta' kwalità, l-entitajiet kontraenti għandhom jirreferu għal sistemi ta' assikurazzjoni ta' kwalità msejsa fuq is-serje ta' *standards* Ewropej rilevanti ċertifikati minn korpijiet li jikkonformaw mas-serje ta' *standards* Ewropej rigward ċertifikazzjoni. Entitajiet kontraenti għandhom jirrikonoxxu ċertifikati ekwivalenti minn korpi stabbiliti fi Stati Membri oħra. Għandhom jaċċettaw ukoll provi oħra ta' miżuri ta' assikurazzjoni ta' kwalità ekwivalenti minn operaturi ekonomiċi.

(3) Għal kuntratti ta' xogħlijiet u ta' servizzi, u f'każijiet adatti

biss, l-entitajiet kontraenti jistgħu jeħtieġu, sabiex jivverifikaw l-abilitajiet tekniċi ta' l-operatur ekonomiku, indikazzjoni tal-miżuri tat-tmexxija ambjentali li l-operatur ekonomiku jkun jista' japplika meta jwettaq il-kuntratt. F'dawn il-każijiet, jekk l-entitajiet kontraenti jeħtieġu l-produzzjoni ta' ċertifikati mħejjija minn korpijiet indipendenti li jiċċertifikaw il-konformità ta' l-operatur ekonomiku ma' ċerti *standards* ta' tmexxija ambjentali, għandhom jirreferu għall-*EMAS* jew għal *standards* ta' tmexxija ambjentali bażati fuq *standards* rilevanti Ewropej jew internazzjonali kif ċertifikati minn korpijiet li huma konformi mad-dritt Komunitarju jew ma' *standards* rilevanti Ewropej jew internazzjonali rigward ċertifikazzjoni.

Entitajiet kontraenti għandhom jirrikonoxxu ċertifikati ekwivalenti minn korpijiet stabbiliti fi Stati Membri oħra. Għandhom jaċċettaw ukoll provi oħra ta' miżuri ta' tmexxija ambjentali ekwivalenti minn operaturi ekonomiċi.

Sistemi ta' kwalifika.

53. (1) Entitajiet kontraenti li hekk jixtiequ jistgħu jistabbilixxu u joperaw sistema ta' kwalifika ta' operaturi ekonomiċi. Entitajiet kontraenti li jistabbilixxu jew joperaw sistema ta' kwalifika għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jistgħu f'kull ħin jitolbu l-kwalifika.

(2) Is-sistema skond is-subregolament (1) tista' tinvolvi stadji differenti ta' kwalifika. Għandha tiġi operata abbażi ta' kriterji u regoli oġġettivi għall-kwalifika li għandhom jiġu stabbiliti mill-entità kontraenti. Meta dawk il-kriterji u r-regoli jinkludu speċifikazzjonijiet tekniċi, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tar-regolament 34. Il-kriterji u r-regoli jistgħu jiġu aġġornati kif meħtieġ.

(3) Il-kriterji u r-regoli għal kwalifika msemmija fis-subregolament (2) jistgħu jinkludu l-kriterji ta' esklużjoni elenkati fir-regolament 45 dwar il-pattijiet u l-kondizzjonijiet hemm stabbiliti. Meta l-entità kontraenti hija awtorità kontraenti skond it-tifsira tar-regolament 2(1)(a), dawk il-kriterji u r-regoli għandhom jinkludu l-kriterji ta' esklużjoni elenkati fir-regolament 45(4).

(4) Meta l-kriterji u r-regoli għal kwalifika msemmija fis-subregolament (2) jinkludu ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mal-kapaċità ekonomika u finanzjarja ta' l-operatur ekonomiku, dak l-operatur jista' fejn ikun meħtieġ jiddependi fuq il-kapaċità ta' entitajiet oħra, tkun xi tkun in-natura legali tar-rabta bejnu u dawk l-entitajiet. F'dan il-każ l-operatur ekonomiku għandu jagħti prova lill-entità kontraenti li dawn ir-riżorsi ser ikunu disponibbli għaliha matul il-perjodu tal-validità tas-sistema ta' kwalifika, per eżempju billi jipproduċi garanzija minn dawk l-entitajiet għal dan il-għan. Taħt l-istess kondizzjonijiet, grupp ta' operaturi ekonomiċi kif imsemmi fir-regolament 11 jista' jiddependi

fuq il-kapaċità ta' parteċipanti fil-grupp jew ta' entitajiet oħra.

(5) Meta l-kriterji u r-regoli għal kwalifika msemmija fis-subregolament (2) jinkludu ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mal-kapaċitajiet tekniċi u, jew professjonali ta' l-operatur ekonomiku, dan ta' l-aħħar jista' fejn ikun meħtieġ jiddependi fuq il-kapaċità ta' entitajiet oħra, tkun xi tkun in-natura legali tar-rabta bejnu u dawk l-entitajiet. F'dan il-każ l-operatur ekonomiku għandu jagħti prova lill-entità kontraenti li dawn ir-riżorsi ser ikunu disponibbli għaliha matul il-perjodu tal-validità tas-sistema ta' kwalifika, per eżempju billi jipproduċi garanzija minn dawk l-entitajiet biex jagħmlu r-riżorsi meħtieġa disponibbli għall-operatur ekonomiku.

Taħt l-istess kondizzjonijiet, grupp ta' operaturi ekonomiċi kif imsemmi fir-regolament 11 jista' jiddependi fuq il-kapaċitajiet ta' parteċipanti fil-grupp jew ta' entitajiet oħra.

(6) Il-kriterji u r-regoli għal kwalifika msemmija fis-subregolament (2) għandhom, meta dawn jintalbu, ikunu disponibbli għall-operaturi ekonomiċi. L-aġġornament ta' dawn il-kriterji u r-regoli għandhu jiġi komunikat lil operaturi ekonomiċi interessati.

Meta entità kontraenti tikkunsidra li s-sistema ta' kwalifika ta' ċerti entitajiet jew korpi oħra tkun tilħaq il-ħtiġiet tagħha, din għandha tikkomunika lill-operaturi ekonomiċi interessati l-ismijiet ta' dawk l-entitajiet jew korpi oħra.

(7) Għandu jinżamm *record* bil-miktub ta' operaturi ekonomiċi kwalifikati; dan jista' jitqassam f'kategoriji skond it-tip ta' kuntratt li għalih tkun valida l-kwalifika.

(8) Meta jkunu qiegħdin jistabbilixxu jew joperaw sistema ta' kwalifika, entitajiet kontraenti għandhom partikolarment josservaw id-disposizzjonijiet tar-regolament 41(3) rigward avviżi dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika, tar-regolament 49(3), (4) u (5) dwar it-tagħrif li għandu jitwassal lill-operaturi ekonomiċi li jkunu applikaw għal kwalifika, tar-regolament 51(2) rigward l-għażla ta' parteċipanti meta ssir sejħa għal kompetizzjoni permezz ta' avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika kif ukoll id-disposizzjonijiet tar-regolament 52 dwar għarfien reċiproku rigward kondizzjonijiet amministrattivi, tekniċi jew finanzjarji, ċertifikati, testijiet u provi.

(9) Meta ssir sejħa għal kompetizzjoni permezz ta' avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika, l-offerenti fi proċedura ristretta jew parteċipanti fi proċedura negozjata għandhom jintgħażlu mill-kandidati kwalifikati skond din is-sistema.

54. (1) Entitajiet kontraenti li jistabbilixxu kriterji ta' għażla fi proċedura miftuħa għandhom jagħmlu dan skond regoli u kriterji oġġettivi li huma disponibbli għal operaturi ekonomiċi interessati. Kriterji għal għażla kwalitattiva.

(2) Entitajiet kontraenti li jagħżlu kandidati għal proċeduri ristretti jew negozjati għandhom jagħmlu dan skond regoli u kriterji oġġettivi li jkunu stabbilixxew u li huma disponibbli għal operaturi ekonomiċi interessati.

(3) Fi proċeduri ristretti jew negozjati, l-kriterji jistgħu jkunu bażati fuq il-ħtieġa oġġettiva ta' l-entità kontraenti li tnaqqas l-għadd ta' kandidati għal livell li huwa ġustifikat mill-ħtieġa li jiġu bilanċjati l-karatteristiċi partikolari tal-proċedura ta' akkwist mar-riżorsi meħtieġa biex titmexxa. L-għadd ta' kandidati magħżula għandu, madankollu, iqis il-ħtieġa li tiġi żgurata kompetizzjoni adegwata.

(4) Il-kriterji msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) jistgħu jinkludu l-kriterji ta' esklużjoni elenkati fir-regolament 45 tar-Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Kuntratti Pubbliċi skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet hemm stabbiliti.

Meta l-entità kontraenti tkun awtorità kontraenti skond it-tifsira tar-regolament 2(1)(a), il-kriterji u r-regoli msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) għandhom jinkludu l-kriterji ta' esklużjoni elenkati fir-regolament 45(4).

(5) Meta l-kriterji msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) ikunu jinkludu ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mal-kapaċità ekonomika u finanzjarja ta' l-operatur ekonomiku, dak l-operatur jista' fejn ikun meħtieġ u għal kuntratt partikolari jiddependi fuq il-kapaċità ta' entitajiet oħra, tkun xi tkun in-natura legali tar-rabta bejnu u dawk l-entitajiet. F'dan il-każ l-operatur ekonomiku għandu jagħti prova lill-entità kontraenti li r-riżorsi meħtieġa ser ikunu disponibbli għaliha, per eżempju billi jipproduċi garanzija minn dawk l-entitajiet għal dak il-għan. Taħt l-istess kondizzjonijiet, grupp ta' operaturi ekonomiċi kif imsemmi fir-regolament 11 jista' jiddependi fuq il-kapaċitajiet ta' parteċipanti fil-grupp jew ta' entitajiet oħra.

(6) Meta l-kriterji msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) jinkludu ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mal-kapaċitajiet tekniċi u, jew professjonali ta' l-operatur ekonomiku, dak l-operatur jista' fejn ikun meħtieġ u għal kuntratt partikolari jiddependi fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, tkun xi tkun in-natura legali tar-rabta bejnu u dawk l-entitajiet. F'dan il-każ l-operatur ekonomiku għandu jagħti prova lill-entità kontraenti li, għat-twettiq tal-kuntratt, dawk ir-riżorsi ser ikunu disponibbli għall-entità, per eżempju billi jagħti garanzija minn dawk l-entitajiet li ir-riżorsi meħtieġa jkunu disponibbli għall-operatur

ekonomiku.

Taħt l-istess kondizzjonijiet, grupp ta' operaturi ekonomiċi kif imfisser fir-regolament 11 jista' jiddependi fuq il-kapaċitajiet ta' parteċipanti fil-grupp jew ta' entitajiet oħra.

SEZZJONI 2

Għoti tal-kuntratt

Kriterji għall-għoti tal-kuntratti.

55. (1) Mingħajr preġudizzju għal liġijiet fis-seħħ f'Malta dwar ir-rimunerazzjoni għal ċerti servizzi, il-kriterji li fuqhom l-entitajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti għandhom:

(a) meta l-kuntratt jingħata abbażi ta' l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża mill-lat ta' l-entità kontraenti, jkunu kriterji varji marbuta mas-suġġett prinċipali tal-kuntratt imsemmi, bħad-data tal-kunsinna jew tat-tlestija, spejjeż fl-operat, il-benefiċċju paragunat ma' l-infiq, kwalità, karatteristiċi estetiċi u funzjonali, karatteristiċi ambjentali, mertu tekniku, servizz wara l-bejgħ u għajnuna teknika, irbit rigward partijiet ta' rikambju, sigurtà ta' provvista, u prezz jew inkella,

(b) il-prezz l-aktar baxx biss.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (3), fil-każ imsemmi fis-subregolament (1)(a), l-entità kontraenti għandha tispeċifika l-importanza relattiva li tagħti lil kull wieħed mill-kriterji magħżula biex tistabbilixxi l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża. Dawk il-gradi ta' importanza jistgħu jiġu espressi billi jipprovdu għal firxa massima adatta. Meta, fl-opinjoni ta' l-entità kontraenti, ma jkunx possibbli li tingħata skala ta' importanza għal raġunijiet li jidhru, l-entità kontraenti għandha tindika l-kriterji f'ordni ta' importanza minn fuq għal isfel.

(3) L-importanza relattiva jew l-ordni ta' importanza għandhom jiġu speċifikati, kif adatt, fl-avviż użat bħala mezz għas-sejħa għal kompetizzjoni, fl-istedina biex jiġi konfermat l-interess imsemmi fir-regolament 47(5), fl-istedina għall-offerta jew għan-negozjar, jew fl-ispeċifikazzjonijiet.

Użu ta' bejgħ bl-irkant elettroniku.

56. (1) L-entitajiet kontraenti jistgħu jużaw bejgħ bl-irkant elettroniku.

(2) (a) Fi proċeduri miftuħa, ristretti jew negozjati b'sejħa minn qabel għal kompetizzjoni, l-entitajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li l-għoti ta' kuntratt għandu jkun preċedut minn bejgħ bl-

irkant elettroniku meta l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt jistgħu jkunu stabbiliti bi preċiżjoni. Fl-istess ċirkostanzi, bejgħ bl-irkant elettroniku jista' jinżamm mal-ftuħ għal kompetizzjoni ta' kuntratti li għandhom jingħataw skond is-sistema dinamika ta' xiri msemmija fir-regolament 15.

(b) Il-bejgħ bl-irkant elettroniku għandu jkun ibbażat:

(i) jew fuq prezzijiet biss meta l-kuntratt jingħata lill-prezz l-aktar baxx,

(ii) jew fuq prezzijiet u, jew il-valuri ġodda tal-karatteristiċi ta' l-offerti indikati fl-ispeċifikazzjoni, meta l-kuntratt jingħata lill-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament.

(3) Entitajiet kontraenti li jiddeċiedu li jwettqu bejgħ bl-irkant elettroniku għandhom jiddikjaraw il-fatt fl-avviż użat bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni. L-ispeċifikazzjonijiet għandhom jinkludu, fost ħwejjeġ oħra, id-dettalji li ġejjin:

(a) il-karatteristiċi li l-valuri tagħhom ikunu s-suġġett tal-bejgħ bl-irkant elettroniku, sakemm dawn il-karatteristiċi huma kwantifikabbli u jistgħu jiġu espressi f'ċifri jew perċentwali;

(b) il-limitu fuq il-valuri li jistgħu jiġu preżentati, kif dawn jirrizultaw mill-ispeċifikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-kuntratt;

(ċ) it-tagħrif li ser isir disponibbli għall-offerenti kollha matul il-bejgħ bl-irkant elettroniku u, fejn ikun xieraq, meta dan ikun ser isir disponibbli għalihom;

(d) it-tagħrif rilevanti rigward il-proċess tal-bejgħ bl-irkant elettroniku;

(e) il-kondizzjonijiet li taħthom l-offerenti jkunu jistgħu joffru u partikolarment, id-differenzi minimi li, fejn ikun adatt, jinħtieġu meta jagħmlu l-offerti;

(f) it-taghrif rilevanti rigward it-tagħmir elettroniku wżat u l-arranġamenti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-konnessjoni.

(4) Qabel ma jipproċedu bil-bejgħ bl-irkant elettroniku, entitajiet kontraenti għandhom jagħmlu valutazzjoni inizjali sħiħa ta' l-offerti skond il-kriterju jew kriterji ta' l-għoti dikjarati u bl-importanza stabbilita għalihom. L-offerenti kollha li jkunu għamlu offerti

aċċettabbli għandhom jiġu mistiedna fl-istess ħin permezz ta' mezzi elettroniċi biex jippreżentaw prezzijiet ġodda u, jew valuri ġodda; l-istedina għandu jkun fiha t-tagħrif rilevanti kollu rigward konnessjoni individwali mat-tagħmir elettroniku li qed jintuża u għandha tiddikjara d-data u l-ħin tal-bidu tal-bejgħ bl-irkant elettroniku. Il-bejgħ bl-irkant elettroniku jista' jseħħ f'għadd ta' fażijiet suċċessivi. Il-bejgħ bl-irkant elettroniku ma jistax jibda aktar kmieni minn jumejn tax-xogħol wara d-data li fiha jintbagħtu l-istediniet.

(5) (a) Meta l-kuntratt ikun ser jingħata abbażi ta' l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża, l-istedina għandu jkollha magħha r-rizultat ta' valutazzjoni sħiħa ta' l-offerta rilevanti mwettqa skond l-ordni ta' importanza stabbilit fir-regolament 55(2).

(b) L-istedina għandha tiddikjara wkoll il-formola matematika li għandha tintuża fil-bejgħ bl-irkant elettroniku sabiex jiġi determinat ordni awtomatiku mill-ġdid skond il-prezzijiet ġodda u, jew il-valuri ġodda preżentati. Dik il-formula għandha tinkorpora l-importanza li tingħata lill-kriterji kollha stabbiliti biex tiġi determinata l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, kif indikat fl-avviż użat bħala sejħa għal kompetizzjoni jew fl-ispeċifikazzjonijiet; għal dak il-għan, l-meded kollha għandhom, madankollu, jitnaqqsu minn qabel għal valur speċifikat.

(ċ) Meta jiġu awtorizzati elementi li jvarjaw, għandha tintuża formula separata għal kull element li jvarja.

(6) Matul kull fażi ta' bejgħ bl-irkant elettroniku l-entitajiet kontraenti għandhom jikkomunikaw mill-ewwel lill-offerenti tagħrif biżżejjed biex ikunu jistgħu jaċċertaw il-gradwazzjoni relattiva tagħhom f'kull ħin. Jistgħu jikkomunikaw ukoll tagħrif ieħor rigward prezzijiet jew valuri oħra sottomessi, sakemm dan ikun dikjarat fl-ispeċifikazzjonijiet. Jistgħu wkoll f'kull ħin iħabbru l-għadd ta' parteċipanti f'dik il-fażi tal-bejgħ bl-irkant. F'ebda każ, madankollu, ma jistgħu jiżvelaw l-identitajiet ta' l-offerenti matul kull fażi tal-bejgħ bl-irkant elettroniku.

(7) Entitajiet kontraenti għandhom jagħlqu bejgħ bl-irkant elettroniku b'xi wieħed jew aktar mill-metodi li ġejjin:

(a) fl-istedina biex jieħdu parti fil-bejgħ bl-irkant għandhom jindikaw id-data u l-ħin stabbiliti minn qabel;

(b) meta ma jirċievux aktar prezzijiet jew valuri ġodda li jilħqu l-ħtiġiet rigward differenzi minimi. F'dak il-każ, l-entitajiet kontraenti għandhom jiddikjaraw fl-istedina biex jieħdu parti fil-bejgħ bl-irkant il-ħin li huma jippermettu li jgħaddi wara li

jirċievu l-aħħar sottomisssjoni qabel ma jagħlqu l-bejgħ bl-irkant elettroniku;

(ċ) meta l-għadd ta' fażijiet fil-begħ bl-irkant, stabbilit fl-istedina biex jieħdu parti fil-bejgħ bl-irkant, ikun spiċċa.

Meta l-entitajiet kontraenti jkunu deċidew li jagħlqu bejgħ bl-irkant elettroniku skond il-paragrafu (ċ), possibilment flimkien ma' l-arranġamenti stabbiliti fil-paragrafu (b), l-istedina biex jieħdu parti fil-bejgħ bl-irkant għandha tindika l-kalendarju għal kull fażi tal-bejgħ bl-irkant.

(8) Wara li jagħlqu l-bejgħ bl-irkant elettroniku, l-entitajiet kontraenti għandhom jagħtu l-kuntratt skond ir-regolament 55 abbażi tar-rizultati tal-bejgħ bl-irkant elettroniku.

(9) L-awtoritajiet kontraenti ma jistgħux jagħmlu użu ħażin minn bejgħ bl-irkant elettroniku, u l-anqas ma jistgħu jużawh biex jostakolaw, jirrestrinġu jew jgħawwġu l-kompetizzjoni jew jibdlu s-suġġett tal-kuntratt, kif imfisser fl-avviż li jintuża bħala sejħa għall-kompetizzjoni fl-ispeċifikazzjoni.

Offerti baxxi b'mod anormali.

57. (1) Jekk, għal kuntratt partikolari, l-offerti jidhru li huma baxxi b'mod anormali meta paragunati mal-merkanzija, xogħlijiet jew servizzi, l-entità kontraenti għandha, qabel ma tirrifjuta dawk l-offerti, titlob bil-miktub dettalji ta' l-elementi kostitwenti ta' l-offerti li hija tqis rilevanti. Dawk id-dettalji jistgħu jkollhom x'jaqsmu partikolarment:

(a) mas-sistemi ta' ekonomija tal-proċess ta' fabbrikazzjoni, jew tas-servizzi provduti u tal-metodu ta' kostruzzjoni;

(b) mas-soluzzjonijiet tekniċi magħżula u, jew kull kondizzjoni eċċezzjonalment favorevoli disponibbli lill-offerent għall-provvista tal-merkanzija jew servizzi jew għall-eżekuzzjoni tax-xogħol;

(ċ) ma' l-oriġinalità tal-provvisti, servizzi jew xogħol proposti mill-offerent;

(d) ma' konformità mad-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni ta' impjiegi u kondizzjonijiet tax-xogħol fis-seħħ fil-post fejn ser jitwettaq ix-xogħol, servizz jew provvista;

(e) mal-possibbiltà li l-offerent jikseb għajnuna mill-Istat.

(2) L-entità kontraenti għandha tivverifika dawk l-elementi kostitwenti billi tikkonsulta ma' l-offerent, waqt li tqis ix-xhieda mogħtija.

(3) Meta entità kontraenti tistabbilixxi li offerta hija baxxa b'mod anormali minħabba f'li l-offerent ikun kiseb għajnuna mill-Istat, l-offerta tista' tiġi rifjutata fuq dik il-bażi biss wara konsultazzjoni ma' l-offerent meta dan l-offerent ma jkunx jista' jagħti prova, f'limitu ta' żmien suffiċjenti stabbilit mill-entità kontraenti, li l-għajnuna msemmija tkun ingħatat legalment. Meta l-entità kontraenti tirrifjuta offerta f'dawn iċ-ċirkostanzi, hija għandha tgħarraf lill-Kummissjoni u lid-Direttur b'dak il-fatt.

SEZZJONI 3

Offerti li jikkomprendu prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi u relazzjonijiet ma' dawk il-pajjiżi

Offerti li jikkomprendu prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi.

58. (1) Dan ir-regolament għandu japplika għal offerti li jkopru prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi li magħhom il-Komunità tkun għadha ma konkludietx, b'mod kemm multilaterali kemm bilaterali, ftehim li jiżgura aċċess komparabbli u effettiv għal intrapriżi tal-Komunità għas-swieq ta' dawk il-pajjiżi terzi. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Komunità jew ta' Malta rigward pajjiżi terzi.

(2) Kull offerta li ssir għall-għoti ta' kuntratt ta' provvista tista' tiġi rifjutata fejn il-proporzjon tal-prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi, kif stabbilit skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju, ikun jaqbeż il-ħamsin fil-mija tal-valur totali tal-prodotti li jikkositiwixxu l-offerta. Għall-għanijiet ta' dan ir-regolament, *software* użat f'apparat ta' rettikolat tat-telekomunikazzjonijiet għandu jitqies bħala prodotti.

(3) (a) Bla ħsara għall-paragrafu (b), meta żewġ offerti jew aktar huma ekwivalenti fid-dawl tal-kriterji ta' l-għoti tal-kuntratt imfissra fir-regolament 55, għandha tingħata preferenza lil dawk l-offerti li ma jistgħux jiġu rifjutati skond is-subregolament (2). Il-prezzijiet ta' dawk l-offerti għandhom jitqiesu ekwivalenti għall-għanijiet ta' dan ir-regolament, jekk id-differenza fil-prezz ma taqbiżx it-tlieta fil-mija.

(b) Madankollu, offerta ma għandhiex tingħata preferenza fuq oħra skond il-paragrafu (a) meta l-aċċettazzoni tagħha tkun tobbliga lill-entità kontraenti li takkwista tagħmir li għandu karatteristiċi tekniċi differenti minn dawk ta' tagħmir eżistenti, li jirriżulta f'inkompatibilità, diffikultajiet tekniċi fl-operat u l-

manutenzjoni, jew spejjeż sproporzjonati.

(4) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, dawk il-pajjiżi terzi li għalihom il-benefiċċju tad-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament ikun ġew estiż b'Deċiżjoni tal-Kunsill skond is-subregolament (1) ma għandhomx jitqiesu meta jiġi stabbilit il-proporzjon, imsemmi fis-subregolament (2), tal-prodotti li joriġinaw mill-pajjiżi terzi.

Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi rigward kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi.

59. (1) Id-Direttur għandu jgħarraf lill-Kummissjoni b'xi diffikultajiet ġenerali, fil-liġi jew fil-fatt, li jkunu ltaqgħu magħhom u ġew rapportati mill-intrapriżi meta dawn l-intrapriżi jkunu ppruvaw jirbħu kuntratti f'pajjiżi terzi.

(2) Id-Direttur għandu jgħarraf lill-Kummissjoni b'xi diffikultajiet ġenerali, fil-liġi jew fil-fatt, li jkunu ltaqgħu magħhom u ġew rapportati mill-intrapriżi u li jkunu dovuti għan-nuqqas ta' osservanza tad-disposizzjonijiet ta' dritt internazzjonali dwar ix-xogħol elenkati fi Skeda XXV meta dawk l-intrapriżi jkunu ppruvaw jirbħu kuntratti f'pajjiżi terzi.

(3) Dan ir-regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-rabtiet tal-Komunità fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi li joħorġu minn ftehim internazzjonali dwar akkwist pubbliku, partikolarment fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).

TITOLU III

REGOLI LI JIRREGOLAW KOMPETIZZJONIJIET DWAR DISINN

Disposizzjoni ġenerali.

60. (1) Ir-regoli għall-organizzazzjoni ta' kompetizzjoni dwar disinn għandhom ikunu konformi mas-subregolament (2) u mar-regolamenti 61 u 63 sa 66 u għandhom ikunu disponibbli għal dawk kollha interessati li jipparteċipaw fil-kompetizzjoni.

(2) Id-dħul ta' parteċipanti f'kompetizzjonijiet dwar disinn ma għandux ikun limitat:

(a) billi ssir riferenza għat-territorju jew parti mit-territorju ta' Malta;

(b) abbażi li, skond il-liġi ta' Malta, ikunu jinħtieġu li jkunu persuni naturali jew ġuridiċi.

Limiti stabbiliti.

61. (1) Dan it-Titolu għandu japplika għal kompetizzjonijiet dwar disinn organizzati bħala parti minn proċedura ta' akkwist għal servizzi li l-valur stmat tagħhom, mingħajr ebda VAT, huwa ugwali jew aktar minn Lm195,000. Għall-finijiet ta' dan is-subregolament "livell

stabbilit" tfisser il-valur stmat mingħajr ebda VAT tal-kuntratt ta' servizzi, inkluż kull premju possibbli u, jew pagament lil parteċipanti.

(2) Dan it-Titolu għandu japplika għall-kompetizzjonijiet kollha ta' disinn fejn l-ammont totali ta' premjijiet tal-kompetizzjoni u pagamenti għal parteċipanti huwa ugwali għal jew aktar minn Lm195,000. Għall-finijiet ta' dan is-subregolament, "livell stabbilit" tfisser l-ammont totali tal-premjijiet u pagamenti, inkluż il-valur stmat mingħajr ebda VAT għall-kuntratt tas-servizzi li jista' jiġi konkluż sussegwentement skond ir-regolament 40(3) jekk l-entità kontraenti ma teskludix dan l-għoti fl-avviż tal-kompetizzjoni.

Kompetizzjonijiet dwar disinn esklużi.

62. Dan it-Titolu ma għandux japplika għal:

(a) kompetizzjonijiet li huma organizzati fl-istess każijiet kif imsemmi fir-regolamenti 20, 21 u 22 għal kuntratti ta' servizzi;

(b) kompetizzjonijiet dwar disinn organizzati għat-twettiq, f'Malta, ta' attività li għaliha l-applikabilità tar-regolament 30(1) ġiet stabbilita b'deċiżjoni tal-Kummissjoni jew li tkun tqieset applikabbli skond ir-regolament 30(4)(b) jew (ċ), jew (5)(ċ).

Regoli dwar pubblikità u trasparenza.

63. (1) (a) Entitajiet kontraenti li jixtiequ jorganizzaw kompetizzjoni dwar disinn għandhom jagħmlu sejħa għall-kompetizzjoni permezz ta' avviż ta' kompetizzjoni. Entitajiet kontraenti li jagħmlu kompetizzjoni dwar disinn għandhom jgħarrfu r-rizultati permezz ta' avviż. Is-sejħa għall-kompetizzjoni għandha tinkludi t-tagħrif imsemmi fi Skeda XX u l-avviż tar-rizultati tal-kompetizzjoni dwar disinn għandu jkun fih it-tagħrif imsemmi fi Skeda XXI skond il-format ta' formoli *standard* adottati mill-Kummissjoni.

(b) L-avviż tar-rizultati ta' kompetizzjoni dwar disinn għandu jintbagħat lill-Kummissjoni u lid-Direttur fi żmien xahrejn mill-għeluq tal-kompetizzjoni dwar disinn u taħt kondizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni u d-Direttur għandhom jirrispettaw kull aspett kummerċjali sensittiv li l-entitajiet kontraenti jistgħu juru meta jibgħatu dan it-tagħrif, dwar l-għadd ta' proġetti jew pjanijiet riċevuti, l-identità ta' l-operaturi ekonomiċi, jew il-prezzijiet offruti.

(2) Ir-regolament 44(2) sa (8) għandu japplika wkoll għal avviżi li għandhom x'jaqsmu ma' kompetizzjonijiet dwar disinn.

Mezzi ta' komunikazzjoni

64. (1) Ir-regolament 48(1), (2) u (4) għandu japplika għall-komunikazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' kompetizzjonijiet.

(2) Il-komunikazzjoni u l-iskambju u r-reġistrazzjoni tat-tagħrif għandhom jitwettqu b'dak il-mod li jiġi żġurat li tinżamm l-integrità u l-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni kollha komunikata mill-parteċipanti f'kompetizzjoni u li l-aġġudikanti jeżaminaw il-kontenut ta' pjanijiet u proġetti biss wara li jiskadi ż-żmien stipulat għall-preżentata tagħhom.

(3) Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għat-tagħmir biex pjanijiet u proġetti jkunu jistgħu jiġu riċevuti elettronikament:

(a) it-tagħrif li għandu x'jaqsam ma' l-ispeċifikazzjonijiet li huwa meħtieġ għall-preżentata ta' pjanijiet u proġetti b'mezzi elettroniċi, inkluż il-qlib ta' *data* f'kodiċi, għandu jkun disponibbli għall-partijiet konċernati. B'żieda ma' dan, it-tagħmir biex pjanijiet u proġetti jiġu riċevuti elettronikament għandu jkun konformi mal-ħtiġiet ta' Skeda XXVI;

(b) jistgħu jiġu introdotti skemi volontarji ta' akkreditazzjoni li jimmiraw għal livelli mtejba ta' għoti ta' servizzi ta' ċertifikazzjoni għal dan it-tagħmir.

Regoli dwar l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet dwar disinn, l-għażla ta' parteċipanti u *panel*.

65. (1) Meta jorganizzaw kompetizzjonijiet dwar disinn, l-entitajiet kontraenti għandhom japplikaw proċeduri li jkunu adatti għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Meta kompetizzjonijiet dwar disinn huma ristretti għal għadd limitat ta' parteċipanti, l-entitajiet kontraenti għandhom jistabbilixxu kriterji ta' għażla ċari u mhux diskriminatorji. F'kull każ, l-għadd ta' kandidati mistiedna biex jipparteċipaw għandu jkun suffiċjenti biex jiżgura kompetizzjoni ġenwina.

(3) Il-*panel* ikun magħmul esklużivament minn persuni naturali li huma indipendenti mill-parteċipanti fil-kompetizzjoni. Meta kwalifika professjonali partikolari hija meħtieġa minn parteċipanti f'kompetizzjoni, mill-inqas terz tal-membri tal-*panel* għandu jkollhom l-istess kwalifika jew kwalifika ekwivalenti.

Deċiżjonijiet tal-*panel*.

66. (1) Il-*panel* għandu jkun awtonomu fid-deċiżjonijiet jew fl-opinjonijiet tiegħu.

(2) Għandu jeżamina l-pjanijiet u l-proġetti preżentati mill-kandidati b'mod anonimu u abbażi biss tal-kriterji indikati fl-avviż tal-kompetizzjoni.

(3) Għandu jirreġistra l-gradwazzjoni ta' proġetti f'rapport, iffirmat mill-membri tiegħu, magħmul skond il-merti ta' kull proġett, flimkien ma' l-osservazzjonijiet tiegħu u kull punt li jista' jeħtieġ

kjarifika.

(4) L-anonimità għandha tiġi osservata sa meta l-*panel* ikun laħaq l-opinjoni jew id-deċiżjoni tiegħu.

(5) Kandidati jistgħu jiġu mistiedna, jekk ikun meħtieġ, biex iwieġbu mistoqsijiet li l-*panel* ikun irreġistra fil-minuti sabiex jiċċara xi aspetti tal-proġetti.

(6) Għandhom jinżammu minuti kompleti tad-djalogu bejn il-membri tal-*panel* u l-kandidati.

TITOLU IV

OBBLIGI TA' STATISTIKA

Obbligi ta' statistika.

67. (1) Id-Direttur għandu jibgħat lill-Kummissjoni ta' kull sena rapport ta' statistika rigward il-valur totali, mqassam skond l-Istat Membru u skond il-kategorija ta' attività li għaliha jirreferu l-Iskedi I sa X, tal-kuntratti mogħtija taħt l-livelli stabbiliti msemmija fir-regolament 16 iżda li kienu jkunu koperti minn dawn ir-regolamenti kieku ma kienux għal dawn l-livelli stabbiliti.

(2) Rigward il-kategoriji ta' attività li għalihom jirreferu Skedi II, III, V, IX u X, id-Direttur għandu jibgħat lill-Kummissjoni rapport bi statistika dwar kuntratti mogħtija mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' kull sena, skond l-arranġamenti li għandhom jiġu preskritti mill-Kummissjoni. Ir-rapport bl-istatistika għandu jnkludi t-tagħrif meħtieġ biex tiġi verifikata l-applikazzjoni adatta tal-Ftehim. It-tagħrif meħtieġ skond is-subregolament (1) ma għandux jinkludi tagħrif li jirrigwarda kuntratti għas-servizzi ta' Riċerka u Żvilupp elenkati fil-kategorija 8 ta' Skeda XVIII, għal servizzi ta' telekomunikazzjonijiet elenkati fil-kategorija 5 ta' Skeda XVIII li l-posizzjonijiet tagħhom tal-CPV huma ekwivalenti għan-numri ta' riferenza tal-CPC 7524, 7525 u 7526, jew għas-servizzi elenkati fi Skeda XIX.

(3) L-arranġamenti skond is-subregolamenti (1) u (2) għandhom jiġu preskritti b'dak il-mod illi jiġi żgurat li:

(a) fl-interessi ta' simplifikazzjoni amministrattiva, jistgħu jiġu esklużi kuntratti ta' valur aktar baxx, sakemm l-utilità ta' l-istatistika ma titqegħidx f'periklu;

(b) tiġi rispettata n-natura kunfidenzjali tat-tagħrif mogħti.

TITOLU V

APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENTI DWAR KUNTRATTI PUBBLIĊI

Applikazzjoni tar-Regolamenti ta' l-2005 dwar Kuntratti Pubbliċi.

68. Ir-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 13, 33 u t-Taqsimiet VII, VIII, IX, X, XI, XII, XIII, u XIV tar-Regolamenti ta' l-2005 dwar Kuntratti Pubbliċi għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal dawn ir-regolamenti.

SKEDA I

ENTITAJIET KONTRAENTI FIS-SETTURI TAT-TRASPORT JEW TAD-DISTRIBUZZJONI TAL-GASS JEW TAS-SHANA

Xejn

SKEDA II

ENTITAJIET KONTRAENTI FIS-SETTURI TAL-PRODUZZJONI, TAT-TRASPORT JEW TAD-DISTRIBUZZJONI TA' L-ELETTRIKU

1. Il-Korporazzjoni Enemalta

SKEDA III

ENTITAJIET KONTRAENTI FIS-SETTURI TAL-PRODUZZJONI, TAT-TRASPORT JEW TAD-DISTRIBUZZJONI TA' L-ILMA TAX-XORB

1. Il-Korporazzjoni dwar is-Servizzi ta' l-Ilma

2. Is-Servizzi ta' Desalinazzjoni ta' l-Ilma

SKEDA IV

ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TA' SERVIZZI TAL-FERROVIJA

Xejn

SKEDA V

ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TA' SERVIZZI URBANI TAL-FERROVIJA, TAT-TRAMMIJIET, TAT-*TROLLEYBUS* JEW TAL-KARROZZI TAL-LINJA

Xejn

SKEDA VI

ENTITAJIET KONTRAENTI FIS-SETTUR TAS-SERVIZZI POSTALI

1. Maltapost plc.

SKEDA VII

ENTITAJIET KONTRAENTI FIS-SETTURI TA' ESPLORAZZJONI GĦAL U ESTRAZZJONI TA' ŻEJT JEW GASS

1. Diviżjoni ta' l-Esplorazzjoni għaż-Żejt fil-Ministeru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura

---

SKEDA VIII

ENTITAJIET KONTRAENTI FIS-SETTURI TA' ESPLORAZZJONI GĦAL U ESTRAZZJONI TAL-FAĦAM U KARBURANTI SOLIDI OĦRA

Xejn

SKEDA IX

ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TA' PORT MARITTIMU JEW INTERN JEW FAĊILITAJIET TA' *TERMINALS* OĦRA

Xejn

SKEDA X

ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TA' STALLAZZJONIJIET TA' AJRUPORTI

Xejn

SKEDA XI

LISTA TA' LEĠISLAZZJONI KOMUNITARJA MSEMMIJA
FIR-REGOLAMENT 30(3)

A. TRASPORT JEW TQASSIM TA' GASS JEW SĦANA

Id-Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 rigward regoli komuni għas-suq intern f'gass naturali.(1)

B. PRODUZZJONI, TRASMISSJONI JEW TQASSIM TA' L-ELETTRIKU

Id-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 rigward regoli komuni għas-suq intern fl-elettriku.(2)

Ċ. PRODUZZJONI, TRASPORT JEW TQASSIM TA' ILMA TAX-XORB

-

D. ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TA' SERVIZZI TAL-FERROVIJA

-

E. ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TA' SERVIZZI URBANI TAL-FERROVIJA, TAT-TRAMMIJIET, TAT-*TROLLEYBUS* JEW TAL-KAROZZI TAL-LINJA

-

F. ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TA' SERVIZZI POSTALI

Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern f'servizzi postali Komunitarji u t-titjib fil-kwalità ta' servizz.(3)

G. ESPLORAZZJONI GĦAL U ESTRAZZJONI TA' ŻEJT JEW GASS

Id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għat-tfittxija, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi.(4)

H. ESPLORAZZJONI GĦAL U ESTRAZZJONI TA' FAĦAM U KARBURANTI SOLIDI OĦRA

-

I. ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TA' PORT TAL-BAĦAR JEW INTERN JEW TAGĦMIR TA' *TERMINAL* IEĦOR

-

J. ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TA' STALLAZZJONIJIET TA' AJRUPORTI

-

---

(1) ĠU L 204, tal-21.7.1998, p. 1.

(2) ĠU L 27, 30.1.1997, p. 20.

(3) ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14. Direttiva l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/39/KE (ĠU L 176, 5.7.2002, p. 21).

(4) ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3.

SKEDA XII

LISTA TA' ATTIVITAJIET KIF IMSEMMIJA FIT-TIFSIRA TA' "KUNTRATTI TA' XOGĦLIJIET" FIR-REGOLAMENT 1[1]

NACE[2]					
SEZZJONI F			KOSTRUZZJONI		KODIĊI CPV
DIVIŻJONI	GRUPP	KLASSI	SUĠĠETT	NOTI	
45			Kostruzzjoni	Din id-divżjoni tinkludi: kostruzzjoni ta' bini ġdid u xogħlijiet, restawr u tiswijiet komuni	45000000
	45.1		Tħejjija tas-sit		45100000
		45.11	Demolizzjoni u tiġrif ta' bini; tnaħħija ta' art	Din il-klassi tinkludi: - demolizzjoni ta' bini u strutturi oħra - tindif ta' postijiet ta' bini - tnaħħija ta' art: iskavar, *landfill*, livellar u gradar ta' siti tal-bini, tħaffir tat-trinek, tnaħħija tal-blat, *blasting*, eċċ. - tħejjija tas-sit għax-xogħol tal-minjieri: tnaħħija ta' piż żejjed u żvilupp ieħor u tħejjija ta' proprjetajiet minerali u siti Din il-klassi tinkludi wkoll: - drenaġġ tas-sit tal-bini - drenaġġ ta' l-art agrikola jew ta' foresterija	45110000
		45.12	Xogħol ta' testjar ta' tħaffir u tax-xogħol ta' ħofor	Din il-klassi tinkludi: - testjar ta' tħaffir, xogħol ta' ħofor u teħid ta' kampjuni tal-qofol għall-għanijiet ta' kostruzzjoni, ġeofiżiċi, ġeoloġiċi jew għanijiet simili Din il-klassi teskludi: - tħaffir ta' bjar ta' żejt tal-produzzjoni jew gass, ara 11.20 - tħaffir ta' bjar ta' l-ilma, ara 45.25 - *shaft sinking*, ara 45.25 - esplorazzjoni fuq l-art għaż-żejt u għall-gass, stħarriġ ġeofiżiku, ġeoloġiku u siżmiku, ara 74.20	45120000

NACE[2]					
SEZZJONI F			KOSTRUZZJONI		KODIĊI CPV
DIVIŻJONI	GRUPP	KLASSI	SUĠĠETT	NOTI	
	45.2		Bini ta' kostruzzjonijiet kompleti jew partijiet minnhom; inġinerija ċivili		45200000
		45.21	Kostruzzjoni ġenerali ta' bini u xogħlijiet ta' inġinerija ċivili	Din il-klassi tinkludi: kostruzzjoni tat-tipi kollha ta' bini kostruzzjoni ta' kostruzzjonijiet ta' inginerija ċivili kostruzzjonijiet ta' pontijiet, inkluż dawk għal *highways* elevati, vijadotti, mini u *subways*, pajpijiet ta' distanza twila, linji ta' komunikazzjoni u ta' l-enerġija elettrika linji ta' pajpijiet urbani, linji ta' komunikazzjoni u ta' enerġija urbani; xogħlijiet urbani anċillarji assemblaġġ u twaqqif ta' kostruzzjonijiet prefabbrikati fuq is-sit Din il-klassi teskludi: attivitajiet ta' servizzi inċidentali għall-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass, ara 11.20 twaqqif ta' kostruzzjonijiet prefabbrikati kompleti minn partijiet awtofabbrikati mhux tal-konkrit, ara d-diviżjonijiet 20, 26 u 28 xogħol ta' kostruzzjoni, ieħor minbarra bini, għal stadji, pixxini, *gymnasiums*, *tennis courts*, *golf courses* u stallazzjonijiet oħra għall-isport, ara 45.23 stallazzjoni ta' bini, ara 45.3 tlestija tal-bini, ara 45.4 attivitajiet ta' l-arkitettura u ta' l-inġinerija, ara 74.20 tmexxija ta' proġett għall-kostruzzjoni ara 74.20	45210000

NACE[2]					
SEZZJONI F			KOSTRUZZJONI		KODIĊI CPV
DIVIŻJONI	GRUPP	KLASSI	SUĠĠETT	NOTI	
		45.22	Twaqqif ta' għata tal-bjut u għeteiebi	Din il-klassi tinkludi: twaqqif ta' soqfa għata tas-soqfa protezzjoni kontra l-ilma	45220000
		45.23	Kostruzzjoni ta' *highways*, toroq, ajrudromi u faċilitajiet ta' l-isport	Din il-klassi tinkludi: kostruzzjoni ta' *highways*, toroq, mogħdijiet oħra għal vetturi u għal *pedestrians* kostruzzjoni ta' linji tal-ferrovija kostruzzjoni ta' *runways* ta' l-ajrudromi xogħol ta' kostruzzjoni, ieħor minbarra bini, għal stadji, pixxini, *gymnasiums*, *tennis courts*, *golf courses* u stallazzjonijiet oħra għall-isport xogħol ta' żebgħa fuq uċuħ tat-toroq u għall-postijiet għall-ipparkjar tal-karozzi Din il-klassi teskludi: tneħħija preliminari ta' art, ara 45.11	45230000
		45.24	Kostruzzjoni ta' proġetti ta' l-ilma	Din il-klassi tinkludi l-kostruzzjoni ta': kanali ta' l-ilma, xogħlijiet fil-portijiet u x-xmajjar, portijiet għall-passatemp (*marinas*), qfiel, eċċ. *dredging* għal *dams* u *dykes* xogħol ta' taħt il-wiċċ ta' l-art	45240000

NACE[2]					
SEZZJONI F			KOSTRUZZJONI		KODIĊI CPV
DIVIŻJONI	GRUPP	KLASSI	SUĠĠETT	NOTI	
		45.25	Xogħol ieħor ta' kostruzzjoni li jinvolvi sengħa speċjali	Din il-klassi tinkludi: attivitajiet ta' kostruzzjoni li jispeċjalizzaw f'aspett wieħed komuni għal tipi differenti ta' strutturi, li jeħtieġu kapaċità jew tagħmir speċjalizzat: kostruzzjoni ta' pedamenti, inkluż *pile driving* tħaffir u kostruzzjoni ta' bjar ta' l-ilma, *shaft sinking* twaqqif ta' elementi ta' l-azzar mhux awtofabbrikati tgħawwiġ ta' l-azzar tqegħid tal-ġebel tal-konkos u *stone setting* twaqqif u żarmar ta' armar (*scaffolds*) u pjattaformi tax-xogħol, inkluż il-kiri ta' armar (*scaffolds*) u pjattaformi tax-xogħol twaqqif ta' ċmieni u fran industrijali Din il-klassi teskludi: kiri ta' armar (*scaffolds*) mingħajr twaqqif u żarmar, ara 71.32	45250000
	45.3		Stallazzjoni ta' bini		45300000
		45.31	Stallazzjoni ta' *wiring* ta' l-elettriku u *fittings*	Din il-klassi tinkludi: stallazzjoni f'bini jew proġetti ta' kostruzzjoni oħra ta': *wiring* ta' l-elettriku u *fittings* sistemi ta' telekomunikazzjonijiet sistemi ta' l-elettriku li jagħtu s-sħana antenni u *aerials* residenzali allarmi kontra n-nar sistemi ta' allarm kontra l-ħallelin *lifts* u *escalators* kondutturi tas-sajjetti, eċċ.	45310000

NACE[2]					
SEZZJONI F			KOSTRUZZJONI		KODIĊI CPV
DIVIŻJONI	GRUPP	KLASSI	SUĠĠETT	NOTI	
		45.32	Attivitajiet ta' xogħol ta' iżolazzjoni	Din il-klassi tinkludi: stallazzjoni f'bini jew proġetti ta' kostruzzjoni oħra ta' iżolazzjoni ta' sħana, tal-ħoss jew tal-vibrazzjoni Din il-klassi teskludi: protezzjoni kontra l-ilma, ara 45.22	45320000
		45.33	Xogħol ta' pajpijiet (*plumbing*)	Din il-klassi tinkludi: stallazzjoni f'bini jew proġetti ta' kostruzzjoni oħra ta': tagħmir ta' pajpijiet (*plumbing*) u sanitarju *fittings* tal-gass tagħmir u *ducts* tas-sħana, ventilazzjoni, refriġerazzjoni jew ta' l-arja kondizzjonata sistemi li jbexxu Din il-klassi teskludi: stallazzjoni ta' sistemi ta' tisħin bl-elettriku, ara 45.31	45330000
		45.34	Stallazzjoni ieħor tal-bini	Din il-klassi tinkludi: stallazzjoni ta' sistemi li jagħtu d-dawl u ta' sinjalar għal toroq, ferroviji, ajruporti u portijiet stallazzjoni f'bini jew proġetti oħra ta' kostruzzjoni ta' *fittings* u *fixtures*	45340000
	45.4		Tlestija tal-bini		45400000
		45.41	Xogħol tat-tikħil	Din il-klassi tinkludi: applikazzjoni f'bini u proġetti oħra ta' kostruzzjoni ta' ġibs tat-tikħil jew *stucco* fuq ġewwa u fuq barra, inklużi materjali ta' tornijiet (*lathing*) relatati	45410000

NACE[2]					
SEZZJONI F			KOSTRUZZJONI		KODIĊI CPV
DIVIŻJONI	GRUPP	KLASSI	SUĠĠETT	NOTI	
		45.42	Stallazzjoni ta' aperturi	Din il-klassi tinkludi: stallazzjoni ta’ bibien mhux awtofabbrikati, twieqi, inkwadraturi tal-bibien u tat-twieqi, kċejjen mgħammra, turġien, *fittings* tal-ħwienet u bħalhom, ta’ l-injam jew ta’ materjali oħra tlestija interna bħal soqfa, għata tal-ħitan ta’ l-injam, partizzjonijiet li jiċċaqalqu, eċċ. Din il-klassi teskludi: tqegħid ta’ *parquet* u għata oħra ta’ l-art ta’ l-injam, ara 45.43	45420000
		45.43	Għata ta' l-art u tal-ħitan	Din il-klassi tinkludi: tqegħid, tqegħid tal-madum, dendil jew twaħħil f’bini jew proġetti ta’ kostruzzjoni oħra ta’: madum taċ-ċeramika, tal-konkrit jew ta’ ġebel imqatta’ tal-ħajt jew ta’ l-art *parquet* u għata oħra ta’ l-art ta’ l-injam, twapet u għata ta’ l-art ta’ l-inċirati ta’ l-art (*linoleum*), inkluż dawk tal-lastiku jew tal-plastik għata ta’ l-art jew tal-ħajt tat-*terrazzo*, ta’ l-irħam, tal-granit jew tal-lavanja karti tal-ħajt	45430000
		45.44	Xogħol ta’ żebgħa u ta’ l-igglejżjar	Din il-klassi tinkludi: żebgħa ta’ bini fuq ġewwa u fuq barra ta’ bini, żebgħa ta’ strutturi ta’ inġinerija ċivili stallazzjoni ta’ ħġieġ, mirja, eċċ Din il-klassi teskludi: stallazzjoni ta’ twieqi, ara 45.42	45440000

NACE[2]					
SEZZJONI F			KOSTRUZZJONI		KODIĊI CPV
DIVIŻJONI	GRUPP	KLASSI	SUĠĠETT	NOTI	
		45.45	Xogħol ieħor ta' tlestija tal-bini	Din il-klassi tinkludi: stallazzjoni ta' pixxini privati, tindif bil-fwar, *sand blasting* u attivitajiet simili għall-parti ta' barra tal-bini xogħol ieħor ta' tlestija u rfinar tal-bini *n.e.c* Din il-klassi teskludi: tindif fuq ġewwa ta' bini u strutturi oħra, ara 74.70	45450000
	45.5		Kiri ta' tagħmir ta' kostruzzjoni jew ta' demolizzjoni bl-operatur		45500000
		45.50	Kiri ta' tagħmir ta' kostruzzjoni jew ta' demolizzjoni bl-operatur	Din il-klassi teskludi: kiri ta' makkinarju u tagħmir ta' kostruzzjoni jew ta' demolizzjoni mingħajr l-operatur, ara 71.32	45500000

---

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 tad-9 ta' Ottubru 1990 dwar il-klassifikazzjoni statistika ta' attivitajiet ekonomiċi ĠU L 293, ta' l-24.10.1990, p. 1), Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 761/93 (ĠU L 83, tat-3.4.1993, p. 1).

(2) Fil-każ ta' xi differenza ta' tifsir bejn il-CPV u n-NACE, għandha tgħodd in-nomenklatura NACE.

SKEDA XIII

TAGĦRIF LI GĦANDU JIĠI INKLUŻ FL-AVVIŻI DWAR KUNTRATTI

A. PROĊEDURI MIFTUĦA

1. Isem, indirizz, indirizz telegrafiku, indirizz elettroniku, numru tat-telefon, numru tat-*telex* u tal-*fax* ta' l-entità kontraenti.

2. Fejn adatt, iddikjara jekk il-kuntratt huwiex riservat għal postijiet tax-xogħol protetti u jekk it-twettiq tiegħu huwiex riservat fil-kuntest ta' programmi protetti ta' impjieg.

3. In-natura tal-kuntratt (provvista, xogħlijiet jew servizzi, fejn ikun xieraq, iddikjara jekk huwiex ftehim qafas jew sistema dinamika ta' xiri).

Kategorija ta' servizz skond it-tifsira ta' Skeda XVIII jew XIX u d-deskrizzjoni (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura).

Fejn adatt, iddikjara jekk l-offerti humiex mitluba għax-xiri, kiri b'self, kiri jew *hire purchase* jew xi taħlita ta' dawn.

4. Post ta' twassil, lok jew post ta' twettiq tas-servizzi.

5. Għal provvisti u xogħlijiet:

(a) In-natura u l-kwantità tal-merkanzija li għandha tiġi provduta (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura), inkluża kull għażla għal aktar akkwisti u, jekk ikun possibbli, il-ħin stmat disponibbli biex jiġu eżerċitati dawn l-għażliet kif ukoll l-għadd ta' tiġdidiet, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti li jerġgħu jseħħu, ukoll, jekk ikun possibbli, stima tat-teħid ta' żmien tas-sejħiet sussegwenti għal kompetizzjoni għall-merkanzija li għandha tiġi prokurata jew in-natura u l-punt safejn is-servizzi għandhom jingħataw u n-natura ġenerali tax-xogħol (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura);

(b) Indikazzjoni dwar jekk il-forniturijistgħux jagħmlu offerta għal xi merkanzija u, jew il-merkanzija kollha meħtieġa.

Jekk, għal kuntratti tax-xogħlijiet, ix-xogħol jew il-kuntratt huwa mqassam f'għadd ta' lottijiet, l-ordni ta' daqs tal-lottijiet differenti u l-possibiltà ta' offerta għal wieħed, għal għadd jew għall-lottijiet kollha;

(ċ) Għal kuntratti ta' xogħlijiet: tagħrif dwar il-għan tax-xogħol jew il-kuntratt fejn dan ta' l-aħħar jinvolvi wkoll it-tfassil ta' proġetti.

6. Għal servizzi:

(a) In-natura u l-kwantità tal-merkanzija li għandha tiġi provduta,

inkluża kull għażla għal aktar akkwisti u, jekk ikun possibbli, l-ħin stmat disponibbli biex jiġu eżerċitati dawn l-għażliet kif ukoll l-għadd ta' tiġdidiet, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti li jistgħu jerġgħu jseħħu, ukoll, jekk ikun possibbli, stima tat-teħid ta' żmien tas-sejħiet sussegwenti għal kompetizzjoni għas-servizzi li għandhom jiġu prokurati;

(b) Indikazzjoni dwar jekk it-twettieq tas-servizzi huwiex riservat bil-liġi, b'regolament jew b'disposizzjoni amministrattiva għal professjoni partikolari;

(ċ) Riferenza tal-liġi, regolament jew disposizzjoni amministrattiva;

(d) Indikazzjoni dwar jekk persuni legali għandhomx jindikaw l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali tal-persunal li ser ikun responsabbli għat-twettiq tas-servizzi;

(e) Indikazzjoni dwar jekk fornituri tas-servizzi jistgħux jagħmlu offerta għal parti mis-servizzi konċernati.

7. Meta jkun magħruf, indikazzjoni dwar jekk teżistix jew le awtorizzazzjoni biex jiġu sottomessi elementi li jvarjaw.

8. Limiti ta' żmien għall-kunsinna jew it-tlestija jew it-tul ta' żmien ta' kuntratt ta' servizzi u, safejn ikun possibbli, id-data tal-bidu.

9. (a) Indirizz min fejn jistgħu jintalbu d-dokumenti tal-kuntratt u dokumenti addizzjonali.

(b) Fejn xieraq, l-ammont u t-termini ta' ħlas tas-somma li għandha titħallas biex jinkisbu dawn id-dokumenti.

10. (a) Data finali biex jiġu riċevuti l-offerti jew offerti indikattivi meta tkun ġiet introdotta sistema dinamika ta' xiri;

(b) Indirizz fejn għandhom jintbagħtu;

(ċ) Lingwa jew lingwi li bihom għandhom jitfasslu.

11. (a) Fejn applikabbli, l-persuni awtorizzati li jkunu preżenti fil-ftuħ ta' l-offerti;

(b) Id-data, il-ħin u l-post ta' dan l-ftuħ.

12. Fejn applikabbli, kull depożitu u garanzija meħtieġa.

13. Termini prinċipali rigward finanzjament u ħlas u/jew riferenzi għad-disposizzjonijiet fejn dawn huma msemmija.

14. Fejn adatt, il-forma legali li għandha tittieħed mill-gruppi ta' operaturi ekonomiċi li lilhom ikun ingħata l-kuntratt.

15. Kondizzjonijiet minimi ekonomiċi u tekniċi meħtieġa mill-operatur ekonomiku li lilu jkun ingħata l-kuntratt.

16. Perjodu li matulu l-offerent huwa marbut li jżomm l-offerta tiegħu miftuħa.

17. Fejn xieraq, kondizzjonijiet partikolari li għalihom huwa soġġett it-twettiq tal-kuntratt.

18. Kriterji msemmija fir-regolament 55 li għandhom jintużaw għall-għoti tal-kuntratt: "il-prezz l-aktar baxx" jew "l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża". Kriterji li jirrappreżentaw l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża kif ukoll l-importanza tagħhom jew, fejn ikun xieraq, l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji għandu jissemma fejn dawn ma jidhrux fl-ispeċifikazzjonijiet.

19. Fejn adatt, ir-riferenza għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-avviż perjodiku ta' tagħrif jew ta' l-avviż tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fuq il-profil tax-xerrej li għalih jirreferi l-kuntratt.

20. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn adatt, proċeduri ta' medjazzjoni. Tagħrif preċiż rigward limiti ta' żmien biex jiġu sottomessi appelli, jew, jekk ikun meħtieġ, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz *e-mail* tad-dipartiment li minnu jista' jinkiseb dan it-tagħrif.

21. Id-data ta' meta jintbagħat l-avviż mill-entità kontraenti.

22. Id-data ta' meta jiġi riċevut l-avviż mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (li għandha tingħata minn dak l-Uffiċċju).

23. Kull tagħrif ieħor rilevanti.

B. PROĊEDURI RISTRETTI

1. Isem, indirizz, indirizz telegrafiku, indirizz elettroniku, numru tat-telefon, numru tat-*telex* u tal-*fax* ta' l-entità kontraenti.

2. Fejn xieraq, iddikjara jekk il-kuntratt huwiex riservat għal postijiet tax-xogħol protetti jew jekk it-twettieq tiegħu huwiex riservat fil-kuntest ta' programmi protetti ta' impjieg.

3. In-natura tal-kuntratt (provvista, xogħlijiet jew servizzi; fejn ikun adatt, iddikjara jekk huwiex ftehim qafas).

Kategorija ta' servizzi skond it-tifsira ta' Skeda XVIII jew XIX u d-deskrizzjoni (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura).

Fejn xieraq, iddikjara jekk l-offerti humiex mitluba għax-xiri, kiri b'self, kiri jew *hire purchase* jew xi taħlita ta' dawn.

4. Post ta' twassil, lok jew post ta' twettiq tas-servizzi.

5. Għal provvisti u xogħlijiet:

(a) In-natura u l-kwantità tal-merkanzija li għandha tiġi provduta (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura), inkluża kull għażla għal aktar akkwisti u, jekk ikun possibbli, iż-żmien stmat disponibbli biex jiġu eżerċitati dawn l-għażliet kif ukoll l-għadd ta' tiġdidiet, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti li jerġgħu jseħħu, ukoll, jekk ikun possibbli, stima tat-teħid ta' żmien tas-sejħiet sussegwenti għal kompetizzjoni għall-merkanzija li għandha tiġi prokurata jew in-natura u l-punt safejn is-servizzi għandhom jiġu provduti u n-natura ġenerali tax-xogħol (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura);

(b) Indikazzjoni dwar jekk il-forniturijistgħux jagħmlu offerta għal xi merkanzija u, jew il-merkanzija kollha meħtieġa.

Jekk, għal kuntratti ta' xogħlijiet, ix-xogħol jew il-kuntratt huwa mqassam f'numru ta' lottijiet, l-ordni ta' daqs tal-lottijiet differenti u l-possibiltà ta' offerta għal wieħed, għal għadd jew għall-lottijiet kollha;

(ċ) Tagħrif rigward l-għan tax-xogħol jew il-kuntratt fejn dan ta' l-aħħar jinvolvi wkoll it-tfassil ta' proġetti.

6. Għal servizzi:

(a) In-natura u l-kwantità tal-merkanzija li għandha tiġi provduta, inkluża kull għażla għal aktar akkwisti u, jekk ikun possibbli, iż-żmien stmat disponibbli biex jiġu eżerċitati dawn l-għażliet kif ukoll l-għadd ta' tiġdidiet, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti li jistgħu jerġgħu jseħħu, ukoll, jekk ikun possibbli, stima tat-teħid ta' żmien tas-sejħiet sussegwenti għal kompetizzjoni għas-servizzi li għandhom jiġu prokurati;

(b) Indikazzjoni dwar jekk it-twettiq tas-servizz huwiex riservat bil-liġi, b'regolament jew b'disposizzjoni amministrattiva għal professjoni partikolari;

(ċ) Riferenza għal-liġi, regolament jew disposizzjoni amministrattiva;

(d) Indikazzjoni dwar jekk persuni legali għandhomx jindikaw l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali tal-persunal li ser ikun responsabbli għat-twettiq tas-servizzi;

(e) Indikazzjoni dwar jekk fornituri tas-servizzi jistgħux jagħmlu offerta għal parti mis-servizzi konċernati.

7. Meta jkun magħruf, indikazzjoni dwar jekk teżistix jew le awtorizzazzjoni biex jiġu preżentati elementi li jvarjaw.

8. Limiti ta' żmien għall-kunsinna jew it-tlestija jew it-tul ta' żmien ta' kuntratt ta' servizzi u, safejn ikun possibbli, għall-bidu.

9. Meta jkun xieraq, il-forma legali li għandha tittieħed mill-gruppi ta' operaturi ekonomiċi li lilhom jingħata l-kuntratt.

10. (a) Id-data finali biex jiġu riċevuti talbiet għal parteċipazzjoni;

(b) Indirizz fejn għandhom jintbagħtu;

(ċ) Lingwa jew lingwi li bihom għandhom jitfasslu.

11. Id-data finali biex jintbagħtu l-istediniet għall-offerta.

12. Meta jkun applikabbli, kull depożitu u garanzija meħtieġa.

13. Termini prinċipali rigward il-finanzjament u l-ħlas u, jew riferenzi għad-disposizzjonijiet fejn dawn jinsabu.

14. Tagħrif rigward il-posizzjoni ta' l-operatur ekonomiku u l-kondizzjonijiet minimi ekonomiċi u tekniċi meħtieġa minnu.

15. Kriterji msemmija fir-regolament 55 li għandhom jintużaw għall-għoti tal-kuntratt: "il-prezz l-aktar baxx" jew "l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża". Kriterji li jirrappreżentaw l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża kif ukoll l-importanza tagħhom jew, fejn ikun xieraq, l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji għandhom jissemmew fejn dawn ma jidhrux fl-ispeċifikazzjonijiet jew m'humiex ser jiġu inklużi fl-istedina għall-offerti.

16. Fejn ikun xieraq, kondizzjonijiet partikolari li għalihom huwa soġġett it-twettiq tal-kuntratt.

17. Fejn ikun xieraq, ir-riferenza għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-avviż perjodiku ta' tagħrif jew ta' l-avviż tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fuq il-profil tax-xerrej li għalih jirreferi l-kuntratt.

18. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn xieraq, proċeduri ta' medjazzjoni. Tagħrif preċiż rigward limiti ta' żmien biexisiru appelli, jew, jekk ikun meħtieġ, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz *e-mail* tas-servizz li minnu jista' jinkiseb dan it-tagħrif.

19. Id-data ta' meta jintbagħat l-avviż mill-entitajiet kontraenti.

20. Id-data ta' meta jiġi riċevut l-avviż mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (li għandha tingħata minn dak l-Uffiċċju).

21. Kull tagħrif ieħor rilevanti.

Ċ. PROĊEDURI NEGOZJATI

1. Isem, indirizz, indirizz telegrafiku, indirizz elettroniku, numru tat-telefon, numru tat-*telex* u tal-*fax* ta' l-entità kontraenti.

2. Meta jkun xieraq, iddikjara jekk il-kuntratt huwiex riservat għal postijiet tax-xogħol protetti jew jekk it-twettieq tiegħu huwiex riservat fil-kuntest ta' programmi protetti ta' impjieg.

3. In-natura tal-kuntratt (provvista, xogħlijiet jew servizzi; fejn ikun adatt, iddikjara jekk huwiex ftehim qafas).

Kategorija ta' servizzi skond it-tifsira ta' Skedi XVIII jew XIX u d-deskrizzjoni (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura).

Meta jkun adatt', iddikjara jekk l-offerti humiex mitluba għax-xiri, kiri b'self, kiri jew *hire purchase* jew xi taħlita ta' dawn.

4. Post ta' kunsinna, lok jew post ta' twettieq tas-servizzi.

5. Għal provvisti u xogħlijiet:

(a) In-natura u l-kwantità tal-merkanzija li għandha tiġi provduta (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura), inkluża kull għażla għal aktar akkwisti u, jekk ikun possibbli, iż-żmien stmat disponibbli biex jiġu eżerċitati dawn l-għażliet kif ukoll l-għadd ta' tiġdidiet, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti li jerġgħu jseħħu, ukoll, jekk ikun possibbli, stima tat-teħid ta' żmien tas-sejħiet sussegwenti għal kompetizzjoni għall-merkanzija li għandha tiġi prokurata jew in-natura u l-punt safejn is-servizzi għandhom jiġu provduti u n-natura ġenerali tax-xogħol (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura);

(b) Indikazzjoni dwar jekk il-forniturі jistgħux jagħmlu offerta għal xi merkanzija u, jew il-merkanzija kollha meħtieġa.

Jekk, għal kuntratti tax-xogħlijiet, ix-xogħol jew il-kuntratt huwa mqassam f'għadd ta' lottijiet, l-ordni ta' daqs tal-lottijiet differenti u l-possibiltà ta' offerta għal wieħed, għal għadd jew għall-lottijiet kollha;

(ċ) Għal kuntratti ta' xogħlijiet: tagħrif dwar il-għan tax-xogħol jew il-kuntratt fejn dan ta' l-aħħar jinvolvi wkoll it-tfassil ta' proġetti.

6. Għal servizzi:

(a) In-natura u l-kwantità tal-merkanzija li għandha tiġi provduta, inkluża kull għażla għal aktar akkwisti u, jekk ikun possibbli, ż-żmien stmat disponibbli biex jiġu eżerċitati dawn l-għażliet kif ukoll l-għadd ta' tiġdidiet, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti li jistgħu jerġgħu jseħħu, ukoll, jekk ikun possibbli, stima tat-teħid ta' żmien tas-sejħiet sussegwenti għal kompetizzjoni għas-servizzi li għandhom jiġu prokurati;

(b) Indikazzjoni dwar jekk it-twettieq tas-servizz huwiex riservat bil-liġi, b'regolament jew b'disposizzjoni amministrattiva għal professjoni partikolari;

(ċ) Riferenza tal-liġi, regolament jew disposizzjoni amministrattiva;

(d) Indikazzjoni dwar jekk persuni legali għandhomx jindikaw l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali tal-persunal li ser ikun responsabbli għat-twettiq tas-servizzi;

(e) Indikazzjoni dwar jekk fornituri tas-servizzi jistgħux jagħmlu offerta għal parti mis-servizzi konċernati.

7. Fejn ikun magħruf, indikazzjoni dwar jekk teżistix awtorizzazzjoni biex jiġu preżentati elementi li jvarjaw.

8. Limiti ta' żmien għall-kunsinna jew it-tlestija jew it-tul ta' żmien ta' kuntratt ta' servizzi u, safejn ikun possibbli, għall-bidu.

9. Fejn xieraq, il-forma legali li għandha tittieħed mill-gruppi ta' operaturi ekonomiċi li lilhom jingħata l-kuntratt.

10. (a) Id-data finali biex jiġu riċevuti talbiet għal parteċipazzjoni;

(b) Indirizz fejn għandhom jintbagħtu;

(ċ) Lingwa jew lingwi li bihom għandhom jitfasslu.

11. Fejn ikun xieraq, kull depożitu u garanzija meħtieġa.

12. Termini prinċipali rigward il-finanzjament u l-ħlas u, jew riferenzi għad-disposizzjonijiet fejn jinsabu.

13. Tagħrif rigward il-posizzjoni ta' l-operatur ekonomiku u l-kondizzjonijiet minimi ekonomiċi u tekniċi meħtieġa minnu.

14. Kriterji msemmija fir-regolament 55 li għandhom jintużaw għall-għoti tal-kuntratt: "il-prezz l-aktar baxx" jew "l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża". Kriterji li jirrappreżentaw l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża

kif ukoll l-importanza tagħhom jew, fejn ikun adatt, l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji għandhom jissemmew fejn dawn ma jidhrux fl-ispeċifikazzjonijiet jew mhumiex ser jiġu inklużi fl-istedina għan-negozjar.

15. Fejn xieraq, l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-operaturi ekonomiċi diġà magħżula mill-entità kontraenti.

16. Fejn xieraq, id-data(i) ta' pubblikazzjonijiet minn qabel fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

17. Fejn xieraq, kondizzjonijiet partikolari li għalihom huwa soġġett it-twettiq tal-kuntratt.

18. Fejn xieraq, ir-riferenza għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-avviż perjodiku ta' tagħrif jew ta' l-avviż tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fuq il-profil tax-xerrej li għalih jirreferi l-kuntratt.

19. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn xieraq, proċeduri ta' medjazzjoni. Tagħrif preċiż rigward limiti ta' żmien biex isiru appelli, jew, jekk ikun meħtieġ, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz *e-mail* tas-servizz li minnu jista' jinkiseb dan it-tagħrif.

20. Id-data meta jintbagħat l-avviż mill-entità kontraenti.

21. Id-data ta' meta jiġi riċevut l-avviż mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (li għandha tingħata minn dak l-Uffiċċju).

22. Kull tagħrif ieħor rilevanti.

D. AVVIŻ SIMPLIFIKAT TA' KUNTRATT GĦALL-UŻU F'SISTEMA DINAMIKA TA' XIRI [1]

1. Pajjiż ta' l-entità kontraenti.

2. Isem u indirizz *e-mail* ta' l-entità kontraenti.

3. Riferenza ta' pubblikazzjoni ta' l-avviż tal-kuntratt dwar is-sistema dinamika ta' xiri.

4. L-indirizz *e-mail* li fih id-dokumenti tal-kuntratt u dokumenti addizzjonali li għandhom x'jaqsmu mas-sistema dinamika ta' xiri huma disponibbli.

5. Il-kontenut tas-suġġett tal-kuntratt: id-deskrizzjoni permezz ta' numru(i) ta' riferenza ta' nomenklatura tal-CPV u l-kwantità jew il-kobor tal-kuntratt li ser jingħata.

6. Perjodu ta' żmien biex jiġu preżentati offerti indikattivi.

---

(1) Bil-ħsieb ta' dħul fis-sistema sabiex sussegwentement tkun possibbli parteċipazzjoni fl-istedina għall-offerti għall-kuntratt speċifiku.

SKEDA XIV

TAGĦRIF LI GĦANDU JIĠI INKLUŻ FL-AVVIŻ DWAR L-EŻISTENZA TA' SISTEMA TA' KWALIFIKA

1. Isem, indirizz, indirizz telegrafiku, indirizz elettroniku, numru tat-telefon, numru tat-*telex* u tal-*fax* ta' l-entità kontraenti.

2. Fejn adatt, iddikjara jekk il-kuntratt huwiex riservat għal postijiet tax-xogħol protetti jew jekk it-twettieq tiegħu huwiex riservat fil-kuntest ta' programmi protetti ta' impjieg.

3. Għan tas-sistema ta' kwalifika (deskrizzjoni tal-merkanzija, servizzi jew xogħlijiet jew kategoriji tagħhom li għandhom jiġu prokurati permezz tas-sistema - Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura).

4. Kondizzjonijiet li għandhom jitwettqu minn operaturi ekonomiċi minħabba fil-kwalifika tagħhom skond is-sistema u l-metodi li skond liema sistema u metodi kull waħda minn dawn il-kondizzjonijiet ser jiġu verifikati. Fejn id-deskrizzjoni ta' dawn il-kondizzjonijiet u metodi ta' verifika hija voluminuża u hija bażata fuq dokumenti disponibbli għal operaturi ekonomiċi interessati, għandhom ikunu suffiċjenti sommarju tal-kondizzjonijiet u metodi ewlenija u riferenza għal dawk id-dokumenti.

5. Perjodu ta' validità tas-sistema ta' kwalifika u l-formalitajiet għat-tiġdid tagħha.

6. Referenza għall-fatt li l-avviż għandu jitqies bħala sejħa għal kompetizzjoni.

7. Indirizz fejn aktar tagħrif u dokumentazzjoni dwar is-sistema ta' kwalifika jistgħu jinkisbu (jekk ikunu differenti mill-indirizzi msemmija taħt 1).

8. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn xieraq, proċeduri ta' medjazzjoni. Tagħrif preċiż rigward limiti ta' żmien biex isiru appelli, jew, jekk ikun meħtieġ, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz *e-mail* tas-servizz li minnu jista' jinkiseb dan it-tagħrif.

9. Meta ikunu magħrufa, il-kriterji msemmija fir-regolament 55 li għandhom jintużaw għall-għoti tal-kuntratt: "il-prezz l-aktar baxx" jew "l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża". Kriterji li jirrappreżentaw l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża kif ukoll l-importanza tagħhom jew, fejn ikun adatt, l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji, għandhom jissemmew fejn dawn ma jidhrux fl-ispeċifikazzjonijiet jew m'humiex ser jiġu inklużi fl-istedina għall-offerti jew għan-negozjar.

10. Kull tagħrif ieħor rilevanti.

SKEDA XV

TAGĦRIF LI GĦANDU JIĠI INKLUŻ FL-AVVIŻ PERJODIKU INDIKATTIV

I. INTESTATURI LI GĦANDHOM JITNIŻŻLU FIL-KAŻIJIET KOLLHA

1. Isem, indirizz, indirizz telegrafiku, indirizz elettroniku, numru tat-telefon, numru tat-*telex* u tal-*fax* ta' l-entità kontraenti jew is-servizz li minnu jista' jinkiseb it-tagħrif addizzjonali.

2. (a) Għal kuntratti ta' provvista: in-natura u l-kwantità jew il-valur tas-servizzi jew il-prodotti li għandhom jiġu provvduti (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura).

(b) Għal kuntratti ta' xogħlijiet: n-natura u l-kobor tas-servizzi li għandhom jiġu provvduti, il-karatteristiċi ġenerali tax-xogħol jew tal-lottijiet b'riferenza għax-xogħol (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura).

(ċ) Għal kuntratti ta' servizzi: akkwist totali maħsub f'kull waħda mill-kategoriji ta' servizzi elenkati fl-Iskeda XVIII (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura).

3. Id-data ta' meta jintbagħat l-avviż jew ta' meta jintbagħat l-avviż tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż dwar il-profil tax-xerrej.

4. Id-data ta' meta jiġi riċevut l-avviż mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (li għandha tingħata minn dak l-Uffiċċju).

5. Kull tagħrif ieħor rilevanti.

II. TAGĦRIF LI GĦANDU JINGĦATA META L-AVVIŻ JIĠI WŻAT BĦALA MEZZ TA' SEJĦA GĦAL KOMPETIZZJONI JEW JIPPERMETTI T-TNAQQIS TAL-LIMITI TA' ŻMIEN BIEX JIĠU RIĊEVUTI L-OFFERTI

6. Riferenza għall-fatt li l-fornituri interessati għandhom javżaw lill-entità bl-interess tagħhom fil-kuntratt jew kuntratti.

7. Fejn xieraq, iddikjara jekk il-kuntratt huwiex riservat għal postijiet tax-xogħol protetti jew jekk it-twettiq tiegħu huwiex riservat fil-kuntest ta' programmi protetti ta' impjieg.

8. Limitu ta' żmien biex jiġu riċevuti applikazzjonijiet għal stedina għall-offerti jew għan-negozjar.

9. In-natura u l-kwantità tal-merkanzija li għandha tiġi provduta jew in-natura ġenerali tax-xogħol jew il-kategorija tas-servizzi skond it-tifsira fi Skeda

XVIII u d-deskrizzjoni, li tiddikjara jekk humiex previsti ftehim qafas inkluża kull għażla għal aktar akkwisti u ż-żmien stmat disponibbli biex jiġu eżerċitati dawn l-għażliet kif ukoll l-għadd ta' tiġdidiet, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti li jistgħu jerġgħu jseħħu, ukoll, stima tat-teħid ta' żmien tas-sejħiet sussegwenti għal kompetizzjoni.

10. Iddikjara jekk xiri, kiri b'self, kiri jew *hire purchase* jew xi taħlita ta' dawn hija involuta.

11. Limiti ta' żmien għall-kunsinna jew it-tlestija jew it-tul ta' żmien ta' kuntratt ta' servizzi u, safejn ikun possibbli, għall-bidu.

12. Indirizz fejn intrapriżi interessati għandhom jibagħtu l-espressjonijiet tagħhom ta' interess bil-miktub.

Limitu ta' żmien biex jiġu riċevuti espressjonijiet ta' interess.

Lingwa jew lingwi awtorizzati għall-preżentazzjoni ta' kandidati jew offerti.

13. Kondizzjonijiet ekonomiċi u tekniċi, u garanziji finanzjarji u tekniċi meħtieġa minn fornituri.

14. (a) Data stmata għall-bidu tal-proċeduri ta' l-għoti rigward il-kuntratt jew kuntratti (jekk tkun magħrufa);

(b) Tip ta' proċedura ta' l-għoti (ristretta jew negozjata);

(ċ) L-ammont u d-dettalji tal-ħlas għal kull somma li għandha titħallas biex jinkisbu dokumenti rigward il-konsultazzjoni.

15. Fejn ikun xieraq, kondizzjonijiet partikolari li għalihom huwa soġġett it-twettiq tal-kuntratt.

16. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn adatt, proċeduri ta' medjazzjoni. Tagħrif preċiż rigward limiti ta' żmien biex jiġu preżentati appelli, jew, jekk ikun meħtieġ, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz *e-mail* tas-servizz li minnu jista' jinkiseb dan it-tagħrif.

17. Fejn huma magħrufa, il-kriterji msemmija fir-regolament 55 li għandhom jintużaw għall-għoti tal-kuntratt: "il-prezz l-aktar baxx" jew "l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża". Kriterji li jirrappreżentaw l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża kif ukoll l-importanza tagħhom jew, fejn ikun adatt, l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji, għandhom jissemmew, fejn dawn ma jidhrux fl-ispeċifikazzjonijiet, jew m'humiex ser jiġu indikati fl-istedina biex jiġi konfermat l-interess imsemmi fir-regolament 47(5) jew fl-offerta ta' l-istedina jew għan-negozjar.

SKEDA XVI

TAGĦRIF LI GĦANDU JIĠI INKLUŻ FL-AVVIŻI TA' PUBBLIKAZZJONI TA' AVVIŻ PERJODIKU INDIKATTIV DWAR PROFIL TAX-XERREJ MHUX UŻAT BĦALA MEZZ TA' SEJĦA GĦAL KOMPETIZZJONI

1. Pajjiż ta' l-entità kontraenti.

2. Isem ta' l-entità kontraenti.

3. Indirizz ta' l-internet tal-"profil tax-xerrej" (*URL*).

4. Nru(i) ta' riferenza tan-Nomenklatura tal-CPV.

SKEDA XVII

TAGĦRIF LI GĦANDU JIĠI INKLUŻ FL-AVVIŻ TAL-GĦOTI TAL-KUNTRATT

I. Tagħrif għal pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea[1]

1. Isem u indirizz ta' l-entità kontraenti.

2. In-natura tal-kuntratt (provvisti, xogħlijiet jew servizzu u Nru(i) ta' riferenza tan-Nomenklatura; fejn ikun adatt iddikjara jekk huwiex ftehim qafas).

3. Għall-inqas indikazzjoni sommarja tan-natura u l-kwantità tal-prodotti, xogħlijiet jew servizzi provduti.

4. (a) Forma tas-sejħa għal kompetizzjoni (avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika; avviż perjodiku; sejħa għall-offerti);

(b) Riferenza tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;

(ċ) Fil-każ ta' kuntratti mogħtija mingħajr sejħa minn qabel għal kompetizzjoni, indikazzjoni tad-disposizzjoni rilevanti tar-regolament 40(3) jew tar-regolament 32.

5. Proċedura ta' l-għoti (miftuħa, ristretta jew negozjata).

6. Numru ta' offerti riċevuti.

7. Data tal-għoti tal-kuntratt.

8. Prezz imħallas għal xiri bi prezz irħis ħafna skond ir-regolament 40(3)(j).

9. L-isem u l-indirizz ta' l-operatur(i) ekonomiku(ċi).

10. Iddikjara, fejn adatt, jekk il-kuntratt ġie, jew jista' jkun, mogħti b'appalt.

11. Prezz imħallas jew il-prezzijiet ta' l-offerti l-aktar għolja jew l-aktar baxxi meqjusa fl-għoti tal-kuntratt.

12. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn xieraq, proċeduri ta' medjazzjoni. Tagħrif preċiż rigward il-limitu ta' żmien biex jiġu sottomessi appelli, jew, jekk ikun meħtieġ, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz *e-mail* tas-servizz li minnu jista' jinkiseb dan it-tagħrif.

13. Tagħrif mhux obbligatorju:

- il-valur u s-sehem tal-kuntratt li ngħata jew jista' jingħata b'appalt lil terzi,

- kriterji għall-għoti.

II. Tagħrif mhux maħsub għall-pubblikazzjoni

14. Għadd ta' kuntratti mogħtija (fejn l-għoti jkun inqasam bejn għadd ta' forniturі).

15. Il-valur ta' kull kuntratt mogħti.

16. Il-pajjiż ta' l-oriġini tal-prodott jew is-servizz (oriġini Komunitarja jew oriġini mhux Komunitarja; jekk dan ta' l-aħħar, mqassam skond il-pajjiż terz).

17. Liema kriterji ta' l-għoti ntużaw (l-aktar vantaġġuż ekonomikament; il-prezz l-aktar baxx)?

18. Il-kuntratt ingħata lil offerent li ssottometta elementi li jvarjaw, skond ir-regolament 36(1)?

19. Xi offerta ġiet eskluża fuq il-bażi li kienet baxxa b'mod anormali, skond ir-regolament 57?

20. Id-data ta' trasmissjoni ta' l-avviż mill-entità kontraenti.

21. Fil-każ ta' kuntratti għal servizzi elenkati fi Skeda XIX, qbil mill-entità kontraenti għall-pubblikazzjoni ta' l-avviż (regolament 43(4)).

---

(1) It-tagħrif fl-intestaturi 6, 9 u 11 huwa meqjus bħala tagħrif mhux maħsub għall-pubblikazzjoni fejn l-entità tal-għoti tikkunsidra li l-pubblikazzjoni tiegħu tista' tkun ta' detriment għal interess kummerċjali sensittiv.

SKEDA XVIII [1]

SERVIZZI SKOND IT-TIFSIRA TAR-REGOLAMENT 31

Nru tal-Kategorija	Suġġett	Nru ta' Riferenza tal-CPC [1]	Nru ta' Riferenza tal-CPV
1	Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija	6112, 6122, 633, 886	Minn 50100000 sa 50982000 (ħlief għal 50310000 sa 50324200 u 50116510-9, 50190000-3, 50229000-6, 50243000-0)
2	Servizzi ta' trasport fuq l-art [2], inklużi servizzi ta' karrozzi armati, u servizzi ta' *courier*, minbarra trasport tal-posta	712 (ħlief 71235), 7512, 87304	Minn 60112000-6 sa 60129300-1 (ħlief 60121000 sa 60121600, 60122200-1, 60122230-0), u minn 64120000-3 sa 64121200-2
3	Servizzi tat-trasport bl-ajru ta' passiġġieri u tat-tagħbija, minbarra trasport tal-posta	73 (ħlief 7321)	Minn 62100000-3 sa 62300000-5 (ħlief 62121000-6, 62221000-7)
4	Trasport tal-posta fuq l-art [2] u bl-ajru	71235, 7321	60122200-1, 60122230-0 62121000-6, 62221000-7
5	Servizzi ta' telekomunikazzjonijiet	752	Minn 64200000-8 sa 64228200-2, 72318000-7, u minn 72530000-9 sa 72532000-3
6	Servizzi finanzjarji: (a) Servizzi ta' l-assigurazzjoni (b) Servizzi bankarji u ta' investiment [3]	ex 81, 812, 814	Minn 66100000-1 sa 66430000-3 u Minn 67110000-1 sa 67262000-1 [3]
7	Servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati	84	Minn 50300000-8 sa 50324200-4, Minn 72100000-6 sa 72591000-4 (ħlief 72318000-7 u minn 72530000-9 sa 72532000-3)
8	Servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp [4]	85	Minn 73000000-2 sa 73300000-5 (ħlief 73200000-4, 73210000-7, 7322000-0)
9	Servizzi ta' żamma ta' kontijiet, ta' awditjar u ta' *book-keeping*	862	Minn 74121000-3 sa 74121250-0
10	Servizzi ta' riċerka fis-suq u teħid ta' l-opinjoni pubblika	864	Minn 74130000-9 sa 74133000-0, u 74423100-1, 74423110-4

Nru tal-Kategorija	Suġġett	Nru ta' Riferenza tal-CPC (1)	Nru ta' Riferenza tal-CPV
11	Servizzi ta' konsulenza maniġerjali (5) u servizzi relatati	865, 866	Minn 73200000-4 sa 73220000-0, Minn 74140000-2 sa 74150000-5 (ħlief 74142200-8), u 74420000-9, 74421000-6, 74423000-0, 74423200-2, 74423210-5, 74871000-5, 93620000-0
12	Servizzi ta' l-arkitettura; servizzi ta' l-inġinerija u servizzi integrati ta' l-inġinerija; servizzi ta' ippjanar urban u ta' inġinerija ta' titjib ta' l-ambjent; servizzi ta' konsulenza xjentifiċi u tekniċi relatati; testjar tekniku u servizzi ta' analiżi	867	Minn 74200000-1 sa 74276400-8, u Minn 74310000-5 sa 74323100-0, u 74874000-6
13	Servizzi ta' pubblikità	871	Minn 74400000-3 sa 74422000-3 (ħlief 74420000-9 u 74421000-6)
14	Servizzi ta' tindif ta' bini u servizzi ta' maniġġar ta' proprjetà	874, 82201 sa 82206	Minn 70300000-4 sa 70340000-6, u Minn 74710000-9 sa 74760000-4
15	Servizzi ta' pubblikazzjoni u ta' stampar fuq bażi ta' ħlas ta' dritt jew ta' kuntratt	88442	Minn 78000000-7 sa 78400000-1
16	Servizzi ta' rimi tal-ħmieġ tad-drenaġġ u ta' skart; servizzi ta' sanità u servizzi simili	94	Minn 90100000-8 sa 90320000-6, u 50190000-3, 50229000-6, 50243000-0

(1) Fil-każ ta' xi differenza fl-interpretazzjoni bejn il-CPV u l-CPC, għandha tgħodd in-nomenklatura tal-CPC.

(1) Nomenklatura CPC (versjoni provviżorja), użata biex tiddefinixxi l-iskop tad-Direttiva 93/38/KEE.

(2) Minbarra servizzi ta' trasport bil-ferrovija koperti bil-kategorija 18.

(3) Minbarra servizzi finanzjarji konnessi mal-ħruġ, il-bejgħ, ix-xiri jew it-trasferiment ta' sigurtajiet jew strumenti finanzjarji oħra, u servizzi tal-bank ċentrali. Eskluži wkoll:

servizzi li jinvolvu l-akkwist jew il-kiri, permezz ta' proċeduri finanzjarji jkunu x'ikunu, ta' art, bini eżistenti, jew proprjetà immobbli oħra jew dwar drittijiet fuqhom;

madankollu, servizzi finanzjarji mogħtija fl-istess ħin bħal, jew qabel jew wara l-kuntratt ta' akkwist jew kiri, tkun xi tkun l-għamla tagħhom, huma suġġetti għal dawn ir-regolamenti.

(4) Minbarra servizzi oħra ta' riċerka u ta' żvilupp ħlief dawk fejn il-benefiċċji jmorru esklużivament għand l-entità kontraenti biex jintużaw fit-twettieq ta' l-affarijiet tagħha, bil-kondizzjoni li s-servizz mogħti jitħallas kollu mill-awtorità kontraenti.

(5) Minbarra servizzi ta' arbitraġġ u ta' konċiljazzjoni.

SKEDA XIX

SERVIZZI SKOND IT-TIFSIRA TAR-REGOLAMENT 32

Nru tal-Kategorija	Suġġett	Nru ta' Riferenza tal-CPC (1)	Nru ta' Riferenza tal-CPV
17	Servizzi ta' lukandi u ristoranti	64	Minn 55000000-0 sa 55524000-9, u Minn 93400000-2 sa 93411000-2
18	Servizzi ta' trasport bil-ferrovija	711	60111000-9, u minn 60121000-2 sa 60121600-8
19	Servizzi ta' trasport fuq l-ilma	72	Minn 61000000-5 sa 61530000-9, u Minn 63370000-3 sa 63372000-7
20	Servizzi ta' sostenn u ta' trasport awżiljari	74	62400000-6, 62440000-8, 62441000-5, 62450000-1, Minn 63000000-9 sa 63600000-5 (ħlief 63370000-3, 63371000-0, 63372000-7), u 74322000-2, 93610000-7
21	Servizzi legali	861	Minn 74110000-3 sa 74114000-1
22	Servizzi ta' pjazzament u ta' provvista ta' persunal (1)	872	Minn 74500000-4 sa 74540000-6 (ħlief 74511000-4), u minn 95000000-2 sa 95140000-5
23	Servizzi ta' investigazzjoni u ta' sigurtà, minbarra servizzi ta' karrozzi armati	873 (ħlief 87304)	Minn 74600000-5 sa 74620000-1
24	Servizzi edukattivi u vokazzjonali	92	Minn 80100000-5 sa 80430000-7
25	Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali	93	74511000-4, u minn 85000000-9 sa 85323000-9 (ħlief 85321000-5 u 85322000-2)
26	Servizzi ta' rikreazzjoni, kulturali u sportivi	96	Minn 74875000-3 sa 74875200-5, u Minn 92000000-1 sa 92622000-7 (ħlief 92230000-2)
27	Servizzi oħra		

(1) Minbarra kuntratti ta' l-impjieg.

SKEDA XX

TAGĦRIF LI GĦANDU JIĠI INKLUŻ FL-AVVIŻ
DWAR KOMPETIZZJONI DWAR DISINN

1. Isem, indirizz, indirizz elettroniku, numru tat-telefon, numru tat-*telex* u tal-*fax* ta' l-awtorità kontraenti u s-servizz minn fejn jistgħu jinkisbu d-dokumenti addizzjonali.

2. Deskrizzjoni tal-proġett (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura).

3. In-natura tal-kompetizzjoni: miftuħa jew ristretta.

4. Fil-każ ta' kuntratti miftuħa: id-data finali biex jiġu riċevuti l-proġetti.

5. Fil-każ ta' kuntratti ristretti:

(a) l-għadd ta' parteċipanti previsti, jew il-firxa;

(b) fejn applikabbli, l-ismijiet ta' parteċipanti diġà magħżula;

(ċ) kriterji għall-għażla ta' parteċipanti;

(d) id-data finali biex jiġu riċevuti talbiet għal parteċipazzjoni.

6. Fejn applikabbli, indikazzjoni dwar jekk il-parteċipazzjoni hijiex riservata għal professjoni partikolari.

7. Kriterji li għandhom jiġu applikati fil-valutazzjoni ta' proġetti.

8. Fejn applikabbli, ismijiet tal-membri magħżula tal-*panel*.

9. Indikazzjoni dwar jekk id-deċiżjoni tal-*panel* torbotx fuq l-awtorità.

10. Fejn applikabbli, n-numru u l-valur ta' premjijiet.

11. Fejn applikabbli, dettalji ta' pagamenti lill-parteċipanti kollha.

12. Indikazzjoni ta' jekk ir-rebbieħa tal-premju humiex permessi xi kuntratti ta' azzjoni sussegwenti.

13. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn adatt, proċeduri ta' medjazzjoni. Tagħrif preċiż rigward il-limitu ta' żmien biex jiġu sottomessi appelli, jew, jekk ikun meħtieġ, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz *e-mail* tas-servizz li minnu jista' jinkiseb dan it-tagħrif.

14. Data ta' meta jintbagħat l-avviż.

15. Id-data ta' meta l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-

Komunitajiet Ewropej jirċievi l-avviż.

16. Kull tagħrif ieħor rilevanti

SKEDA XXI

TAGĦRIF LI GĦANDU JIĠI INKLUŻ FIR-RIŻULTATI TA' L-AVVIŻI DWAR KOMPETIZZJONI DWAR DISINN

1. Isem, indirizz, indirizz telegrafiku u numri tat-telefon, tat-*telex* u tal-*fax* ta' l-awtorità kontraenti.

2. Deskrizzjoni tal-proġett (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura).

3. L-għadd totali ta' parteċipanti.

4. L-għadd ta' parteċipanti barranin.

5. Rebbieħ(a) tal-kompetizzjoni.

6. Fejn applikabbli, il-premju(ijiet).

7. Tagħrif ieħor.

8. Riferenza ta' l-avviż tal-kompetizzjoni dwar disinn.

9. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn adatt, proċeduri ta' medjazzjoni. Tagħrif preċiż rigward il-limitu ta' żmien biex isiru appelli, jew, jekk ikun meħtieġ, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz ta' l-*e-mail* tas-servizz li minnu jista' jinkiseb dan it-tagħrif.

10. Id-data ta' meta jintbagħat l-avviż.

11. Id-data ta' meta l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jirċievi l-avviż.

SKEDA XXII

KARATTERISTIĊI RIGWARD IL-PUBBLIKAZZJONI

1. Pubblikazzjoni ta' avviżi

(a) Avviżi msemmija fir-regolamenti 41, 42, 43 u 63 għandhom jintbagħtu mill-entitajiet kontraenti lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej fil-format meħtieġ bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/78/KE tat-13 ta' Settembru 2001 li temenda l-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 93/36/KEE, l-Annessi IV, V u VI tad-Direttiva tal-Kunsill 93/37/KEE, l-Annessi III u IV tad-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE, kif emendati bid-Direttiva 97/52/KE, u l-Annessi XII sa XV, XVII u XVIII tad-Direttiva tal-Kunsill 93/38/KEE, kif emendati bid-Direttiva 98/4/KE (Direttiva dwar l-użu ta' formoli *standard* fil-pubblikazzjoni ta' avviżi dwar kuntratt pubbliku)[1]. L-avviżi indikattivi perjodiċi msemmija fir-regolament 41(1), pubblikati fuq profil tax-xerrej kif imfisser fil-paragrafu 2(b), għandhom jużaw dak il-format ukoll, l-istess bħall-avviż ta' dik il-pubblikazzjoni;

(b) Avviżi msemmija fir-regolamenti 41, 42, 43 u 63 għandhom jiġu pubblikati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew mill-entitajiet kontraenti fil-każ ta' avviż perjodiku indikattiv pubblikat fuq profil tax-xerrej skond ir-regolament 41(1).

B'żieda ma' dan, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jippubblikaw dan it-tagħrif fuq l-internet fuq "profil tax-xerrej" kif imsemmi fil-paragrafu 2(b);

(ċ) L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jagħti lill-awtorità kontraenti l-konferma msemmija fir-regolament 44(7).

2. Pubblikazzjoni ta' tagħrif kumplimentari jew addizzjonali

(a) Entitajiet kontraenti huma mħeġġa li jippubblikaw l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumenti addizzjonali fl-intier tagħhom fuq l-internet;

(b) Il-profil tax-xerrej jista' jinkludi avviżi perjodiċi indikattivi kif imsemmi fir-regolament 41(1), tagħrif dwar stediniet kontinwi għall-offerti, xiri skedat, kuntratti konklużi, proċeduri kanċellati u kull tagħrif ġenerali ieħor ta' użu, bħal punt ta' kuntatt, numru tat-telefon u tal-*fax*, indirizz postali u indirizz *e-mail*.

3. Format u proċeduri għat-trasmissjoni elettronika ta' avviżi

Il-format u l-proċedura biex jintbagħtu avviżi elettronikament huma aċċessibbli fl-indirizz ta' l-internet "http://simap.eu.int".

---

(1) ĠU L 285, 29.10.2001, p. 1 u ĠU OJ L 214, 9.8.2002, p. 1.

SKEDA XXIII

TIFSIRA TA' ĊERTI SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI

Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti,

1. (a) "Speċifikazzjoni teknika", fil-każ ta' kuntratti ta' servizzi jew ta' provvista, tfisser speċifikazzjoni f'dokument li tiddefinixxi l-karatteristiċi meħtieġa ta' prodott jew servizz, bħal ma huma livelli ta' kwalità, livelli ta' twettieq ambjentali, disinn għall-ħtiġijiet kollha (inkluża l-aċċessibbilità għal persuni b'diżabilità) u valutazzjoni ta' konformità, twettieq, użu tal-prodott, sigurtà jew dimensjonijiet, inklużi ħtiġiet rilevanti għall-prodott rigward l-isem li taħtu jinbiegħ il-prodott, terminoloġija, simboli, testjar u metodi tat-test, ippakkjar, immarkar u tikkettjar, istruzzjonijiet għall-utent, proċessi u metodi ta' produzzjoni u proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità;

(b) "Speċifikazzjoni teknika", fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet, tfisser it-totalità tal-preskrizzjonijiet tekniċi li jinsabu partikolarment fid-dokumenti ta' l-offerti, li jiddefinixxu l-karatteristiċi meħtieġa minn materjal, prodott jew provvista, li jippermettu li materjal, prodott jew provvista li jiġu deskritti b'mod li jwettaq l-użu li għalih huma maħsuba mill-entità kontraenti. Dawn il-karatteristiċi għandhom jinkludu livelli ta' twettieq ambjentali, disinn għall-ħtiġiet kollha (inkluża l-aċċessibbilità għal persuni b'diżabilità) u valutazzjoni ta' konformità, twettieq, sigurtà jew dimensjonijiet, inklużi proċeduri rigward assikurazzjoni ta' kwalità, terminoloġija, simboli, testjar u metodi tat-test, ippakkjar, immarkar u tikkettjar, istruzzjonijiet għall-utent, proċessi u metodi ta' produzzjoni. Għandhom jinkludu wkoll regoli li għandhom x'jaqsmu ma' disinn u spejjeż, it-test, kondizzjonijiet ta' spezzjoni u aċċettazzjoni għal xogħlijiet u metodi jew metodi ta' teknika ta' kostruzzjoni u l-kondizzjonijiet tekniċi l-oħra kollha li l-entità kontraenti hija f'posizzjoni li tippreskrivi, skond regolament ġenerali jew speċifiċi, rigward ix-xogħlijiet lesti u l-materjali jew il-partijiet involuti;

2. "*Standard*" ifisser speċifikazzjoni teknika approvata minn korp rikonoxxut ta' standardizzazzjoni għal applikazzjoni ripetuta jew kontinwa, li l-konformità miegħu mhix obbligatorja u li taqa' taħt waħda minn dawn il-kategoriji li ġejjin:

- "*standard* internazzjonali": *standard* adottat minn organizzazzjoni ta' *standards* internazzjonali u magħmul disponibbli lill-pubbliku ġenerali;

- "*standard* Ewropew": *standard* adottat minn organizzazzjoni ta' *standards* Ewropea u magħmul disponibbli lill-pubbliku ġenerali;

- "*standard* nazzjonali": *standard* adottat minn organizzazzjoni ta' *standards* nazzjonali u magħmul disponibbli lill-pubbliku ġenerali;

3. "approvazzjoni teknika Ewropea" tfisser valutazzjoni teknika favorevoli

ta' kemm huwa tajjeb għall-użu prodott, ibbażata fuq l-osservanza ta' ħtiġiet essenzjali għal xogħlijiet ta' bini, permezz ta' karatteristiċi inerenti tal-prodott u l-kondizzjonijiet definiti ta' applikazzjoni u użu. Approvazzjonijiet tekniċi Ewropej huma maħruġa minn korp ta' approvazzjoni maħtur għal dan il-għan mill-Istat Membru;

4. "Speċifikazzjonijiet tekniċi komuni" ifissru speċifikazzjoni teknika stabbilita skond proċedura rikonoxxuta mill-Istati Membri li ġiet pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;

5. "Riferenza teknika": kull prodott ieħor li jiġi prodott minn korpijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej, minbarra *standards* uffiċjali, skond proċeduri adattati għall-iżvilupp li jirriżultaw minn ħtiġiet tas-suq.

SKEDA XXIV

Tabella Sommarja tal-Limiti ta’ Żmien preskritti fir-regolament 45

Proċeduri miftuħa

Limitu ta’ żmien biex jiġu riċevuti l-offerti - mingħajr avviż perjodiku indikattiv					
Limitu ta' żmien	Trasmissjoni elettronika ta’ l-avviż	Dokumenti tal-kuntratt disponibbli elettronikament	Trasmissjoni elettronika flimkien mad-dokumenti ‘elettroniċi’ ta’ kuntratt	Effett fuq l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7	Effett fuq it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 7
52	45	47	40	xejn	xejn

Bil-pubblikazzjoni ta’ avviż perjodiku indikattiv					
A: Limitu ta' żmien ġenerali	Trasmissjoni elettronika ta’ l-avviż	Dokumenti tal-kuntratt disponibbli elettronikament	Trasmissjoni elettronika flimkien mad-dokumenti ‘elettroniċi’ ta’ kuntratt	Effett fuq l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7	Effett fuq it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 7
36	29	31	24	xejn	xejn
B: Limitu ta' żmien minimu	Trasmissjoni elettronika ta’ l-avviż	Dokumenti tal-kuntratt disponibbli elettronikament	Trasmissjoni elettronika flimkien mad-dokumenti ‘elettroniċi’ ta’ kuntratt	Effett fuq l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7	Effett fuq it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 7
22	15	17	10	Il-perjodu ta’ 10 ijiem huwa estiż għal 15-il ġurnata	Il-perjodu ta’ 17-il ġurnata huwa estiż għal 22 ġurnata

Proċeduri ristretti u negozjati

Limitu ta’ żmien biex jiġu riċevuti talbiet għal parteċipazzjoni:					
Limitu ta' żmien ġenerali	Trasmissjoni elettronika ta’ l-avviż	Dokumenti tal-kuntratt disponibbli elettronikament	Trasmissjoni elettronika flimkien mad-dokumenti ‘elettroniċi’ ta’ kuntratt	Effett fuq l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 8	Effett fuq it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 8
37	30	Mhux applikabbli (m.a.)	m.a.	xejn	m.a.
Limitu ta' żmien minimu	Trasmissjoni elettronika ta’ l-avviż	Dokumenti tal-kuntratt disponibbli elettronikament	Trasmissjoni elettronika flimkien mad-dokumenti ‘elettroniċi’ ta’ kuntratt	Effett fuq l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 8	Effett fuq it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 8
22	15	m.a.	m.a.	xejn	m.a.

Limitu ta' żmien minimu	Trasmissjoni elettronika ta' l-avviż	Dokumenti tal-kuntratt disponibbli elettronikament	Trasmissjoni elettronika flimkien mad-dokumenti 'elettroniċi' ta' kuntratt	Effett fuq l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 8	Effett fuq it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 8
15	8	m.a.	m.a.	Il-perjodu ta' 8 ijiem huwa estiż għal 15-il jum	m.a.

Limitu ta' żmien biex jiġu riċevuti offerti

Limitu ta' żmien ġenerali	Trasmissjoni elettronika ta' l-avviż	Dokumenti tal-kuntratt disponibbli elettronikament	Trasmissjoni elettronika flimkien mad-dokumenti 'elettroniċi' ta' kuntratt	Effett fuq l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 8	Effett fuq it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 8
24	m.a.	19	m.a.	m.a.	xejn
Limitu ta' żmien minimu	Trasmissjoni elettronika ta' l-avviż	Dokumenti tal-kuntratt disponibbli elettronikament	Trasmissjoni elettronika flimkien mad-dokumenti 'elettroniċi' ta' kuntratt	Effett fuq l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 8	Effett fuq it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 8
10	m.a.	5	m.a.	m.a.	Il-perjodu ta' 5 ijiem huwa estiż għal 10 ijiem
Ċ: Limitu ta' żmien stabbilit bi ftehim	Trasmissjoni elettronika ta' l-avviż	Dokumenti tal-kuntratt disponibbli elettronikament	Trasmissjoni elettronika flimkien mad-dokumenti 'elettroniċi' ta' kuntratt	Effett fuq l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 8	Effett fuq it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 8
m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

SKEDA XXV

DISPOSIZZJONIJIET TAD-DRITT INTERNAZZJONALI DWAR IX-XOGĦOL SKOND IT-TIFSIRA TAR-REGOLAMENT 59(3)

- Konvenzjoni 87 dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt ta' Organizzazzjoni;

- Konvenzjoni 98 dwar id-Dritt ta' Organizzazzjoni u Negozjati Kollettivi;

- Konvenzjoni 29 dwar ix-Xogħol Furzat;

- Konvenzjoni 105 dwar it-Tneħħija ta' Xogħol Furzat;

- Konvenzjoni 138 dwar l-Età Minima;

- Konvenzjoni 111 dwar Diskriminazzjoni (Impjieg u Xogħol);

- Konvenzjoni 110 dwar Rimunerazzjoni Indaqs;

- Konvenzjoni 182 dwar l-Agħar Forom ta' Xogħol tat-Tfal.

SKEDA XXVI

ĦTIĠIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' TAGĦMIR BIEX JIĠU RIĊEVUTI B'MOD ELETTRONIKU OFFERTI, TALBIET GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI, APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-KWALIFIKA KIF UKOLL GĦAL PJANIJIET U PROĠETTI F'KOMPETIZZJONIJIET

It-tagħmir biex jiġu riċevuti b'mod elettroniku offerti, talbiet għall-parteċipazzjoni, applikazzjonijiet għall-kwalifika kif ukoll pjanijiet u proġetti f'kompetizzjonijiet għandu jiggarantixxi, permezz ta' mezzi tekniċi u proċeduri xierqa, għall-inqas li:

(a) firem elettroniċi li għandhom x'jaqsmu ma' offerti, talbiet għal parteċipazzjoni u applikazzjonijiet għal kwalifika kif ukoll biex jintbagħtu pjanijiet u proġetti josservaw id-disposizzjonijiet nazzjonali adottati skond id-Direttiva 1999/93/KE[1];

(b) jistgħu jiġu stabbiliti b'mod preċiż il-ħin eżatt u d-data eżatta li jiġu riċevuti l-offerti, it-talbiet għal parteċipazzjoni, l-applikazzjonijiet għal kwalifika kif ukoll is-sottomissjoni ta' pjanijiet u proġetti;

(ċ) jista jiġi raġonevolment żgurat li, qabel il-limiti ta' żmien preskritti, ħadd ma jista' jkollu aċċess għad-*data* trasmessa skond dawn il-ħtiġiet;

(d) jekk dik il-projbizzjoni ta' aċċess tinkiser, jista' jkun raġonevolment żgurat li l-ksur jiġi skopert b'mod ċar;

(e) persuni awtorizzati biss jistgħu jistabbilixxu jew jibdlu d-data għall-ftuħ tad-*data* riċevuta;

(f) matul id-diversi stadji tal-proċedura ta' kwalifika, l-proċedura tal-għoti tal-kuntratt jew tal-kompetizzjoni, l-aċċess għad-*data* kollha preżentata, jew parti minnha, jkun possibbli biss permezz ta' azzjoni simultanja minn persuni awtorizzati;

(g) l-azzjoni simultanja minn persuni awtorizzati tagħti aċċess għal *data* trasmessa wara d-data preskritta biss;

(h) id-*data* riċevuta u miftuħa skond dawn il-ħtiġiet għandha tibqa' aċċessibbli għall-persuni awtorizzati biss sabiex isiru familjari magħha.

---

(1) Id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas Komunitarju għal firem elettroniċi (ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12).